Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2026/0074(COD)

29.6.2026

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-qafas legali korporattiv tat-28 reġim – "EU Inc."
(COM(2026)0321 – C10-0080/2026 – 2026/0074(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: René Repasi

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 151

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 154

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-qafas legali korporattiv tat-28 reġim – “EU Inc.”
(COM(2026)0321 – C10-0080/2026 – 2026/0074(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2026)0321),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0080/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta’ …[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60, 41 u 58 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0000/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

[1] [ĠU C, C/2024/..., 2.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/.../oj/ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali].

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni, f'Marzu u f'Ottubru 2025, biex tipproponi f'konformità mal-kompetenzi rispettivi skont it-Trattati mingħajr dewmien it-28 reġim tad-dritt tal-kumpaniji fakultattiv li jippermetti lill-kumpaniji innovattivi jespandu. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew "It-28 Reġim: qafas legali ġdid għall-kumpaniji innovattivi" tal-20 ta' Jannar 2026 talbet proposta ambizzjuża li tiffoka fuq ir-regoli tad-dritt tal-kumpaniji u li tintroduċi forma korporattiva ġdida fil-liġijiet nazzjonali għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata mhux elenkati fis-suq azzjonarju, ***filwaqt li, fost l-oħrajn,*** saħqet fuq il-ħtieġa li l-miżuri jiffaċilitaw is-sjieda ta' ishma għall-impjegati, jiżguraw soluzzjoni aktar effiċjenti tat-tilwim u jipprovdu salvagwardji b'saħħithom biex jiġu protetti d-drittijiet tal-parteċipazzjoni tal-impjegati.	(2) Il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni, f'Marzu u f'Ottubru 2025, biex tipproponi f'konformità mal-kompetenzi rispettivi skont it-Trattati mingħajr dewmien it-28 reġim tad-dritt tal-kumpaniji fakultattiv li jippermetti lill-kumpaniji innovattivi jespandu. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew "It-28 Reġim: qafas legali ġdid għall-kumpaniji innovattivi" tal-20 ta' Jannar 2026 talbet proposta ambizzjuża li tiffoka fuq ir-regoli tad-dritt tal-kumpaniji u li tintroduċi forma korporattiva ġdida fil-liġijiet nazzjonali għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata mhux elenkati fis-suq azzjonarju, saħqet fuq il-ħtieġa li l-miżuri jiffaċilitaw is-sjieda ta' ishma għall-impjegati, jiżguraw soluzzjoni aktar effiċjenti tat-tilwim u jipprovdu salvagwardji b'saħħithom biex jiġu protetti d-drittijiet tal-parteċipazzjoni tal-impjegati***, filwaqt li wissiet dwar ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni tal-elementi ta' protezzjoni domestiċi obbligatorji permezz tal-applikazzjoni tat-28 reġim***.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) ***Is-27*** sistema legali nazzjonali b'regoli, proċeduri u forom ġuridiċi ***nazzjonali*** distinti għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata ***joħolqu*** pajsaġġ korporattiv frammentat ***u kkumplikat fl-Unjoni***, li jirriżulta f'inċertezza u kostijiet legali għall-fundaturi, għall-kumpaniji kif ukoll għall-investituri tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi. Għalhekk, sabiex tingħata spinta lill-kompetittività tal-Unjoni, huwa	(3) ***Id-dritt tal-kumpaniji fl-Unjoni għadu prinċipalment ibbażat fuq 27*** sistema legali nazzjonali b'regoli, proċeduri u forom ġuridiċi distinti ***għall-korporazzjonijiet, inklużi*** kumpaniji b'responsabbiltà limitata***. Filwaqt li din id-diversità ta' forom korporattivi tirrifletti l-mudelli u t-tradizzjonijiet legali, ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri, kif ukoll il-limiti għall-armonizzazzjoni***

meħtieġ li jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju u titnaqqas il-frammentazzjoni permezz tal-approssimazzjoni tal-liġijiet, b'mod partikolari billi jiġi introdott sett armonizzat ta' regoli korporattivi***, inkluża*** forma ġuridika nazzjonali armonizzata ġdida li tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja ta' kumpanija inklużi l-likwidazzjoni u l-insolvenza. Huma meħtieġa wkoll regoli armonizzati biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jattiraw investiment privat permezz ta' regoli u proċeduri komuni rapidi, diġitali u kosteffettivi, li jagħmluha aktar faċli għall-kumpaniji bi tkabbir għoli li jespandu fis-suq intern u jippermettu kemm lill-investituri tal-Unjoni kif ukoll lil dawk ta' pajjiżi terzi jinvestu f'kumpaniji kif ukoll joffru lil tali investituri opzjonijiet ta' ħruġ aktar flessibbli biex jillikwidaw l-investiment tagħhom.	***stabbiliti fit-Trattati, tħalli parti mill-potenzjal tas-suq intern mhux sfruttat u tikkontribwixxi għal*** pajsaġġ korporattiv frammentat ***madwar l-Unjoni***, li jirriżulta f'inċertezza u kostijiet legali għall-fundaturi, għall-kumpaniji kif ukoll għall-investituri tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi. Għalhekk, sabiex tingħata spinta lill-kompetittività tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju u titnaqqas il-frammentazzjoni permezz tal-approssimazzjoni tal-liġijiet, b'mod partikolari billi jiġi introdott sett armonizzat ta' regoli korporattivi ***għal*** forma ġuridika nazzjonali armonizzata ġdida li tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja ta' kumpanija inklużi l-likwidazzjoni u l-insolvenza. Huma meħtieġa wkoll regoli armonizzati biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jattiraw investiment privat permezz ta' regoli u proċeduri komuni rapidi, diġitali u kosteffettivi, li jagħmluha aktar faċli għall-kumpaniji bi tkabbir għoli li jespandu fis-suq intern u jippermettu kemm lill-investituri tal-Unjoni kif ukoll lil dawk ta' pajjiżi terzi jinvestu f'kumpaniji kif ukoll joffru lil tali investituri opzjonijiet ta' ħruġ aktar flessibbli biex jillikwidaw l-investiment tagħhom. Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-proposti preċedenti tal-Kummissjoni kellhom l-għan li jintroduċu qafas regolatorju armonizzat għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata, bħall-proposta għal regolament dwar l-istatut għal kumpanija privata Ewropea – SPE u l-proposta għal Direttiva dwar kumpaniji privati b'responsabbiltà

limitata b'membru uniku – SUP, fallew, l-aktar minħabba d-dimensjoni soċjali nieqsa tagħhom u l-inadegwatezza tas-salvagwardji pprovduti. Għalhekk, kwalunkwe inizjattiva ġdida li tfittex li tarmonizza sett sostanzjali ta' regoli tad-dritt tal-kumpaniji jenħtieġ li titfassal b'mod olistiku billi jitqiesu kif xieraq l-implikazzjonijiet soċjali tagħha u jiġi indirizzat ir-riskju ta' għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni li jirriżulta mill-ħolqien ta' reġim korporattiv addizzjonali.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jenħtieġ li jiġi ***stabbilit*** qafas korporattiv armonizzat b'forma ġuridika armonizzata ġdida ta' kumpanija "EU ***Inc.***" b'responsabbiltà limitata. Din il-forma ġuridika ġdida tal-kumpaniji jenħtieġ li tiġi introdotta fl-ordni ġuridiku nazzjonali tal-Istati Membri kollha. Il-qafas u l-karatteristiċi speċifiċi tal-forma ġuridika nazzjonali ġdida jibbażaw fuq id-diversità tar-regoli u tal-proċeduri nazzjonali u jarmonizzaw dawk ir-regoli u l-proċeduri sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-istart-ups u l-iscale-ups, u l-investituri tagħhom tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi. Bħala forom ġuridiċi nazzjonali oħra, l-EU Inc. jenħtieġ li tiġi inkorporata fi Stat Membru u ġeneralment tkun irregolata mil-liġi tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tibbenefika minn sett armonizzat ta' regoli introdotti minn dan ir-Regolament. Tali armonizzazzjoni tkun tiffaċilita n-negozju transfruntier fis-suq intern u l-investiment mill-investituri tal-	(4) Jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas korporattiv armonizzat b'forma ġuridika armonizzata ġdida ta' kumpanija "EU ***Incorporated***" b'responsabbiltà limitata, ***bit-taqsira "EU Inc."***. Din il-forma ġuridika ġdida tal-kumpaniji jenħtieġ li tiġi introdotta fl-ordni ġuridiku nazzjonali tal-Istati Membri kollha. Il-qafas u l-karatteristiċi speċifiċi tal-forma ġuridika nazzjonali ġdida jibbażaw fuq id-diversità tar-regoli u tal-proċeduri nazzjonali u jarmonizzaw dawk ir-regoli u l-proċeduri sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-istart-ups u l-iscale-ups, u l-investituri tagħhom tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi. Bħala forom ġuridiċi nazzjonali oħra, l-EU Inc. jenħtieġ li tiġi inkorporata fi Stat Membru u***, fir-rigward tar-regoli tad-dritt tal-kumpaniji mhux koperti minn dan ir-Regolament,*** ġeneralment tkun irregolata mil-liġi tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tibbenefika minn sett armonizzat ta' regoli introdotti minn dan

Unjoni u ta' pajjiżi terzi f'tali kumpaniji u tiżgura li dawk ir-regoli u l-proċeduri jirriżultaw f'piż u f'kostijiet amministrattivi mnaqqsa għall-fundaturi u għall-kumpaniji kif ukoll għall-investituri.

ir-Regolament. Tali armonizzazzjoni tkun tiffaċilita n-negozju transfruntier fis-suq intern u l-investiment mill-investituri tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi f'tali kumpaniji u tiżgura li dawk ir-regoli u l-proċeduri jirriżultaw f'piż u f'kostijiet amministrattivi mnaqqsa għall-fundaturi u għall-kumpaniji kif ukoll għall-investituri.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-qafas tal-EU Inc. stabbilit f'dan ir-Regolament iwieġeb b'mod partikolari għall-ħtiġijiet ta' kumpaniji start-up u scale-up iżda jenħtieġ li jkun legalment miftuħ għall-fundaturi u għall-kumpaniji kollha li jarawh li huwa adattat għall-mudell tan-negozju tagħhom. Kemm il-persuni fiżiċi kif ukoll dawk ġuridiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jifformaw kumpanija EU Inc. Jenħtieġ li jkun possibbli li tinħoloq kumpanija EU Inc. ex nihilo u kumpaniji eżistenti jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jinbidlu f'kumpaniji EU Inc. Barra minn hekk, il-kumpaniji eżistenti, inklużi l-kumpaniji EU Inc., jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu wkoll sussidjarji tal-EU Inc., li jagħmlu l-forma ġuridika tal-kumpanija EU Inc. disponibbli għal gruppi ta' kumpaniji. Barra minn hekk, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-iscale-ups ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-qafas tal-EU Inc., jenħtieġ li jkun possibbli li tinħoloq kumpanija EU Inc. permezz ta' diviżjoni domestika jew fużjoni, jew billi titwettaq konverżjoni, fużjoni jew diviżjoni transfruntiera f'konformità mar-regoli diġà armonizzati mid-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].	(5) Il-qafas tal-EU Inc. stabbilit f'dan ir-Regolament iwieġeb b'mod partikolari għall-ħtiġijiet ta' kumpaniji start-up u scale-up iżda jenħtieġ li jkun legalment miftuħ għall-fundaturi u għall-kumpaniji kollha li jarawh li huwa adattat għall-mudell tan-negozju tagħhom. ***Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-forma ġuridika "EU Inc." tkun immirata lejn kumpaniji innovattivi u orjentati lejn it-tkabbir, l-attivitajiet ekonomiċi li jitqiesu li x'aktarx ma jiżviluppawx prodott, servizz jew proċess ġdid jew imtejjeb u li jikkorrispondu għal setturi ekonomiċi b'riskju akbar ta' ċirkomvenzjoni tal-liġi tax-xogħol tal-Unjoni u dik nazzjonali kif ukoll tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-Anness II ta' dan ir-Regolament biex taġġorna, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali, il-lista ta' attivitajiet ekonomiċi li għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***. Kemm il-persuni fiżiċi kif ukoll dawk ġuridiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jifformaw kumpanija EU Inc.

Jenħtieġ li jkun possibbli li tinħoloq kumpanija EU Inc. ex nihilo u kumpaniji eżistenti jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jinbidlu f'kumpaniji EU Inc. Barra minn hekk, il-kumpaniji eżistenti, inklużi l-kumpaniji EU Inc., jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu wkoll sussidjarji tal-EU Inc., li jagħmlu l-forma ġuridika tal-kumpanija EU Inc. disponibbli għal gruppi ta' kumpaniji. Barra minn hekk, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-iscale-ups ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-qafas tal-EU Inc., jenħtieġ li jkun possibbli li tinħoloq kumpanija EU Inc. permezz ta' diviżjoni domestika jew fużjoni, jew billi titwettaq konverżjoni, fużjoni jew diviżjoni transfruntiera f'konformità mar-regoli diġà armonizzati mid-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

[5] Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46), ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1132/oj

Jenħtieġ li jkun possibbli li tinħoloq kumpanija EU Inc. ex nihilo u kumpaniji eżistenti jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jinbidlu f'kumpaniji EU Inc. Barra minn hekk, il-kumpaniji eżistenti, inklużi l-kumpaniji EU Inc., jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu wkoll sussidjarji tal-EU Inc., li jagħmlu l-forma ġuridika tal-kumpanija EU Inc. disponibbli għal gruppi ta' kumpaniji. Barra minn hekk, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-iscale-ups ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-qafas tal-EU Inc., jenħtieġ li jkun possibbli li tinħoloq kumpanija EU Inc. permezz ta' diviżjoni domestika jew fużjoni, jew billi titwettaq konverżjoni, fużjoni jew diviżjoni transfruntiera f'konformità mar-regoli diġà armonizzati mid-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

[5] Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46), ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1132/oj

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġi żgurat qafas legali korporattiv komuni u unifikat għall-kumpaniji EU Inc. irrispettivament mill-Istat Membru li fih ikunu inkorporati, jenħtieġ li l-aspetti relatati ma' materji korporattivi ġeneralment ikunu rregolati minn dan ir-Regolament jew mill-istatut ta' assoċjazzjoni tal-kumpaniji EU Inc. Id-dritt nazzjonali jenħtieġ li japplika għall-materji kollha fejn dan ikun previst minn dan ir-	(6) Sabiex jiġi żgurat qafas legali korporattiv komuni u unifikat għall-kumpaniji EU Inc. irrispettivament mill-Istat Membru li fih ikunu inkorporati, jenħtieġ li l-aspetti relatati ma' materji korporattivi ġeneralment ikunu rregolati minn dan ir-Regolament jew mill-istatut ta' assoċjazzjoni tal-kumpaniji EU Inc***, meta espressament awtorizzat minn dan ir-Regolament***. Id-dritt nazzjonali jenħtieġ li

Regolament u għall-materji mhux koperti minn dan ir-Regolament.	japplika għall-materji kollha fejn dan ikun previst minn dan ir-Regolament u għall-materji mhux koperti minn dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-kumpaniji EU Inc. ifformati fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u li joperaw madwar l-Unjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha. Għal dan il-għan, dawn il-kumpaniji jenħtieġ li jżidu ma' isimhom ***id-denominazzjoni*** komuni, distinta u ċara "EU Inc.". Din id-denominazzjoni jenħtieġ li tintuża mingħajr tibdil u jenħtieġ li ma tiġix tradotta. Id-denominazzjoni "EU Inc." tkun iżżid it-trasparenza u ssaħħaħ il-fiduċja billi tiżgura li s-sħab kummerċjali, l-investituri, partijiet ikkonċernati u konsumaturi oħra kif ukoll l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jafu li qegħdin jittrattaw ma' kumpanija bl-istess karatteristiċi armonizzati madwar l-Unjoni. Mar-reġistrazzjoni, kumpanija ***UE*** Inc. għandha tikseb personalità ġuridika, li tkun entità ġuridika bl-isem li jinsab fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha u li jkollha suċċessjoni perpetwa.	(7) Jenħtieġ li l-kumpaniji EU Inc. ifformati fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u li joperaw madwar l-Unjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha. Għal dan il-għan, dawn il-kumpaniji jenħtieġ li jżidu ma' isimhom ***l-abbrevjazzjoni*** komuni, distinta u ċara "EU Inc.". Din id-denominazzjoni jenħtieġ li tintuża mingħajr tibdil u jenħtieġ li ma tiġix tradotta. Id-denominazzjoni "EU Inc." tkun iżżid it-trasparenza u ssaħħaħ il-fiduċja billi tiżgura li s-sħab kummerċjali, l-investituri, partijiet ikkonċernati u konsumaturi oħra kif ukoll l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jafu li qegħdin jittrattaw ma' kumpanija bl-istess karatteristiċi armonizzati madwar l-Unjoni. Mar-reġistrazzjoni, kumpanija ***EU*** Inc. għandha tikseb personalità ġuridika, li tkun entità ġuridika bl-isem li jinsab fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha u li jkollha suċċessjoni perpetwa.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali meta tintuża d-denominazzjoni komuni “EU Inc.” fis-suq intern, huwa importanti li mhux aktar minn kumpanija waħda topera taħt l-istess isem. Għalhekk, l-isem tal-kumpanija bid-denominazzjoni “EU Inc.” jenħtieġ li jkun soġġett għal regoli speċifiċi biex jiġi żgurat li l-isem ikun tajjeb għall-użu tiegħu u uniku għal kull kumpanija. Bl-istess mod, is-sussidjarji fi grupp jenħtieġ li jkollhom ismijiet distinti, filwaqt li l-ismijiet tal-fergħat jenħtieġ li jinkludu l-isem uniku tal-kumpanija EU Inc. li huma parti minnha. L-ismijiet li huma qarrieqa, pereżempju meta l-isem tal-kumpanija jirreferi għal funzjoni pubblika jew sjieda li ma teżistix jew li tissuġġerixxi għan jew objettiv tal-kumpanija li ma huwiex f’konformità mal-istatut ta’ assoċjazzjoni tagħha, jenħtieġ li jiġu pprojbiti. Il-verifika awtomatika bbażata fuq konnessjoni bejn is-Sistema ta’ Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS) u l-għodod tal-IT żviluppati mill-bażi tad-data ċentrali tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għat-trademarks irreġistrati jenħtieġ li tagħmilha aktar faċli li jiġi vverifikat li l-isem propost tal-kumpanija EU Inc. ma jkunx f’kunflitt ma’ trademark diġà rreġistrata. Tali konnessjoni jenħtieġ li sservi wkoll għal finijiet indikattivi għall-EUIPO biex tinforma lill-applikanti għat-trademarks jekk trademark hijiex identika jew simili għall-isem ta’ kumpanija EU Inc. eżistenti.	(8) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali meta tintuża d-denominazzjoni komuni “EU Inc.” fis-suq intern, huwa importanti li mhux aktar minn kumpanija waħda topera taħt l-istess isem. Għalhekk, l-isem tal-kumpanija bid-denominazzjoni “EU Inc.” jenħtieġ li jkun soġġett għal regoli speċifiċi biex jiġi żgurat li l-isem ikun tajjeb għall-użu tiegħu u uniku għal kull kumpanija. Bl-istess mod, is-sussidjarji fi grupp jenħtieġ li jkollhom ismijiet distinti, filwaqt li l-ismijiet tal-fergħat jenħtieġ li jinkludu l-isem uniku tal-kumpanija EU Inc. li huma parti minnha. L-ismijiet li huma qarrieqa, pereżempju meta l-isem tal-kumpanija jirreferi għal funzjoni pubblika jew sjieda li ma teżistix jew li tissuġġerixxi għan jew objettiv tal-kumpanija li ma huwiex f’konformità mal-istatut ta’ assoċjazzjoni tagħha, jenħtieġ li jiġu pprojbiti. Il-verifika awtomatika bbażata fuq konnessjoni bejn is-Sistema ta’ Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS) u l-għodod tal-IT żviluppati mill-bażi tad-data ċentrali tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għat-trademarks irreġistrati jenħtieġ li tagħmilha aktar faċli li jiġi vverifikat li l-isem propost tal-kumpanija EU Inc. ma jkunx f’kunflitt ma’ trademark diġà rreġistrata. Tali konnessjoni jenħtieġ li sservi wkoll għal finijiet indikattivi għall-EUIPO biex tinforma lill-applikanti għat-trademarks jekk trademark hijiex identika jew simili ***għall-isem ta’ trademark,*** għall-isem ta’ kumpanija EU Inc. ***jew għal forma korporattiva oħra*** eżistenti.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Kull kumpanija EU Inc., bħal kwalunkwe kumpanija oħra tal-Unjoni, jenħtieġ li tkun soġġetta għal-libertajiet fundamentali inkluża l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, kumpanija EU Inc. tista' tiġi stabbilita fi kwalunkwe Stat Membru u tagħżel fejn twettaq l-attivitajiet ekonomiċi ewlenin tagħha. Dan ifisser li l-fundaturi ta' kumpanija ***UE*** Inc. jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu f'liema Stat Membru jinkorporaw EU Inc., u għalhekk, f'liema Stat Membru jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha. EU Inc. ma tistax tkun meħtieġa li jkollha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha jew il-post prinċipali tan-negozju tagħha fl-istess Stat Membru bħall-uffiċċju rreġistrat tagħha. L-Istati Membri kollha jenħtieġ li jirrikonoxxu l-kapaċità ġuridika ta' kumpanija ***UE*** Inc. inkorporata legalment ***fi*** Stat Membru ***ieħor***.	(11) Kull kumpanija EU Inc., bħal kwalunkwe kumpanija oħra tal-Unjoni, jenħtieġ li tkun soġġetta għal-libertajiet fundamentali ***garantiti mit-Trattati u tibqa' soġġetta għal kwalunkwe restrizzjoni ġustifikata fuqhom f'konformità mad-dritt tal-Unjoni,*** inkluża l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, kumpanija EU Inc. tista' tiġi stabbilita fi kwalunkwe Stat Membru u tagħżel fejn twettaq l-attivitajiet ekonomiċi ewlenin tagħha. Dan ifisser li l-fundaturi ta' kumpanija ***EU*** Inc. jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu f'liema Stat Membru jinkorporaw EU Inc., u għalhekk, f'liema Stat Membru jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha. ***Kumpanija*** EU Inc. ma tistax tkun meħtieġa li jkollha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha jew il-post prinċipali tan-negozju tagħha fl-istess Stat Membru bħall-uffiċċju rreġistrat tagħha. ***In-nuqqas ta' kwalunkwe rekwiżit ta' rabta ġenwina bejn il-post tal-uffiċċju rreġistrat ta' kumpanija EU Inc. u l-attività ekonomika tagħha, b'mod partikolari l-post tal-impjieg tal-impjegati tagħha, jiftaħ il-possibbiltà għal għażla opportunistika tar-reġim li fl-aħħar mill-aħħar jista' jiffaċilita l-arbitraġġ regolatorju u ċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli obbligatorji. Peress li l-għoti ta' isem ta' EU Inc. lil kumpanija jenħtieġ li jsir siġill ta' kwalità, huwa fl-interess tal-intrapriżi innovattivi li l-aktar każijiet ovvji ta' arbitraġġ regolatorju u ċirkomvenzjoni jiġu indirizzati minn dan ir-Regolament.*** L-Istati Membri kollha jenħtieġ li jirrikonoxxu l-kapaċità ġuridika ta' kumpanija EU Inc. inkorporata legalment, ***irrispettivament f'liema*** Stat Membru ***hija inkorporata, filwaqt li jżommu, bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-kapaċità tagħhom li jimponu regoli fuq kumpaniji EU Inc. li huma ġġustifikati minn rekwiżiti imperattivi ta' interess ġenerali u li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa***

meħtieġ biex jiksbuhom, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Huma meħtieġa proċeduri kompletament diġitali biex jippermettu t-twaqqif ta' kumpaniji, operazzjonijiet u proċeduri ta' investiment verament effiċjenti u kompetittivi li jistgħu jattiraw kemm il-fundaturi kif ukoll l-investituri. Għalhekk, filwaqt li diġà sar progress konsiderevoli fid-diġitalizzazzjoni tad-dritt tal-kumpaniji tal-Unjoni eżistenti, inkluż permezz tad-Direttivi (UE) 2019/1151[6] u (UE) 2025/25 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], il-qafas legali korporattiv għall-EU Inc. jenħtieġ li jarmonizza ulterjorment ir-regoli u l-proċeduri billi jipprovdi regoli u proċessi "diġitali biss" applikabbli matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-kumpanija inkluż fir-rigward ta' komunikazzjonijiet u proċeduri relatati mal-investiment. Jenħtieġ li japplikaw ukoll proċeduri kompletament diġitali meta t-tlestija ta' proċedura tkun tirrikjedi pagament. F'dak ir-rigward, huwa xieraq li jiġi żgurat li tali pagament ikun jista' jsir permezz ta' servizzi ta' pagament transfruntieri disponibbli b'mod wiesa'***, bħal karti ta' kreditu, trasferimenti bankarji u kwalunkwe strument ta' pagament ieħor użat b'mod komuni***.	(12) Huma meħtieġa proċeduri kompletament diġitali biex jippermettu t-twaqqif ta' kumpaniji, operazzjonijiet u proċeduri ta' investiment verament effiċjenti u kompetittivi li jistgħu jattiraw kemm il-fundaturi kif ukoll l-investituri. Għalhekk, filwaqt li diġà sar progress konsiderevoli fid-diġitalizzazzjoni tad-dritt tal-kumpaniji tal-Unjoni eżistenti, inkluż permezz tad-Direttivi (UE) 2019/1151[6] u (UE) 2025/25 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], il-qafas legali korporattiv għall-EU Inc. jenħtieġ li jarmonizza ulterjorment ir-regoli u l-proċeduri billi jipprovdi regoli u proċessi "diġitali biss" applikabbli matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-kumpanija inkluż fir-rigward ta' komunikazzjonijiet u proċeduri relatati mal-investiment***, filwaqt li jiżgura li ma jinħoloq l-ebda trikkib jew duplikazzjoni***. Jenħtieġ li japplikaw ukoll proċeduri kompletament diġitali meta t-tlestija ta' proċedura tkun tirrikjedi pagament. F'dak ir-rigward, huwa xieraq li jiġi żgurat li tali pagament ikun jista' jsir permezz ta' servizzi ta' pagament transfruntieri disponibbli b'mod wiesa'.
[6] Id-Direttiva (UE) 2019/1151 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward tal-użu ta' għodod u	[6] Id-Direttiva (UE) 2019/1151 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward tal-użu ta' għodod u

proċessi diġitali fil-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 80), ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1151/oj

[7] Id-Direttiva (UE) 2025/25 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li temenda d-Direttivi 2009/102/KE u (UE) 2017/1132 fir-rigward ta' aktar espansjoni u titjib tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fil-liġi tal-kumpaniji (ĠU L, 2025/25, 10.1.2025), ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2025/25/oj

proċessi diġitali fil-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 80), ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1151/oj

[7] Id-Direttiva (UE) 2025/25 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li temenda d-Direttivi 2009/102/KE u (UE) 2017/1132 fir-rigward ta' aktar espansjoni u titjib tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fil-liġi tal-kumpaniji (ĠU L, 2025/25, 10.1.2025), ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2025/25/oj

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-qafas legali korporattiv tal-EU Inc. jipprovdi forma ġuridika faċilment rikonoxxibbli iżda wkoll affidabbli u li ta' min wieħed joqgħod fuqha għall-fundaturi, għall-kumpaniji, għall-investituri u partijiet ikkonċernati oħra u li din il-forma ġuridika ma ***tistax tintuża*** għaċ-ċirkomvenzjoni tad-drittijiet, inklużi b'mod partikolari d-drittijiet tal-impjegati għall-parteċipazzjoni fil-bordijiet tal-kumpaniji. Għalhekk, ***fejn jeżistu regoli*** dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati fl-Istat Membru ***li fih*** EU Inc. ***ikollha l-uffiċċju*** rreġistrat tagħha***, dawk ir-regoli japplikaw għal dik il-kumpanija***. Dan jiżgura trattament ugwali bejn il-kumpaniji EU Inc. u forom ta' kumpaniji nazzjonali komparabbli u jissalvagwardja ***l-protezzjonijiet*** nazzjonali eżistenti u d-drittijiet miksuba tal-impjegati. B'dan qiegħed jiġi mfakkar ukoll li r-Regolament (KE) 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] japplika għal relazzjonijiet ta' impjieg individwali li jinvolvu kumpanija EU Inc.	(16) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-qafas legali korporattiv tal-EU Inc. jipprovdi forma ġuridika faċilment rikonoxxibbli iżda wkoll affidabbli u li ta' min wieħed joqgħod fuqha għall-fundaturi, għall-kumpaniji, għall-investituri u partijiet ikkonċernati oħra u li din il-forma ġuridika ma ***tintużax*** għaċ-ċirkomvenzjoni tad-drittijiet, inklużi b'mod partikolari d-drittijiet tal-impjegati għall-parteċipazzjoni fil-bordijiet tal-kumpaniji. Għalhekk, ***u sabiex jiġu pprevenuti l-abbuż u ċ-ċirkomvenzjoni tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati, fid-diversi forom tagħhom, li għandhom għeruq fondi fis-sistemi nazzjonali tal-maġġoranza tal-Istati Membri, ir-regoli*** dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati ***jenħtieġ li jkunu applikabbli*** fl-Istat Membru ***tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija*** EU Inc. ***Kumpanija EU Inc. b'impjegati fi Stat Membru għajr dak tal-uffiċċju*** rreġistrat tagħha ***jenħtieġ li tintroduċi drittijiet ta' rappreżentanza tal-impjegati fil-livell tal-bord, f'konformità***

mad-dritt nazzjonali applikabbli tal-post tal-impjieg, fejn jintlaħqu l-livelli limitu li jattivaw rappreżentanza tal-impjegati fil-livell tal-bord. Meta l-kumpanija EU Inc. ikollha impjegati f'aktar minn żewġ Stati Membri li l-liġijiet tagħhom jipprevedu rappreżentanza tal-impjegati fil-livell tal-bord, jenħtieġ li japplikaw l-arranġamenti li jipprovdu l-ogħla livell ta' parteċipazzjoni tal-impjegati. Dan jiżgura trattament ugwali bejn il-kumpaniji EU Inc. ***u l-impjegati tagħhom*** u forom ta' kumpaniji nazzjonali komparabbli u jissalvagwardja ***l-elementi ta' protezzjoni*** nazzjonali eżistenti u d-drittijiet miksuba tal-impjegati. B'dan qiegħed jiġi mfakkar ukoll li r-Regolament (KE) 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] japplika għal relazzjonijiet ta' impjieg individwali li jinvolvu kumpanija EU Inc.

[9] Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6–16), ELI: Ir-Regolament - 593/2008 - EN - ir-Regolament Ruma I - EUR-LEX

[9] Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6–16), ELI: Ir-Regolament - 593/2008 - EN - ir-Regolament Ruma I - EUR-LEX

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-formazzjoni ta' EU Inc. u b'mod partikolari l-istatut ta' assoċjazzjoni, u kwalunkwe emenda tagħhom, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal kontroll ġudizzjarju jew notarili amministrattiv preventiv u għal kontroll tal-legalità, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, biex tiġi żgurata l-affidabbiltà tagħhom u jiġi ffaċilitat l-użu tagħhom	(20) Il-formazzjoni ta' ***kumpanija*** EU Inc. u b'mod partikolari l-istatut ta' assoċjazzjoni, u kwalunkwe emenda tagħhom, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal kontroll ġudizzjarju jew notarili amministrattiv preventiv u għal kontroll tal-legalità, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, biex tiġi żgurata l-affidabbiltà

speċjalment f'sitwazzjonijiet transfruntieri. Bħal kwalunkwe forma oħra ta' kumpanija, il-kontroll preventiv huwa essenzjali għall-prevenzjoni ta' kumpaniji fittizji abbużivi jew frodulenti marbuta mal-evażjoni tat-taxxa jew mal-ħasil tal-flus. Fl-istess ħin, kontroll preventiv armonizzat u effiċjenti huwa kruċjali wkoll biex jitnaqqsu l-formalitajiet amministrattivi fl-użu tal-informazzjoni tal-kumpaniji mill-kumpaniji, bħal pereżempju s-sħab kummerċjali, il-krediturи u l-awtoritajiet pubbliċi, u biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku, u għalhekk, l-applikazzjoni effiċjenti tal-prinċipju ta' "darba biss".

tagħhom u jiġi ffaċilitat l-użu tagħhom speċjalment f'sitwazzjonijiet transfruntieri. ***Tali kontroll preventiv jenħtieġ li ma jkunx limitat għal eżami formali tad-dokumenti ppreżentati iżda jenħtieġ li jivverifika wkoll, qabel ir-reġistrazzjoni, il-legalità tal-formazzjoni tal-kumpanija EU Inc., inklużi l-identità u l-kapaċità ġuridika tal-applikanti u l-awtenticità, l-akkuratezza u l-affidabbiltà tal-informazzjoni ppreżentata għar-reġistrazzjoni. Kontroll preventiv effettiv huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-fiduċja fil-proċeduri diġitali tal-formazzjoni tal-kumpaniji u l-integrità tar-reġistri tal-kumpaniji madwar l-Unjoni.*** Bħal kwalunkwe forma oħra ta' kumpanija, il-kontroll preventiv huwa essenzjali għall-prevenzjoni ta' kumpaniji fittizji abbużivi jew frodulenti marbuta mal-evażjoni tat-taxxa jew mal-ħasil tal-flus ***li għandhom l-għan li jevadu d-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, jew maħsuba għal finijiet kriminali. Dan jikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet ġuridiċi għaċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet, il-ħabi tas-sjieda benefiċjarja, il-frodi tal-identità jew forom oħra ta' abbuż korporattiv***. Fl-istess ħin, kontroll preventiv armonizzat u effiċjenti huwa kruċjali wkoll biex jitnaqqsu l-formalitajiet amministrattivi fl-użu tal-informazzjoni tal-kumpaniji mill-kumpaniji, bħal pereżempju s-sħab kummerċjali, il-krediturи u l-awtoritajiet pubbliċi, u biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku, u għalhekk, l-applikazzjoni effiċjenti tal-prinċipju ta' "darba biss".

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-interfaċċa ċentrali tal-UE jenħtieġ li tipprevedi proċedura ta' formazzjoni tal-kumpaniji "rapida" li tinkludi kontroll amministrattiv, ġudizzjarju jew notarili preventiv fi żmien ***48 siegħa*** u b'kost massimu ta' EUR 100 meta l-EU Inc. tiġi fformata bl-użu tal-formola ta' applikazzjoni armonizzata u l-mudelli tal-UE għall-istatut ta' assoċjazzjoni. Il-formola tal-applikazzjoni u l-mudelli tal-UE jenħtieġ li jkunu disponibbli f'format li jinqara minn magna u li jista' jsir tiftix fih biex titrawwem l-interoperabbiltà transfruntiera u jiġi ffaċilitat l-iskambju awtomatiku tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi u jenħtieġ li jkunu disponibbli fuq l-interfaċċa ċentrali tal-UE. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-kumpaniji eżistenti, inklużi l-kumpaniji EU Inc., ikunu jistgħu jistabbilixxu sussidjarja permezz tal-istess proċedura. F'dan il-kuntest, l-informazzjoni dwar il-kumpanija li tistabbilixxi s-sussidjarja jenħtieġ li tinkiseb awtomatikament minn BRIS mir-reġistru kummerċjali li fih għandha tiġi rreġistrata s-sussidjarja. Barra minn hekk, il-fundaturi u l-kumpaniji jenħtieġ li jkollhom ukoll il-possibbiltà li jifformaw kumpanija bi statut ta' assoċjazzjoni mfassal apposta jew li jistabbilixxu kumpanija direttament mar-reġistri kummerċjali nazzjonali.	(22) L-interfaċċa ċentrali tal-UE jenħtieġ li tipprevedi proċedura ta' formazzjoni tal-kumpaniji "rapida" li tinkludi kontroll amministrattiv, ġudizzjarju jew notarili preventiv fi żmien ***jumejn ta' xogħol*** u b'kost massimu ta' EUR 100 meta l-EU Inc. tiġi fformata bl-użu tal-formola ta' applikazzjoni armonizzata u l-mudelli tal-UE għall-istatut ta' assoċjazzjoni. ***Bħala eċċezzjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li dak il-perjodu jiġi estiż għaż-żmien strettament meħtieġ biex jitwettqu kontrolli addizzjonali skont l-Artikolu 14 f'każijiet li jippreżentaw riskju ogħla ta' frodi jew abbuż***. Il-formola tal-applikazzjoni u l-mudelli tal-UE jenħtieġ li jkunu disponibbli f'format li jinqara minn magna u li jista' jsir tiftix fih biex titrawwem l-interoperabbiltà transfruntiera u jiġi ffaċilitat l-iskambju awtomatiku tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi u jenħtieġ li jkunu disponibbli fuq l-interfaċċa ċentrali tal-UE. ***Il-kost massimu ta' EUR 100 jenħtieġ li jkopri r-rekwiżiti kollha għall-proċedura rapida tal-formazzjoni tal-kumpaniji u l-ebda formalità nazzjonali addizzjonali, inkluża l-pubblikazzjoni f'bullettini uffiċjali, ma jenħtieġ li tkun meħtieġa għar-reġistrazzjoni ta' kumpanija EU Inc. peress li l-informazzjoni rilevanti jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku permezz tal-BRIS u r-reġistri kummerċjali nazzjonali***. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-kumpaniji eżistenti, inklużi l-kumpaniji EU Inc., ikunu jistgħu jistabbilixxu sussidjarja permezz tal-istess proċedura. F'dan il-kuntest, l-informazzjoni dwar il-kumpanija li tistabbilixxi s-sussidjarja jenħtieġ li tinkiseb awtomatikament minn BRIS mir-reġistru kummerċjali li fih għandha tiġi rreġistrata s-sussidjarja. Barra minn hekk, il-fundaturi u l-kumpaniji jenħtieġ li jkollhom ukoll il-possibbiltà li jifformaw kumpanija bi statut ta' assoċjazzjoni mfassal apposta jew li jistabbilixxu

kumpanija direttament mar-reġistri kummerċjali nazzjonali.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 31a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31a) Sabiex jiġu promossi l-libertà intraprenditorjali, il-bini fit-tul tal-kumpaniji, ir-reżiljenza korporattiva u d-diversità tal-mudelli tan-negozju fis-suq intern, huwa xieraq li kumpanija EU Inc. titħalla tiġi stabbilita bħala kumpanija EU Inc. bi sjieda ta' stewards ("EU Inc. SO"). Is-sjieda ta' stewards hija kkaratterizzata mis-separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll mid-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika. Id-drittijiet ta' kontroll jenħtieġ li jiġu eżerċitati minn stewards li jkunu fdati bil-preżervazzjoni tal-indipendenza u tal-iskop fit-tul tal-kumpanija u li ma jkunux intitolati jipparteċipaw fil-profitti jew fil-valur residwu tal-kumpanija. Id-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika jistgħu jingħataw lill-investituri jew lil persuni oħra permezz ta' ishma li jistgħu jinfdew. Ladarba EU Inc. tkun ġiet stabbilita jew irreġistrata bħala kumpanija EU Inc. SO, is-separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika jenħtieġ li tifforma parti mill-qafas legali obbligatorju applikabbli għal dik il-kumpanija. Għalhekk, l-istewards li jaġixxu bħala l-laqgħa ġenerali, il-bord tad-diretturi, id-detenturi ta' ishma ekonomiċi u l-korpi l-oħra kollha ta' kumpanija jenħtieġ li ma jkunx jistgħu jneħħu, jirrinunzjaw, jissospendu jew jevitaw dik is-separazzjoni billi jemendaw l-istatut ta' assoċjazzjoni, jadottaw

riżoluzzjonijiet jew iwettqu atti korporattivi ekwivalenti.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 31b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31b) Il-preżervazzjoni permanenti tal-karattru ta' sjieda ta' stewards ta' kumpanija EU Inc. SO jenħtieġ li ma tiddependix minn sehem ta' veto jew fuq dritt ta' veto kuntrattwali miżmum minn parti terza. Minflok, jenħtieġ li dan jirriżulta direttament minn dan ir-Regolament, mill-istatut ta' assoċjazzjoni u mir-reġistrazzjoni tal-kumpanija bħala EU Inc. SO. Ir-reġistru kummerċjali u, meta jkun applikabbli, il-qorti jew l-awtorità amministrattiva kompetenti jenħtieġ li tirrifjuta li tirreġistra emendi, konverżjonijiet, fużjonijiet, diviżjonijiet jew tranżazzjonijiet oħra li jneħħu jew idgħajfu materjalment is-separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika. Is-sorveljanza u l-infurzar jenħtieġ li jiżguraw konformità ma' dik is-separazzjoni.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 31c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31c) Dan ir-Regolament jirrikonoxxi li l-preżervazzjoni ta' separazzjoni

legalment vinkolanti u permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika tista' tikkostitwixxi objettiv leġittimu tad-dritt tal-kumpaniji. Għalhekk, jenħtieġ li r-regoli ta' dan ir-Regolament jiżguraw li kumpanija EU Inc. SO tkun tista' twettaq konverżjoni, fużjoni jew diviżjoni biss meta l-kumpanija jew il-persuna ġuridika li tirriżulta, akkwirenti jew riċeventi tkun soġġetta għal salvagwardji li jiżguraw separazzjoni permanenti komparabbli tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 31d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31d) Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri f'materji ta' tassazzjoni, meta d-dritt nazzjonali jirrikjedi l-valwazzjoni tal-ishma ta' steward, l-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw li tali valwazzjoni tirrifletti d-drittijiet effettivament marbuta ma' tali ishma ta' steward. Peress li l-ishma ta' steward ma jagħtux drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika u jistgħu jiġu ttrasferiti biss għal korrispettiv limitat f'konformità mal-Artikolu 8a(5), il-valur tagħhom jenħtieġ li ma jiġix iddeterminat b'referenza għall-valur tas-suq, għall-valur tal-intrapriża jew għall-valur residwu tal-kumpanija EU Inc. SO kollha kemm hi, iżda fuq bażi komparabbli mal-ishma jew mal-interessi ta' sħubija f'kooperattivi jew persuni ġuridiċi oħra li l-membri tagħhom ma jipparteċipawx fil-valur residwu tal-intrapriża.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li l-kumpaniji EU Inc. ikollhom il-flessibbiltà li jorganizzaw u jimmaniġġjaw in-negozju tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet diverġenti tagħhom f'termini tad-daqs, tal-attivitajiet jew tal-ħtiġijiet tas-suq tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-azzjonisti jkollhom il-libertà li jiddeterminaw l-organizzazzjoni tal-EU Inc. fl-istatut ta' assoċjazzjoni filwaqt li jikkonformaw mar-rekwiżiti armonizzati stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-EU Inc. ikollha bord ta' diretturi b'direttur wieħed jew aktar li jkunu persuni fiżiċi u mill-anqas direttur wieħed jenħtieġ li jkun residenti fl-Unjoni. L-EU Inc. jista' jkollha wkoll korpi addizzjonali, bħal korp superviżorju.	(32) Jenħtieġ li l-kumpaniji EU Inc. ikollhom il-flessibbiltà li jorganizzaw u jimmaniġġjaw in-negozju tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet diverġenti tagħhom f'termini tad-daqs, tal-attivitajiet jew tal-ħtiġijiet tas-suq tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-azzjonisti jkollhom il-libertà li jiddeterminaw l-organizzazzjoni tal-EU Inc. fl-istatut ta' assoċjazzjoni filwaqt li jikkonformaw mar-rekwiżiti armonizzati stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-EU Inc. ikollha bord ta' diretturi b'direttur wieħed jew aktar li jkunu persuni fiżiċi u mill-anqas direttur wieħed jenħtieġ li jkun residenti fl-Unjoni. L-EU Inc. jista' jkollha wkoll korpi addizzjonali, bħal korp superviżorju. ***Meta d-dritt nazzjonali applikabbli għall-forma ġuridika nazzjonali rilevanti jipprevedi l-istabbiliment ta' bord superviżorju, jenħtieġ li d-drittijiet assenjati lil dak il-bord superviżorju skont id-dritt nazzjonali applikabbli ma jiġux affettwati.***

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) L-azzjonisti għandhom rwol ewlieni fil-governanza u fis-suċċess fit-tul tal-EU Inc. Fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom u fit-twettiq tal-obbligi tagħhom, l-azzjonisti jenħtieġ li jaġixxu bona fide u

b'kunsiderazzjoni xierqa għall-interessi leġittimi tal-kumpanija u tal-azzjonisti l-oħra. Filwaqt li l-azzjonisti jibqgħu liberi li jsegwu l-interessi tagħhom stess, l-eżerċitar tad-drittijiet tal-azzjonisti jenħtieġ li ma jikkostitwix abbuż ta' pożizzjoni tal-maġġoranza jew tal-minoranza li jirriżulta fi preġudizzju inġust għall-kumpanija jew għal azzjonisti oħra. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jippromwovi mġiba responsabbli tal-azzjonisti u jikkontribwixxi għal governanza korporattiva ġusta u bbilanċjata fil-kumpanija EU Inc.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Sabiex jintlaħaq bilanċ bejn l-influwenza sinifikanti tal-azzjonisti maġġoritarji u l-bord tad-diretturi, l-awtonomija importanti mogħtija mill-istatut ta' assoċjazzjoni tal-EU Inc. u l-ħtieġa ta' protezzjoni tal-azzjonisti minoritarji, jenħtieġ li jiġi pprovdut dritt ta' rtirar għall-azzjonisti minoritarji f'każijiet eċċezzjonali ta' preġudizzju flagranti. Xenarji li jistgħu jiġġustifikaw tali rtirar jistgħu jinkludu, pereżempju, każijiet fejn il-kumpanija tkun ġiet imċaħħda minn proporzjon sinifikanti tal-assi tagħha, meta l-laqgħa ġenerali tkun tat struzzjonijiet lid-diretturi biex jitilfu opportunità kummerċjali sinifikanti mingħajr il-kunsens tal-azzjonist li jirtira ***jew*** meta l-attivitajiet tal-kumpanija jkunu nbidlu sostanzjalment. Madankollu, il-valutazzjoni ta' jekk l-affarijiet tal-kumpanija humiex qegħdin jitwettqu b'mod oppressiv jenħtieġ li tkun irriżervata	(37) Sabiex jintlaħaq bilanċ bejn l-influwenza sinifikanti tal-azzjonisti maġġoritarji u l-bord tad-diretturi, l-awtonomija importanti mogħtija mill-istatut ta' assoċjazzjoni tal-EU Inc. u l-ħtieġa ta' protezzjoni tal-azzjonisti minoritarji, jenħtieġ li jiġi pprovdut dritt ta' rtirar għall-azzjonisti minoritarji f'każijiet eċċezzjonali ta' preġudizzju flagranti. Xenarji li jistgħu jiġġustifikaw tali rtirar jistgħu jinkludu, pereżempju, każijiet fejn il-kumpanija tkun ġiet imċaħħda minn proporzjon sinifikanti tal-assi tagħha, meta l-laqgħa ġenerali tkun tat struzzjonijiet lid-diretturi biex jitilfu opportunità kummerċjali sinifikanti mingħajr il-kunsens tal-azzjonist li jirtira jew meta l-attivitajiet tal-kumpanija jkunu nbidlu sostanzjalment ***jew meta l-kumpanija tkun naqset milli tieħu passi raġonevoli biex tipprevjeni, tnaqqas jew telimina l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-***

għall-qorti kompetenti, li jenħtieġ li tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-kawża individwali.	***ambjent relatati mal-operazzjonijiet tal-kumpanija EU Inc. f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll deċiżjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-mudell tan-negozju u l-istrateġija tal-kumpanija jkunu allinjati mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-objettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-operazzjonijiet tagħha fl-Unjoni, inklużi l-mira tan-newtralità klimatika għall-2050 u l-mira klimatika għall-2030***. Madankollu, il-valutazzjoni ta' jekk l-affarijiet tal-kumpanija humiex qegħdin jitwettqu b'mod oppressiv jenħtieġ li tkun irriżervata għall-qorti kompetenti, li jenħtieġ li tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-kawża individwali.
	Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) Meta t-trasferimenti tal-ishma jitwettqu kompletament online, jenħtieġ li jkun hemm stabbiliti salvagwardji xierqa biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni affidabbli tal-partijiet involuti u l-akkuratezza tal-informazzjoni rreġistrata fir-reġistru diġitali tal-ishma. Filwaqt li jibnu fuq il-qafas għall-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tali salvagwardji jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-affidabbiltà tal-informazzjoni tal-azzjonisti u jgħinu biex jitnaqqas ir-riskju ta' frodi u abbuż, filwaqt li jippreżervaw

is-sempliċità u l-effiċjenza tal-proċeduri diġitali.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Filwaqt li l-ishma kollha jenħtieġ li jkollhom drittijiet u obbligi ugwali, jenħtieġ li ***l-EU*** Inc. titħalla wkoll jiddeċiedi li l-klassijiet ta' ishma jkollhom drittijiet ekonomiċi jew tal-vot differenti biex jadattaw għar-rekwiżiti ta' ċerti azzjonisti. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jipprojbux jew ma jikkundizzjonawx tali distinzjonijiet mid-dritt nazzjonali. Drittijiet ekonomiċi jew tal-vot differenti jistgħu jservu diversi skopijiet. Pereżempju, dawn jistgħu jippermettu lill-fundaturi jipproteġu lill-kumpanija kontra akkwiżizzjonijiet ostili.	(40) Filwaqt li l-ishma kollha jenħtieġ li jkollhom drittijiet u obbligi ugwali, jenħtieġ li ***l-kumpanija EU*** Inc. titħalla wkoll jiddeċiedi li l-klassijiet ta' ishma jkollhom drittijiet ekonomiċi jew tal-vot differenti biex jadattaw għar-rekwiżiti ta' ċerti azzjonisti. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jipprojbux jew ma jikkundizzjonawx tali distinzjonijiet mid-dritt nazzjonali. Drittijiet ekonomiċi jew tal-vot differenti jistgħu jservu diversi skopijiet. Pereżempju, dawn jistgħu jippermettu lill-fundaturi jipproteġu lill-kumpanija kontra akkwiżizzjonijiet ostili ***u jiżguraw l-indipendenza strateġika u l-orjentazzjoni fit-tul tal-kumpanija bi sjieda ta' stewards***.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Sabiex kumpanija EU Inc. tiġi pprovduta b'firxa wiesgħa ta' għażliet ta' finanzjament u l-investituri tagħha b'opportunitajiet ta' ħruġ kredibbli, u b'hekk jissaħħaħ il-moviment liberu tal-kapital fl-Unjoni u minn pajjiżi terzi,	(41) Sabiex kumpanija EU Inc. tiġi pprovduta b'firxa wiesgħa ta' għażliet ta' finanzjament u l-investituri tagħha b'opportunitajiet ta' ħruġ kredibbli, u b'hekk jissaħħaħ il-moviment liberu tal-kapital fl-Unjoni u minn pajjiżi terzi,

jenħtieġ li ***n-negozjar tat-titoli ta' kumpanija*** EU Inc. ***ma jkunx limitat għal strumenti ta' dejn***. ***Jenħtieġ li kumpanija UE Inc. jkollha l-possibbiltà li taċċessa faċilitajiet multilaterali tan-negozjar bħas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs għan-negozjar tal-ishma tagħha u jenħtieġ li l-Istati Membri ma jipprojbux tali aċċess. Meta kumpanija EU Inc. tfittex*** l-ammissjoni tal-ishma tagħha għan-negozjar ***f'tali swieq, jenħtieġ li tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli kollha skont il-liġijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali, inklużi dawk diġà armonizzati permezz tar-Regolament (UE) Nru 596/2014[18] dwar l-abbuż tas-suq u d-Direttiva (UE) 2024//2810[19] dwar strutturi ta' ishma b'vot multiplu f'kumpaniji li jfittxu l-ammissjoni għan-negozjar tal-ishma tagħhom*** f'faċilità multilaterali tan-negozjar.

jenħtieġ li ***l-kumpanija*** EU Inc. ***tkun tista' titlob*** l-ammissjoni tal-ishma tagħha għan-negozjar ***f'suq regolat jew*** f'faċilità multilaterali tan-negozjar. ***Madankollu, meta kumpanija EU Inc. ikollha l-ħsieb li tfittex ammissjoni tal-ishma tagħha għan-negozjar, jenħtieġ li l-ewwel tkun meħtieġa tikkonverti ruħha f'kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, f'konformità mar-regoli ta' konverżjoni tal-Unjoni u dawk nazzjonali.***

---

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1–61), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/596/2024-12-04

[19] Id-Direttiva (UE) 2024/2810 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar strutturi ta' ishma b'vot multiplu f'kumpaniji li jfittxu l-ammissjoni għan-negozjar tal-ishma tagħhom fuq faċilità multilaterali tan-negozjar (ĠU L, 2024/2810, 14.11.2024), ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2810/oj

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Biex jappoġġaw ulterjorment l-iscale-ups u kumpaniji EU Inc. oħra aktar maturi biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-ekwità tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lil kumpanija EU Inc. tfittex l-ammissjoni għall-kummerċ tal-ishma tagħha f'suq regolat. Jenħtieġ li tali aċċess jirrikjedi bl-istess mod il-konformità mal-liġijiet applikabbli kollha tal-Unjoni u dawk nazzjonali, pereżempju r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/1129[20] dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, id-Direttiva 2007/36/KE[21] dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpaniji kkwotati u d-Direttiva 2004/109/KE[22] dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat.**	***imħassar***

---

[20] Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12–82), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1129/2024-12-04

[21] Id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpaniji kkwotati (ĠU L 184, 14.7.2007, p. 17–24), ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2007/36/2024

-01-09

[22] Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38–57), ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2004/109/2024-01-09

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Jenħtieġ li EU Inc. tkun tista' żżid l-ekwità b'mod flessibbli u jenħtieġ li l-fundaturi u l-azzjonisti jkunu liberi li jagħżlu l-għażliet ta' finanzjament xierqa mingħajr ma jiffaċċjaw ***restrizzjonijiet legali mhux meħtieġa li jirriżultaw minn*** regoli nazzjonali diverġenti. Għalhekk jenħtieġ li l-ammont ta' kapital tal-EU Inc. ma jkunx meħtieġ mil-liġi u jista' jkun ta' EUR 0 tul il-ħajja tal-kumpanija. Fin-nuqqas ta' kapital, jenħtieġ li jinkisbu salvagwardji moderni u effettivi ħafna għall-krediturі permezz ta' mezzi oħra, b'mod partikolari permezz ta' testijiet tal-karta tal-bilanċ u tas-solvenza li jirregolaw id-distribuzzjonijiet lill-azzjonisti. Huwa biss meta l-fundaturi u l-azzjonisti jagħżlu li jibnu l-kapital, li tali kapital jenħtieġ li jkun soġġett għal regoli konvenzjonali dwar il-manteniment.	(46) Jenħtieġ li ***kumpanija*** EU Inc. tkun tista' żżid l-ekwità b'mod flessibbli u jenħtieġ li l-fundaturi u l-azzjonisti jkunu liberi li jagħżlu l-għażliet ta' finanzjament xierqa mingħajr ma jiffaċċjaw regoli nazzjonali diverġenti. Għalhekk jenħtieġ li l-ammont ta' kapital tal-EU Inc. ma jkunx meħtieġ mil-liġi u jista' jkun ta' EUR 0 tul il-ħajja tal-kumpanija. Fin-nuqqas ta' kapital, jenħtieġ li jinkisbu salvagwardji moderni u effettivi ħafna għall-krediturі permezz ta' mezzi oħra, b'mod partikolari permezz ta' testijiet tal-karta tal-bilanċ u tas-solvenza li jirregolaw id-distribuzzjonijiet lill-azzjonisti. Huwa biss meta l-fundaturi u l-azzjonisti jagħżlu li jibnu l-kapital, li tali kapital jenħtieġ li jkun soġġett għal regoli konvenzjonali dwar il-manteniment.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Sabiex jiġu ffaċilitati t-tipi kollha ta' investiment ta' ekwità ***f'EU*** Inc., kwalunkwe trasferiment ta' valur ekonomiku jenħtieġ li jkun permess bħala korrispettiv għal sehem fil-kumpanija. Sakemm l-ishma ma jinħarġux għall-korrispettiv fil-forma ta' kontribuzzjoni kapitali, jenħtieġ li EU Inc. ma jkollhiex bżonn tirrikjedi pagament immedjat ta' korrispettiv għall-ishma. B'mod partikolari, sabiex jiġi evitat dewmien fir-reġistrazzjoni kkawżat mir-rekwiżit li jinfetaħ kont bankarju korporattiv għall-korrispettiv għall-ewwel ishma, jenħtieġ li tali korrispettiv ma jkollux jitħallas qabel ir-reġistrazzjoni. Jenħtieġ li l-korrispettivi in natura jkunu possibbli wkoll fil-forma ta' xogħol u servizzi iżda jenħtieġ li dejjem ikollhom il-valur tagħhom iddeterminat. Meta l-valur ta' korrispettiv in natura jiġi sopravalutat, l-azzjonisti jenħtieġ li jkollhom jikkumpensaw lill-kumpanija għan-nuqqas fil-valur ipprovdut.	(48) Sabiex jiġu ffaċilitati t-tipi kollha ta' investiment ta' ekwità ***f'kumpanija*** EU Inc., kwalunkwe trasferiment ta' valur ekonomiku jenħtieġ li jkun permess bħala korrispettiv għal sehem fil-kumpanija. Sakemm l-ishma ma jinħarġux għall-korrispettiv fil-forma ta' kontribuzzjoni kapitali, jenħtieġ li EU Inc. ma jkollhiex bżonn tirrikjedi pagament immedjat ta' korrispettiv għall-ishma. B'mod partikolari, sabiex jiġi evitat dewmien fir-reġistrazzjoni kkawżat mir-rekwiżit li jinfetaħ kont bankarju korporattiv għall-korrispettiv għall-ewwel ishma, jenħtieġ li tali korrispettiv ma jkollux jitħallas qabel ir-reġistrazzjoni. Jenħtieġ li l-korrispettivi in natura jkunu possibbli wkoll fil-forma ta' xogħol u servizzi iżda jenħtieġ li dejjem ikollhom il-valur tagħhom iddeterminat. Meta l-valur ta' korrispettiv in natura jiġi sopravalutat, l-azzjonisti jenħtieġ li jkollhom jikkumpensaw lill-kumpanija għan-nuqqas fil-valur ipprovdut. ***Meta ishma jinħarġu b'korrispettiv għal xogħol jew servizzi taħt pjan ta' sjieda ta' ishma għall-impjegati, it-termini li jirregolaw l-allokazzjoni tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dawk l-ishma għandhom jiġu speċifikati fl-istatut ta' assoċjazzjoni.***

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Filwaqt li s-sottoskrizzjoni tal-	(49) Filwaqt li s-sottoskrizzjoni tal-

ewwel ishma ta’ EU Inc. hija ddikjarata fl-istatut ta’ assoċjazzjoni, jenħtieġ li l-ħruġ ta’ ishma ulterjuri jkun ġeneralment soġġett għal deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali. Sabiex tiġi ffaċilitata l-eżekuzzjoni rapida taċ-ċikli ta’ finanzjament, jenħtieġ li EU Inc. jkun jista’ jkollha wkoll il-bord tad-diretturi tagħha awtorizzat li jiddeċiedi dwar il-ħruġ ta’ tali ishma ġodda. Jenħtieġ li tali awtorizzazzjoni tkun meħtieġa biss biex tistabbilixxi l-għadd massimu ta’ ishma awtorizzati iżda tista’ tkun soġġetta għal kwalunkwe limitazzjoni ulterjuri meqjusa xierqa mill-azzjonisti. Sabiex jiġi żgurat livell baxx ta’ kostijiet tat-tranżazzjonijiet u jitneħħew l-ostakli għall-investiment transfruntier, jenħtieġ li s-sottoskrizzjonijiet għal ishma ġodda jsiru b’mezzi elettroniċi u jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal formalitajiet addizzjonali imposti mill-Istati Membri.

ewwel ishma ta’ ***kumpanija*** EU Inc. hija ddikjarata fl-istatut ta’ assoċjazzjoni, jenħtieġ li l-ħruġ ta’ ishma ulterjuri jkun ġeneralment soġġett għal deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali. Sabiex tiġi ffaċilitata l-eżekuzzjoni rapida taċ-ċikli ta’ finanzjament, jenħtieġ li ***kumpanija*** EU Inc. jkun jista’ jkollha wkoll il-bord tad-diretturi tagħha awtorizzat li jiddeċiedi dwar il-ħruġ ta’ tali ishma ġodda. Jenħtieġ li tali awtorizzazzjoni tkun meħtieġa biss biex tistabbilixxi l-għadd massimu ta’ ishma awtorizzati iżda tista’ tkun soġġetta għal kwalunkwe limitazzjoni ulterjuri meqjusa xierqa mill-azzjonisti. Sabiex jiġi żgurat livell baxx ta’ kostijiet tat-tranżazzjonijiet u jitneħħew l-ostakli għall-investiment transfruntier, jenħtieġ li s-sottoskrizzjonijiet għal ishma ġodda jsiru b’mezzi elettroniċi u jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal formalitajiet addizzjonali imposti mill-Istati Membri. ***Jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għall-kontrolli pubbliċi proporzjonati previsti skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali biex jiġu vverifikati l-identità, il-kapaċità ġuridika u l-konformità mar-rekwiżiti kontra l-ħasil tal-flus.***

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Dment li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-liġijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali, kumpanija EU Inc. tista’ toħroġ kwalunkwe tip ta’ titoli. Sabiex jiġu ffaċilitati l-investimenti fi stadju bikri b’mod partikolari bħal Ftehimiet Sempliċi għall-Ekwità Futura (SAFE) u noti konvertibbli ta’ Titolu Sempliċi (KISS) kif ukoll ***is-sjieda*** tal-	(51) Dment li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-liġijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali, kumpanija EU Inc. tista’ toħroġ kwalunkwe tip ta’ titoli. Sabiex jiġu ffaċilitati l-investimenti fi stadju bikri b’mod partikolari bħal Ftehimiet Sempliċi għall-Ekwità Futura (SAFE) u noti konvertibbli ta’ Titolu Sempliċi (KISS) kif ukoll ***l-opzjonijiet u s-***

ishma tal-impjegati ***f'EU*** Inc., jenħtieġ li l-kumpanija jkollha wkoll flessibbiltà wiesgħa fil-ħruġ ta' strumenti li jagħtu d-dritt lid-detenturi tagħhom għal ishma ġodda. Kif inhu l-każ għall-ħruġ ta' ishma ġodda, il-ħruġ rapidu ta' tali strumenti jenħtieġ li jiġi ffaċilitat billi tiġi prevista l-possibbiltà li l-bord tad-diretturi jiġi awtorizzat jiddeċiedi dwar il-ħruġ tal-istrumenti. Peress li tali strumenti fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għall-ħruġ ta' ishma ġodda, l-azzjonisti eżistenti ġeneralment jenħtieġ li jkollhom jeddijiet ta' prelazzjoni fihom. Fir-rigward tal-ħruġ ta' ishma ġodda biex jiġu ssodisfati l-pretensjonijiet mill-istrumenti, jenħtieġ li l-bord tad-diretturi ma jeħtieġx awtorizzazzjoni ulterjuri għal tali ħruġ u jenħtieġ li l-azzjonisti eżistenti ma jkollhomx jeddijiet ta' prelazzjoni fl-ishma l-ġodda.

sjieda tal-ishma tal-impjegati ***f'kumpanija*** EU Inc., jenħtieġ li l-kumpanija jkollha wkoll flessibbiltà wiesgħa fil-ħruġ ta' strumenti li jagħtu d-dritt lid-detenturi tagħhom għal ishma ġodda. Kif inhu l-każ għall-ħruġ ta' ishma ġodda, il-ħruġ rapidu ta' tali strumenti jenħtieġ li jiġi ffaċilitat billi tiġi prevista l-possibbiltà li l-bord tad-diretturi jiġi awtorizzat jiddeċiedi dwar il-ħruġ tal-istrumenti. Peress li tali strumenti fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għall-ħruġ ta' ishma ġodda, l-azzjonisti eżistenti ġeneralment jenħtieġ li jkollhom jeddijiet ta' prelazzjoni fihom. Fir-rigward tal-ħruġ ta' ishma ġodda biex jiġu ssodisfati l-pretensjonijiet mill-istrumenti, jenħtieġ li l-bord tad-diretturi ma jeħtieġx awtorizzazzjoni ulterjuri għal tali ħruġ u jenħtieġ li l-azzjonisti eżistenti ma jkollhomx jeddijiet ta' prelazzjoni fl-ishma l-ġodda.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) Sabiex jiġi ffaċilitat ulterjorment l-investiment fil-kumpaniji EU Inc., inkluż minn investituri li jixtiequ jkollhom opzjoni ta' ħruġ predeterminata, jenħtieġ li ***l-EU*** Inc. tkun tista' toħroġ ukoll ishma li jistgħu jinfdew. Mat-tifdija, jenħtieġ li tali ishma jiġu kkanċellati u l-prezz tat-tifdija jitħallas lill-investitur. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà tal-kumpanija, jenħtieġ li ***l-EU*** Inc. tkun meħtieġa biss li tħallas il-prezz tat-tifdija meta tali pagament jikkonforma mas-salvagwardji għad-distribuzzjonijiet.	(55) Sabiex jiġi ffaċilitat ulterjorment l-investiment fil-kumpaniji EU Inc., inkluż minn investituri li jixtiequ jkollhom opzjoni ta' ħruġ predeterminata, ***u sabiex il-kumpanija EU Inc. titħalla l-għażla li żżomm l-indipendenza fit-tul tagħha speċjalment meta tkun organizzata skont il-prinċipji ta' sjieda ta' stewards***, jenħtieġ li ***l-kumpanija EU*** Inc. tkun tista' toħroġ ukoll ishma li jistgħu jinfdew. Mat-tifdija, jenħtieġ li tali ishma jiġu kkanċellati u l-prezz tat-tifdija jitħallas lill-investitur. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà tal-kumpanija, jenħtieġ li ***l-kumpanija EU*** Inc. tkun meħtieġa biss li tħallas il-prezz tat-tifdija meta tali pagament jikkonforma

mas-salvagwardji għad-distribuzzjonijiet.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Il-forniment ta' ekwità lill-impjegati u l-iffaċilitar tal-investiment fil-kumpanija tagħhom huwa mod importanti biex jiġi attirat u miżmum it-talent, u mezz ippreferut biex jiġu pprovduti b'sehem fit-tkabbir tal-kumpanija. Bħalissa, ir-rekwiżiti nazzjonali diverġenti f'dan ir-rigward jimpedixxu l-espansjoni tal-kumpaniji fis-suq intern. Għalhekk, jenħtieġ li l-kumpaniji EU Inc. jibbenefikaw minn pjan sempliċi armonizzat ta' opzjonijiet ta' ***stokkgħall-impjegati*** li jistgħu jistabbilixxu għall-persunal tagħhom fis-suq intern kollu. Pjan bħal dan, l-EU-ESO, jenħtieġ li jippermetti lil kumpanija EU Inc. toħroġ warrants lil grupp wiesa' ta' persuni eliġibbli li jkopru mhux biss membri tal-bord u impjegati ***tal-EU*** Inc. iżda wkoll tas-sussidjarji tagħha. F'konformità mal-finijiet li jiġi attirat u jinżamm it-talent u li tiġi inċentivata l-parteċipazzjoni tal-impjegati fl-espansjoni ***tal-EU*** Inc., il-warrants jenħtieġ li jkunu soġġetti għal perjodu tal-vestiment minimu u jenħtieġ li ma jinħarġux lil persuni li diġà għandhom sehem sinifikanti fl-EU Inc. Meta tiġi stabbilita EU-ESO, il-bord tad-diretturi jenħtieġ li jkun awtorizzat joħroġ warrants u jissodisfa l-pretensjonijiet li jirriżultaw mill-warrants jew billi joħroġ ishma ġodda jew billi jittrasferixxi l-ishma proprji miżmuma fit-teżor, fil-limiti tal-pjan.	(57) Il-forniment ta' ekwità lill-impjegati u l-iffaċilitar tal-investiment fil-kumpanija tagħhom huwa mod importanti biex jiġi attirat u miżmum it-talent, u mezz ippreferut biex jiġu pprovduti b'sehem fit-tkabbir tal-kumpanija. Bħalissa, ir-rekwiżiti nazzjonali diverġenti f'dan ir-rigward jimpedixxu l-espansjoni tal-kumpaniji fis-suq intern. Għalhekk, jenħtieġ li l-kumpaniji EU Inc. jibbenefikaw minn pjan sempliċi armonizzat ta' opzjonijiet ta' ***stokk għall-impjegati*** li jistgħu jistabbilixxu għall-persunal tagħhom fis-suq intern kollu. ***Il-parteċipazzjoni fl-EU-ESO jenħtieġ li tkun volontarja u jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi rigward ir-remunerazzjoni, il-pensjonijiet u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. L-EU-ESO jenħtieġ li tikkomplementa, u mhux tissostitwixxi, ir-remunerazzjoni ordinarja, il-pagi minimi statutorji u l-livelli tal-pagi stabbiliti permezz ta' ftehimiet kollettivi. Il-pussess ta' warrants jew ishma akkwistati mal-eżerċizzju tagħhom jenħtieġ li tkun ukoll mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati. L-impjegati li jipparteċipaw f'EU-ESO jenħtieġ li jirċievu informazzjoni ċara u li tinftiehem dwar id-drittijiet marbuta mal-ishma sottostanti u r-riskji finanzjarji assoċjati mal-parteċipazzjoni fil-pjan.*** Pjan bħal dan, l-EU-ESO, jenħtieġ li jippermetti lil kumpanija EU Inc. toħroġ

warrants lil grupp wiesa' ta' persuni eliġibbli li jkopru mhux biss membri tal-bord u impjegati ***tal-kumpanija EU*** Inc. iżda wkoll tas-sussidjarji tagħha. . F'konformità mal-finijiet li jiġi attirat u jinżamm it-talent u li tiġi inċentivata l-parteċipazzjoni tal-impjegati fl-espansjoni ***tal-kumpanija EU*** Inc., il-warrants jenħtieġ li jkunu soġġetti għal perjodu tal-vestiment minimu u jenħtieġ li ma jinħarġux lil persuni li diġà għandhom sehem sinifikanti fl-EU Inc. Meta tiġi stabbilita EU-ESO, il-bord tad-diretturi jenħtieġ li jkun awtorizzat joħroġ warrants u jissodisfa l-pretensjonijiet li jirriżultaw mill-warrants jew billi joħroġ ishma ġodda jew billi jittrasferixxi l-ishma proprji miżmuma fit-teżor, fil-limiti tal-pjan.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 57a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(57a) Minbarra l-pjanijiet ta' opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati, il-kumpaniji ta' EU Inc. jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu pjan Ewropew ta' sjieda ta' ishma għall-impjegati (EU-ESOP), li jippermetti lill-impjegati u lill-membri tal-bord jakkwistaw ishma direttament. Minħabba r-riżorsi finanzjarji limitati spiss disponibbli għall-istart-ups, l-ishma skont l-EU-ESOP jistgħu jinħarġu b'korrispettiv għal xogħol jew għal servizzi mwettqa jew li għandhom jitwettqu għall-kumpanija jew għas-sussidjarji tagħha. Il-parteċipazzjoni fl-EU-ESOP jenħtieġ li tkun volontarja u jenħtieġ li tikkomplementa, u mhux tissostitwixxi, ir-remunerazzjoni ordinarja, il-pagi minimi statutorji, il-livelli tal-pagi stabbiliti bi ftehimiet

kollettivi u d-drittijiet relatati mal-pensjonijiet u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali. L-impjegati li jipparteċipaw f'EU-ESOP jenħtieġ li jirċievu informazzjoni ċara u li tinftiehem dwar il-klassi tal-ishma assenjati, id-drittijiet marbuta ma' dawk l-ishma u r-riskji finanzjarji assoċjati mal-parteċipazzjoni. Sabiex jiġi promoss l-impenn fit-tul, l-ishma maħruġa skont l-EU-ESOP jenħtieġ li jkunu soġġetti għal perjodu minimu ta' vestiment marbut mal-kontribut tax-xogħol jew tas-servizz rilevanti.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Bħalissa, skont il-liġijiet tal-Istati Membri, il-warrants mogħtija lill-impjegati jistgħu jiġu ntaxxati f'ħinijiet differenti. Din is-sitwazzjoni tagħmel il-warrants mhux attraenti, speċjalment f'każijiet transfruntieri, peress li twassal għal kumplessità u tista' tirriżulta f'tassazzjoni ta' introjtu mhux realizzat, li twassal għal żvantaġġi fil-fluss tal-flus għall-impjegati. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet u jiġi żgurat li t-tassazzjoni sseħħ fl-istess ħin fl-Istati Membri kollha, l-introjtu derivat mill-warrants mogħtija skont l-EU-ESO jenħtieġ li jiġi ***intaxxat*** darba biss, meta l-ishma miksuba mill-eżerċitar tal-warrant jitneħħew. Jenħtieġ li l-ebda introjtu taxxabbli ma jitqies li jinħoloq fiż-żmien tal-għoti, tal-vestiment jew tal-eżerċitar tal-warrant. Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jiddeterminaw kif l-introjtu derivat mid-disponiment tal-ishma miksuba mill-eżerċitar tal-warrant	(58) Bħalissa, skont il-liġijiet tal-Istati Membri, il-warrants mogħtija lill-impjegati jistgħu jiġu ntaxxati f'ħinijiet differenti. Din is-sitwazzjoni tagħmel il-warrants mhux attraenti, speċjalment f'każijiet transfruntieri, peress li twassal għal kumplessità u tista' tirriżulta f'tassazzjoni ta' introjtu mhux realizzat, li twassal għal żvantaġġi fil-fluss tal-flus għall-impjegati. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet u jiġi żgurat li t-tassazzjoni sseħħ fl-istess ħin fl-Istati Membri kollha, l-introjtu derivat mill-warrants mogħtija skont l-EU-ESO jenħtieġ li jiġi ***ntaxxat*** darba biss, meta l-ishma miksuba mill-eżerċitar tal-warrant jitneħħew. Jenħtieġ li l-ebda introjtu taxxabbli ma jitqies li jinħoloq fiż-żmien tal-għoti, tal-vestiment jew tal-eżerċitar tal-warrant. Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jiddeterminaw kif l-introjtu derivat mid-disponiment tal-ishma miksuba mill-eżerċitar tal-warrant

huwa kkaratterizzat għal finijiet ta' taxxa u r-rata/i li fiha jenħtieġ li jiġi intaxxat. Madankollu, sabiex jiġu evitati t-tassazzjoni doppja jew it-tilwim bejn l-Istati Membri f'sitwazzjonijiet transfruntieri, huwa kruċjali li l-introjtu taxxabbli jiġi kkalkolat bl-istess mod mill-Istati Membri kollha. Għalhekk, jenħtieġ li t-tassazzjoni sseħħ fuq ammont ugwali għad-differenza bejn il-valur ġust tas-suq tal-ishma fid-data tad-disponiment u l-prezz tal-akkwiżizzjoni tagħhom. Ħafna Stati Membri diġà introduċew reġimi tat-taxxa preferenzjali għall-opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati jew għal strumenti simili. Sa fejn l-EU-ESO tissodisfa l-kriterji rilevanti ta' tali strumenti, it-tassazzjoni tal-ishma maħruġa mill-eżerċitar ta' warrants skont l-EU-ESO jenħtieġ li tingħata l-istess trattament kif previst fid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri.	huwa kkaratterizzat għal finijiet ta' taxxa u r-rata/i li fiha jenħtieġ li jiġi intaxxat. Madankollu, sabiex jiġu evitati t-tassazzjoni doppja jew it-tilwim bejn l-Istati Membri f'sitwazzjonijiet transfruntieri, huwa kruċjali li l-introjtu taxxabbli jiġi kkalkolat bl-istess mod mill-Istati Membri kollha. Għalhekk, jenħtieġ li t-tassazzjoni sseħħ fuq ammont ugwali għad-differenza bejn il-valur ġust tas-suq tal-ishma fid-data tad-disponiment u l-prezz tal-akkwiżizzjoni tagħhom. Ħafna Stati Membri diġà introduċew reġimi tat-taxxa preferenzjali għall-opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati jew għal strumenti simili. Sa fejn l-EU-ESO tissodisfa l-kriterji rilevanti ta' tali strumenti, it-tassazzjoni tal-ishma maħruġa mill-eżerċitar ta' warrants skont l-EU-ESO jenħtieġ li tingħata l-istess trattament kif previst fid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri. ***Bl-istess mod, meta l-Istati Membri jipprovdu trattament tat-taxxa preferenzjali għall-pjanijiet ta' sjieda ta' ishma għall-impjegati jew skemi komparabbli, l-ishma maħruġa skont l-EU-ESOP jenħtieġ li jibbenefikaw mill-istess trattament, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti skont id-dritt nazzjonali.***
	Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) B'mod partikolari huma meħtieġa regoli ssimplifikati f'każijiet sempliċi ta' likwidazzjoni, pereżempju, meta l-kumpaniji solventi jkunu waqqfu l-attività ekonomika tagħhom u ma jkollhomx obbligazzjonijiet, biex jippermettu lil tali kumpaniji jlestu l-proċedura u jitneħħew	(62) B'mod partikolari huma meħtieġa regoli ssimplifikati f'każijiet sempliċi ta' likwidazzjoni, pereżempju, meta l-kumpaniji solventi jkunu waqqfu l-attività ekonomika tagħhom u ma jkollhomx obbligazzjonijiet, biex jippermettu lil tali kumpaniji jlestu l-proċedura u jitneħħew

jew jinqatgħu mir-reġistru kummerċjali f'massimu ta' madwar ***3*** xhur. Tali likwidazzjoni rapida jenħtieġ li tkun disponibbli għall-kumpaniji EU Inc. mingħajr proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji pendenti, mingħajr l-ebda assi disponibbli għall-użu ekonomiku, li fi kwalunkwe każ jenħtieġ li jitqassmu mhux aktar tard mill-mument tas-sottomissjoni għal-likwidazzjoni, u l-ebda dejn. Il-proċedura rapida jenħtieġ li tkopri wkoll każijiet sempliċi meta xi krediturі, u għalhekk obbligazzjonijiet, jibqgħu xorta waħda iżda tali proċedura tista' titnieda biss jekk dawk il-krediturі jagħtu l-kunsens tagħhom.	jew jinqatgħu mir-reġistru kummerċjali f'massimu ta' madwar ***4*** xhur. Tali likwidazzjoni rapida jenħtieġ li tkun disponibbli għall-kumpaniji EU Inc. mingħajr proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji pendenti, mingħajr l-ebda assi disponibbli għall-użu ekonomiku, li fi kwalunkwe każ jenħtieġ li jitqassmu mhux aktar tard mill-mument tas-sottomissjoni għal-likwidazzjoni, u l-ebda dejn. Il-proċedura rapida jenħtieġ li tkopri wkoll każijiet sempliċi meta xi krediturі, u għalhekk obbligazzjonijiet, jibqgħu xorta waħda iżda tali proċedura tista' titnieda biss jekk dawk il-krediturі jagħtu l-kunsens tagħhom.
	Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Bl-istess mod, sabiex jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn proċedura qasira u protezzjoni suffiċjenti tal-krediturі, il-krediturі tal-kumpanija EU Inc. jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jopponu l-proċedura rapida iżda fi żmien skadenza relattivament qasira ta' ***30 jum*** wara l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar it-tnedija tagħha fir-reġistru kummerċjali. Din is-salvagwardja għandha l-għan partikolari li tipproteġi lill-krediturі li l-pretensjonijiet tagħhom ma ġewx riflessi fid-dikjarazzjoni tad-diretturi tal-EU Inc. u fir-rapport finanzjarju. Il-krediturі li diġà taw il-kunsens tagħhom għat-tnedija tal-proċedura jenħtieġ li jkunu jistgħu jopponuha biss f'każ ta' raġunijiet iġġustifikati sew bħal difett jew żball fil-kunsens tagħhom jew bidla serja fiċ-ċirkostanzi. Sabiex ir-reġistru kummerċjali jkun jista' jinjora oġġezzjonijiet	(64) Bl-istess mod, sabiex jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn proċedura qasira u protezzjoni suffiċjenti tal-krediturі, il-krediturі tal-kumpanija EU Inc. jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jopponu l-proċedura rapida iżda fi żmien skadenza relattivament qasira ta' ***3 xhur*** wara l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar it-tnedija tagħha fir-reġistru kummerċjali. Din is-salvagwardja għandha l-għan partikolari li tipproteġi lill-krediturі li l-pretensjonijiet tagħhom ma ġewx riflessi fid-dikjarazzjoni tad-diretturi tal-EU Inc. u fir-rapport finanzjarju. Il-krediturі li diġà taw il-kunsens tagħhom għat-tnedija tal-proċedura jenħtieġ li jkunu jistgħu jopponuha biss f'każ ta' raġunijiet iġġustifikati sew bħal difett jew żball fil-kunsens tagħhom jew bidla serja fiċ-ċirkostanzi. Sabiex ir-reġistru kummerċjali jkun jista' jinjora oġġezzjonijiet

manifestament mhux issostanzjati, jenħtieġ li l-krediturijiddikjaraw ir-raġunijiet għall-pretensjonijiet tagħhom kontra l-kumpanija EU Inc. meta jippreżentaw l-oġġezzjonijiet lir-reġistru kummerċjali. F'każ li r-reġistru kummerċjali jirċievi oġġezzjonijiet fondati sew mill-krediturijenħtieġ li dan jipprovdi lill-kumpanija EU Inc. l-informazzjoni dwar il-krediturijiet u r-raġunijiet għall-pretensjonijiet tagħhom.

manifestament mhux issostanzjati, jenħtieġ li l-krediturijiddikjaraw ir-raġunijiet għall-pretensjonijiet tagħhom kontra l-kumpanija EU Inc. meta jippreżentaw l-oġġezzjonijiet lir-reġistru kummerċjali. F'każ li r-reġistru kummerċjali jirċievi oġġezzjonijiet fondati sew mill-krediturijenħtieġ li dan jipprovdi lill-kumpanija EU Inc. l-informazzjoni dwar il-krediturijiet u r-raġunijiet għall-pretensjonijiet tagħhom.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Wara t-tmiem tal-iskadenzi, kemm għall-krediturijiet kif ukoll għall-awtorità tat-taxxa, u jekk ma tkun waslet l-ebda oġġezzjoni minn xi waħda minnhom, ir-reġistru kummerċjali jenħtieġ li jneħħi r-reġistrazzjoni tal-kumpanija EU Inc. mir-rekords tiegħu mingħajr dewmien. F'każ li r-reġistru kummerċjali jirċievi oġġezzjonijiet motivati mingħand il-krediturijiet wara li t-tmiem tal-iskadenza ta' ***30 jum*** iżda qabel ma jkun neħħa ***l-EU*** Inc. mir-reġistru, jenħtieġ li jkun jista' jqis dawk l-oġġezzjonijiet u jiddeċiedi li ma jneħħix il-kumpanija mir-reġistru, biex jiżgura li dawk il-pretensjonijiet jiġu ssalvagwardjati. Sabiex jiġi żgurat li l-assi, l-obbligazzjonijiet jew il-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji potenzjali jiġu ttrattati mingħajr xkiel wara li l-kumpanija EU Inc. titneħħa mir-reġistru kummerċjali, il-kotba u r-rekords tagħha jenħtieġ li jinżammu għal perjodu ta' ***6*** snin minn persuna maħtura mil-laqgħa ġenerali jew mill-qorti. Id-diretturi tal-kumpanija EU Inc. li tneħħiet mir-reġistru kummerċjali jenħtieġ li jibqgħu responsabbli in solidum għal kwalunkwe	(66) Wara t-tmiem tal-iskadenzi, kemm għall-krediturijiet kif ukoll għall-awtorità tat-taxxa, u jekk ma tkun waslet l-ebda oġġezzjoni minn xi waħda minnhom, ir-reġistru kummerċjali jenħtieġ li jneħħi r-reġistrazzjoni tal-kumpanija EU Inc. mir-rekords tiegħu mingħajr dewmien. F'każ li r-reġistru kummerċjali jirċievi oġġezzjonijiet motivati mingħand il-krediturijiet wara li t-tmiem tal-iskadenza ta' ***3 xhur*** iżda qabel ma jkun neħħa ***l-kumpanija EU*** Inc. mir-reġistru, jenħtieġ li jkun jista' jqis dawk l-oġġezzjonijiet u jiddeċiedi li ma jneħħix il-kumpanija mir-reġistru ***kummerċjali***, biex jiżgura li dawk il-pretensjonijiet jiġu ssalvagwardjati. Sabiex jiġi żgurat li l-assi, l-obbligazzjonijiet jew il-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji potenzjali jiġu ttrattati mingħajr xkiel wara li l-kumpanija EU Inc. titneħħa mir-reġistru kummerċjali, il-kotba u r-rekords tagħha jenħtieġ li jinżammu għal perjodu ta' ***10*** snin minn persuna maħtura mil-laqgħa ġenerali jew mill-qorti. Id-diretturi tal-kumpanija EU Inc. li tneħħiet mir-reġistru kummerċjali jenħtieġ li jibqgħu

pretensjoni ta' kredituri li ma kinux issodisfati.	responsabbli in solidum għal kwalunkwe pretensjoni ta' kredituri li ma kinux issodisfati.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Premessa 66a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(66a) Fir-rigward tal-insolvenza ta' kumpanija EU Inc., dan ir-Regolament ma jaffettwax ir-regoli dwar id-determinazzjoni tal-ġuriżdizzjoni internazzjonali, id-dritt applikabbli u r-rikonoxximent ta' sentenzi f'materji ta' insolvenza, stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/8484 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Ir-Regolament huwa wkoll mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/10235 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Premessa 66b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(66b) Dan ir-Regolament jikkomplementa d-dritt nazzjonali u tal-Unjoni eżistenti u l-approssimazzjoni adottata reċentement tal-liġijiet sostantivi dwar l-insolvenza miksuba bid-Direttiva

(UE) 2026/799 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], b'mod partikolari billi jipprevedi proċedimenti simplifikati ta' stralċ u qafas għall-irkant elettroniku tal-assi f'tali proċedimenti.

[1a] ***Id-Direttiva (UE) 2026/799 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2026 li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza (ĠU L, 2026/799, 1.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2026/799/oj)***

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) ***Ir-regoli nazzjonali dwar l-insolvenza mhux dejjem ikunu tajbin biex jittrattaw kumpaniji EU Inc. insolventi li huma start-ups innovattivi kif xieraq u b'mod proporzjonat.*** L-istart-ups ***innovattivi*** jiffaċċjaw skarsezza ta' kapital operatorju, rati tal-imgħax ogħla u rekwiżiti ta' kollateral akbar, li jagħmlu l-ksib tal-finanzjament, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' diffikultà finanzjarja, diffiċli, jekk mhux impossibbli. Meta jitqiesu l-karatteristiċi uniċi tal-istart-ups ***innovattivi*** u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom f'diffikultà finanzjarja, b'mod partikolari l-ħtieġa ta' proċeduri aktar rapidi, sempliċi u affordabbli, meta l-istart-ups ***innovattivi*** jsiru insolventi, jenħtieġ li jkollhom aċċess għal ***proċeduri*** ta' stralċ issimplifikati li huma adattati għal dawn il-ħtiġijiet speċifiċi.	(67) L-istart-ups***, li ħafna drabi huma intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju*** jiffaċċjaw skarsezza ta' kapital operatorju, rati tal-imgħax ogħla u rekwiżiti ta' kollateral akbar, li jagħmlu l-ksib tal-finanzjament, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' diffikultà finanzjarja, diffiċli, jekk mhux impossibbli. Meta jitqiesu l-karatteristiċi uniċi tal-istart-ups u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom f'diffikultà finanzjarja, b'mod partikolari l-ħtieġa ta' proċeduri aktar rapidi, sempliċi u affordabbli, meta l-istart-ups jsiru insolventi, ***il-kumpaniji EU Inc. li huma start-ups*** jenħtieġ li jkollhom aċċess għal ***proċedimenti*** ta' stralċ issimplifikati li huma adattati għal dawn il-ħtiġijiet speċifiċi. ***Il-qorti jew l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tkun tista' taħtar prattikant fl-insolvenza meta dan ikun meħtieġ, pereżempju biex tiżgura t-twettiq effiċjenti tal-proċedimenti, tipproteġi l-interessi tal-krediturі jew tindirizza l-kumplessità tal-patrimonju tal-insolvenza.***

Emenda 39

Proposta għal regolament
Premessa 67a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(67a) Il-Kapitolu X ta' dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], li tistabbilixxi li l-istituzzjoni responsabbli biex tissodisfa l-pretensjonijiet pendenti tal-impjegati għandha tkun l-istituzzjoni fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-impjegati jaħdmu jew jaħdmu abitwalment. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet individwali u kollettivi tal-ħaddiema skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali fil-kuntest ta' proċedimenti ta' insolvenza, b'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 98/59/KE u 2001/23/KE, u d-Direttivi 2002/14/KE, 2008/94/KE u 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-liġijiet nazzjonali li jittrasponuhom. B'mod partikolari, din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jikkonċernaw l-għoti ta' informazzjoni lill-ħaddiema u l-konsultazzjoni tagħhom u d-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ tat-trasferiment ta' intrapriża, negozju jew parti ta' intrapriża jew negozju skont dawk id-Direttivi u l-liġijiet nazzjonali li jittrasponuhom, inkluż meta dawk il-liġijiet nazzjonali jkun fihom regoli li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema jew għar-rappreżentanti tagħhom minn dawk stabbiliti f'dawk id-Direttivi.

[1a] Id-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom

(ĠU L 283, 28.10.2008, p. 36).

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) It-test tal-waqfien tal-pagamenti u t-test tal-karta tal-bilanċ huma ż-żewġ skattaturi tas-soltu fost l-Istati Membri għall-bidu ta' proċedimenti standard ta' insolvenza. Sabiex jiġi ssimplifikat il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza abbażi ta' kundizzjonijiet li jistgħu jiġu aċċertati faċilment, l-inabbiltà li jitħallsu d-djun hekk kif jimmaturaw jenħtieġ li tkun ***il-kriterju*** għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati ***għall-EU*** Inc. li huma start-ups ***innovattivi***. L-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu wkoll il-kundizzjonijiet speċifiċi li skonthom ***dan il-kriterju jiġi ssodisfat***, sakemm dawn il-kundizzjonijiet ikunu ċari, sempliċi u faċilment aċċertabbli mill-istart-up ikkonċernata.	(68) It-test tal-waqfien tal-pagamenti u t-test tal-karta tal-bilanċ huma ż-żewġ skattaturi tas-soltu fost l-Istati Membri għall-bidu ta' proċedimenti standard ta' insolvenza. Sabiex jiġi ssimplifikat il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza abbażi ta' kundizzjonijiet li jistgħu jiġu aċċertati faċilment, l-inabbiltà li jitħallsu d-djun hekk kif jimmaturaw ***jew id-djun li jaqbżu l-assi*** jenħtieġ li tkun ***il-kriterji*** għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati ***għall-kumpaniji EU*** Inc. li huma start-ups. L-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu wkoll il-kundizzjonijiet speċifiċi li skonthom ***dawk il-kriterji jiġu ssodisfati***, sakemm dawn il-kundizzjonijiet ikunu ċari, sempliċi u faċilment aċċertabbli mill-istart-up ikkonċernata.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Premessa 68a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(68a) Jenħtieġ li l-istart-ups EU Inc. ikunu jistgħu jibdew proċedimenti biex jindirizzaw id-diffikultajiet finanzjarji tagħhom u jiksbu ħelsien mid-dejn. L-aċċess għal proċedimenti ta' stralċ issimplifikati jenħtieġ li ma jkunx

jiddependi fuq il-kapaċità tal-istart-ups li jkopru l-kostijiet amministrattivi ta' tali proċedimenti. Il-liġijiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jintroduċu regoli biex ikopru l-kostijiet tal-amministrazzjoni ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati fejn l-assi u s-sorsi tad-dhul tad-debitur ma jkunux biżżejjed biex ikopru dawk il-kostijiet.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(69) Għall-kuntrarju tar-ristrutturar, f'likwidazzjoni insolventi huwa ta' importanza kbira li l-proċedimenti jitwettqu bl-involviment ta' prattikant fl-insolvenza li jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti u l-atti legali kollha fl-interessi tal-krediturі. Dan l-għarfien espert huwa meħtieġ, b'mod partikolari, fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-impjegati jew għall-konformità mal-istandards tad-dritt ambjentali. Għalhekk, l-amministrazzjoni bla xkiel tal-proċedimenti ta' stralċ issimplifikati għall-EU Inc. li huma start-ups ***innovattivi*** tirrikjedi, bħala regola ġenerali, il-ħatra ta' prattikant fl-insolvenza. Bħala eċċezzjoni, madankollu, u biss meta l-imġiba prudenti tad-debitur fil-perjodu li jwassal għall-insolvenza tiġġustifika dan, id-debitur innifsu, kreditur jew grupp ta' krediturі jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jitolbu li l-proċediment ta' stralċ jitwettaq mingħajr prattikant fl-insolvenza. Huwa fid-diskrezzjoni tal-qorti jew tal-awtorità kompetenti li tiddeċiedi jekk tagħtix tali deroga jew le filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.	(69) Għall-kuntrarju tar-ristrutturar, f'likwidazzjoni insolventi huwa ta' importanza kbira li l-proċedimenti jitwettqu bl-involviment ta' prattikant fl-insolvenza li jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti u l-atti legali kollha fl-interessi tal-krediturі. Dan l-għarfien espert huwa meħtieġ, b'mod partikolari, fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-impjegati jew għall-konformità mal-istandards tad-dritt ambjentali. Għalhekk, l-amministrazzjoni bla xkiel tal-proċedimenti ta' stralċ issimplifikati għall-EU Inc. li huma start-ups tirrikjedi, bħala regola ġenerali, il-ħatra ta' prattikant fl-insolvenza. Bħala eċċezzjoni, madankollu, u biss meta l-imġiba prudenti tad-debitur fil-perjodu li jwassal għall-insolvenza tiġġustifika dan, id-debitur innifsu, kreditur jew grupp ta' krediturі jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jitolbu li l-proċediment ta' stralċ jitwettaq mingħajr prattikant fl-insolvenza. ***F'każijiet bħal dawn, sabiex il-qorti jew l-awtorità kompetenti tkun tista' tivvaluta malajr jekk il-kundizzjonijiet għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati humiex issodisfati u biex tiżgura t-twettiq effiċjenti tagħhom, it-talba għall-ftuħ ta'***

tali proċedimenti jenħtieġ li jkun fiha biżżejjed informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u legali tad-debitur, inklużi l-obbligi pendenti fil-konfront tal-impjegati, l-awtoritajiet tat-taxxa, l-istituzzjonijiet u l-fornituri tas-sigurtà soċjali, kif ukoll dikjarazzjoni li tikkonferma l-kompletezza u l-akkuratezza tal-informazzjoni pprovduta. Huwa fid-diskrezzjoni tal-qorti jew tal-awtorità kompetenti li tiddeċiedi jekk tagħtix tali deroga jew le filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ***u l-informazzjoni meħtieġa pprovduta***.

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(70) Sabiex jiġu stabbiliti proċedimenti ta' stralċ issimplifikati kosteffettivi u rapidi għal EU Inc. li jkunu start-ups innovattivi, il-proċedura jenħtieġ li titwettaq u tiġi konkluża fi żmien 6 xhur mis-sottomissjoni tat-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati. Bl-istess mod, il-formalitajiet għall-passi proċedurali kollha, inkluż għall-ftuħ tal-proċedimenti, il-preżentazzjoni u l-ammissjoni ta' pretensjonijiet jew ir-realizzazzjoni tal-assi jenħtieġ li jiġu mminimizzati. EU Inc. li huma start-ups ***innovattivi*** jenħtieġ li jkunu jistgħu jibdew proċedimenti ta' stralċ issimplifikati mingħajr ir-rappreżentanza minn avukat jew minn professjonist legali ieħor billi jużaw formola standard żviluppata għal dak il-għan.	(70) Sabiex jiġu stabbiliti proċedimenti ta' stralċ issimplifikati kosteffettivi u rapidi għal EU Inc. li jkunu start-ups innovattivi, il-proċedura jenħtieġ li titwettaq u tiġi konkluża fi żmien 6 xhur mis-sottomissjoni tat-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati. Bl-istess mod, il-formalitajiet għall-passi proċedurali kollha, inkluż għall-ftuħ tal-proċedimenti, il-preżentazzjoni u l-ammissjoni ta' pretensjonijiet jew ir-realizzazzjoni tal-assi jenħtieġ li jiġu mminimizzati. ***Il-kumpaniji*** EU Inc. li huma start-ups innovattivi jenħtieġ li jkunu jistgħu jibdew proċedimenti ta' stralċ issimplifikati mingħajr ir-rappreżentanza minn avukat jew minn professjonist legali ieħor billi jużaw formola standard żviluppata għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) Debitur ta' EU Inc. li tkun start-up ***innovattiva*** jenħtieġ li jkun jista' jibbenefika minn sospensjoni temporanja ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali, sabiex ikun jista' jippreżerva l-valur tal-patrimonju tal-insolvenza u jiżgura t-twettiq ġust u ordnat tal-proċedimenti.	(72) Debitur ta' EU Inc. li tkun start-up jenħtieġ li jkun jista' jibbenefika minn sospensjoni temporanja ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali, sabiex ikun jista' jippreżerva l-valur tal-patrimonju tal-insolvenza u jiżgura t-twettiq ġust u ordnat tal-proċedimenti. ***Il-pretensjonijiet tal-impjegati, bħala regola, jenħtieġ li ma jiġux affettwati minn tali sospensjoni sabiex jiġi żgurat il-ħlas f'waqtu ta' pagi u pretensjonijiet oħra relatati mal-impjieg. B'deroga, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jestendu s-sospensjoni għall-pretensjonijiet tal-impjegati meta, u sal-punt li, jiżguraw li l-impjegati jgawdu minn livell ta' protezzjoni li jkun ekwivalenti għal dak disponibbli fin-nuqqas ta' sospensjoni, inkluż permezz ta' istituzzjonijiet ta' garanzija skont it-tifsira tad-Direttiva 2008/94/KE, mekkaniżmi ta' pagamenti bil-quddiem jew arranġamenti oħra f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1023.***

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(74) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ***fir-rigward tal-istabbiliment tal-mudelli multilingwi tal-UE, il-formola ta' applikazzjoni multilingwi, id-data li għandha tiġi trażmessa u magħmula disponibbli permezz tal-BRIS u l-***	(74) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni ***fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-reġistru diġitali ċentrali, tal-pjattaforma diġitali EU Inc. u tal-formola standard***

kompatibbiltà bejn iċ-Ċertifikat tal-Kumpaniji tal-UE u l-prokura diġitali tal-UE mal-Kartieri tan-Negozju msemmija f'[PO: Referenza għall-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju], jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.

għat-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].

[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Premessa 74a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(74a) Sabiex jiġu ssodisfati l-objettivi ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar jew tas-supplimentar ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-istabbiliment ta' mudelli multilingwi tal-UE għal artikoli ta' assoċjazzjoni standard u ftehimiet tal-azzjonisti għal kumpanija EU Inc. jew kumpanija EU Inc. SO, l-aġġornament tal-kontenut minimu tal-artikoli ta' assoċjazzjoni, li jinsabu fl-Anness I, l-aġġornament tal-lista ta' attivitajiet ekonomiċi fl-Anness II, il-formola ta' applikazzjoni multilingwi, id-data li għandha tiġi trażmessa u ssir

disponibbli permezz tal-BRIS u l-kompatibbiltà bejn iċ-Ċertifikat tal-Kumpaniji tal-UE u l-prokura diġitali tal-UE mal-Kartieri tan-Negozju msemmija fi … [PO: Referenza għall-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju], kif ukoll l-istabbiliment u l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi meħtieġa għall-interkonnessjoni tas-sistemi tal-irkant elettroniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[1a]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[1a] ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) Is-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-formola standard għat-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati u s-setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri tekniċi	***imħassar***

meħtieġa għall-interkonnessjoni tas-sistemi ta' rkant elettroniku jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011[23] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

[23] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13–18), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Premessa 80a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(80a) Sabiex tiġi żgurata soluzzjoni ġusta, effiċjenti, rapida u prevedibbli tat-tilwim korporattiv li jinvolvi kumpaniji EU Inc., huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas komprensiv li jipprevedi mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim kemm barra mill-qorti kif ukoll ġudizzjarju. Tali qafas jenħtieġ li jissalvagwardja ċ-ċertezza legali u l-aċċess effettiv għall-ġustizzja.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Premessa 80b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(80b) B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu mekkaniżmi aċċessibbli għas-soluzzjoni tat-tilwim korporattiv barra mill-qorti inklużi l-medjazzjoni, il-konċiljazzjoni u l-arbitraġġ, li jistgħu jitwettqu b'mod elettroniku. Sabiex tiġi żgurata l-fiduċja f'tali mekkaniżmi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiċċertifikaw korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti li jissodisfaw standards xierqa ta' indipendenza, għarfien espert, aċċessibbiltà u ġustizzja proċedurali. Informazzjoni komprensiva dwar il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti, inklużi l-kostijiet, jenħtieġ li tkun disponibbli permezz tal-pjattaforma diġitali EU Inc. biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja għall-partijiet kollha, b'mod partikolari l-SMEs u l-istart-ups.
	Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Premessa 80c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(80c) Id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt ta' proċess ġust quddiem il-qorti huma drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, jenħtieġ li l-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti ma jżommux lill-partijiet milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-sistema ġudizzjarja. F'każijiet li fihom tilwima ma setgħetx tiġi solvuta permezz ta' mekkaniżmi ta' soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti, jenħtieġ li l-partijiet ma

jinżammux milli sussegwentement jibdew proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward ta' dik it-tilwima. Il-qafas għas-soluzzjoni tat-tilwim jenħtieġ li jtejjeb iċ-ċertezza legali u l-fiduċja tal-investituri, u b'hekk jikkontribwixxi għall-funzjonament tas-suq intern billi joħloq sistema li tintegra l-aħjar prattiki tat-tradizzjonijiet legali Ewropej.

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Premessa 81

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(81) Filwaqt li jirrikonoxxu l-kompetenza tal-Istati Membri biex jorganizzaw is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali tagħhom, ***huma jistgħu jinnominaw*** jew ***jistabbilixxu*** kamra ġudizzjarja jew qorti speċjalizzata għal tilwim li jinvolvi kumpaniji EU Inc. dwar materji koperti minn dan ir-Regolament. Dak ikun jiffaċilita t-twettiq bla xkiel tal-proċeduri u jista' jiġġenera ġurisprudenza nazzjonali koerenti, bit-tilwim li jirriżulta skont ir-Regolament jiġi solvut mill-imħallfin li għandhom l-għarfien espert għal tilwim dwar id-dritt tal-kumpaniji u tal-insolvenza. Jekk it-tilwim jiġi solvut b'mod aktar rapidu u b'kost aktar baxx, dan iżid l-attraenza tal-forma ġuridika l-ġdida għad-destinatarji tagħha u jnaqqas l-inċentiv għall-istart-ups u l-iscale-ups biex jiċċaqilqu lejn ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Ewropea għat-Taħriġ Ġudizzjarju għall-2025-2030 identifikat il-ħtieġa ta' titjib tal-ħiliet tal-professjonisti tal-ġustizzja fil-qafas legali propost minn dan ir-Regolament, li jista' jitfassal fil-proċess ta'	(81) Filwaqt li jirrikonoxxu l-kompetenza tal-Istati Membri biex jorganizzaw is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali tagħhom, ***l-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu li tiġi nnominata*** jew ***stabbilita*** kamra ġudizzjarja jew qorti speċjalizzata ***waħda jew aktar*** għal tilwim li jinvolvi kumpaniji EU Inc. dwar materji koperti minn dan ir-Regolament. ***Minħabba d-dimensjoni transfruntiera u l-qafas legali speċifiku tal-forma ġuridika tal-EU Inc., tali kmamar ġudizzjarji jew qrati jenħtieġ li jkollhom għarfien espert f'materji relatati ma' dan ir-Regolament u jikkontribwixxu għall-interpretazzjoni konsistenti u l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni.*** Dak ikun jiffaċilita t-twettiq bla xkiel tal-proċeduri u jista' jiġġenera ġurisprudenza nazzjonali koerenti, bit-tilwim li jirriżulta skont ir-Regolament jiġi solvut mill-imħallfin li għandhom l-għarfien espert għal tilwim dwar id-dritt tal-kumpaniji u tal-insolvenza. Jekk it-tilwim jiġi solvut b'mod aktar rapidu u b'kost aktar baxx, dan iżid l-attraenza tal-forma ġuridika l-ġdida għad-destinatarji tagħha u jnaqqas l-inċentiv għall-istart-ups u l-iscale-ups biex

speċjalizzazzjoni.	jiċċaqilqu lejn ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Ewropea għat-Taħriġ Ġudizzjarju għall-2025-2030 identifikat il-ħtieġa ta' titjib tal-ħiliet tal-professjonisti tal-ġustizzja fil-qafas legali propost minn dan ir-Regolament, li jista' jitfassal fil-proċess ta' speċjalizzazzjoni.
	Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Premessa 81a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(81a) Sabiex tiġi ffaċilitata l-interpretazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament mill-qrati nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippubblikaw kwalunkwe sentenza finali relatata ma' kumpaniji EU Inc. sabiex il-qrati nazzjonali ta' Stati Membri oħra jkunu jistgħu jqisu dawk is-sentenzi. Sabiex jiżdied il-fehim ta' kif dan ir-Regolament jiġi applikat fil-livell nazzjonali, għall-benefiċċju ta', fost l-oħrajn, kumpaniji, fundaturi, investituri, trade unions, prattikanti legali, akkademiċi u l-pubbliku ġenerali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data faċilment aċċessibbli u disponibbli għall-pubbliku li jkun fiha sentenzi finali nazzjonali relatati ma' kumpaniji EU Inc., kif ukoll referenzi għal sentenzi rilevanti mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
	Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Premessa 81b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(81b) Sabiex jiġi promoss l-operat bla xkiel tal-kumpaniji EU Inc. fis-suq intern, tiġi żgurata l-applikazzjoni effiċjenti tal-prinċipju ta' "darba biss" u jissaħħu t-trasparenza u ċ-ċertezza legali, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita pjattaforma diġitali EU Inc. b'aċċess miftuħ li tipprovdi informazzjoni komprensiva u multilingwi u gwida prattika, inklużi tutorials dwar l-aspetti kollha relatati mal-operazzjonijiet tal-kumpaniji EU Inc. għall-kumpaniji, l-investituri, it-trade unions, l-akkademja u l-prattikanti legali. B'mod partikolari, il-pjattaforma diġitali tal-EU Inc. jenħtieġ li tipprovdi informazzjoni dwar id-dritt tal-kumpaniji applikabbli, mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim, opportunitajiet ta' finanzjament u aċċess għall-bażi tad-data pubblika dwar il-ġurisprudenza tal-Unjoni u dik nazzjonali relatata mal-kumpaniji EU Inc. Il-pjattaforma jenħtieġ li tkun interoperabbli mas-sistemi ta' ġustizzja diġitali eżistenti tal-UE, inkluż il-portal tal-Ġustizzja elettronika u s-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS), biex jiġi żgurat aċċess bla xkiel għall-informazzjoni u għas-servizzi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' din il-pjattaforma, inklużi r-rekwiżiti għat-traduzzjoni awtomatika, l-għodod tat-tiftix li jaħdmu bl-IA u n-notifiki ta' aġġornament legali, sabiex jiġi żgurat l-operat effettiv tagħha għall-utenti madwar l-Unjoni.

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Premessa 83

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(83) Dan ir-Regolament ma jaffettwax ***id-dritt*** tal-Unjoni ***jew dak*** nazzjonali ***dwar l-impjiegi***. Dawn il-liġijiet jenħtieġ li japplikaw għall-kumpaniji EU Inc. kif japplikaw għal kwalunkwe kumpanija b'responsabbiltà limitata oħra ***tal-Unjoni***. Il-qafas legali korporattiv stabbilit minn dan ir-Regolament jifforma parti mill-ambjent legali tas-suq intern u jibni fuq l-acquis tal-Unjoni dwar id-dritt tal-kumpaniji.	(83) Dan ir-Regolament ma jaffettwax ***il-liġi tax-xogħol individwali jew kollettiva*** tal-Unjoni u ***dik*** nazzjonali ***li tkompli tapplika fl-Istat Membru fejn abitwalment jitwettaq ix-xogħol***. Dawn il-liġijiet jenħtieġ li japplikaw għall-kumpaniji EU Inc. kif japplikaw għal kwalunkwe kumpanija b'responsabbiltà limitata ***nazzjonali jew tal-Unjoni*** oħra ***u jinkludu regoli relatati mas-sikurezza u s-saħħa, il-ħin tax-xogħol, il-pagi, it-trattament ugwali, il-protezzjoni mid-diskriminazzjoni, il-protezzjoni mit-tkeċċija, il-kodeterminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u d-dritt ta' sħubija fi trade union u li tittieħed azzjoni kollettiva***. Il-qafas legali korporattiv stabbilit minn dan ir-Regolament jifforma parti mill-ambjent legali tas-suq intern u jibni fuq l-acquis tal-Unjoni dwar id-dritt tal-kumpaniji.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern u biex jinħoloq qafas legali effiċjenti għall-kumpaniji u għall-investituri billi:	Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern u biex jinħoloq qafas legali effiċjenti ***u komprensiv*** għall-kumpaniji***, b'mod partikolari għall-istart-ups u għall-iscale-ups,*** u għall-investituri billi:

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) joħloq forma ġuridika armonizzata ġdida ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata ("EU ***Inc.***") ipprovduta fl-ordni ġuridiku ta' kull Stat Membru;	(a) creating a new harmonised legal form of a limited liability company ('EU ***Incorporated', abbreviated 'EU*** Inc.') provided in the legal order of every Member State;

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jintroduċi forma ġuridika ġdida għall-kumpaniji bi sjieda ta' stewards ("EU Inc. SO");

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Kamp ta' applikazzjoni
	1. Dan ir-Regolament japplika għal kumpaniji, stabbiliti bħala kumpaniji EU Inc. fit-territorju tal-Unjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament.
	2. Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-liġi tax-xogħol individwali u kollettiva tal-Unjoni u dik nazzjonali, inklużi l-

ftehimiet kollettivi, jiġifieri kwalunkwe dispożizzjoni legali jew kuntrattwali li tikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, ir-remunerazzjoni u r-relazzjoni bejn l-impjegaturi u l-ħaddiema, u l-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-Istati Membri u l-koordinazzjoni tagħha fil-livell tal-Unjoni. Il-liġi applikabbli għall-kuntratti ta' impjieg individwali ta' kumpanija EU Inc., il-fergħat u s-sussidjarji tagħha tibqa' ddeterminata esklużivament mill-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 u l-ġurisdizzjoni fuq il-kuntratti ta' impjieg individwali ta' kumpanija EU Inc., il-fergħat u s-sussidjarji tagħha tibqa' ddeterminata mill-Artikoli 20 sa 23 tar-Regolament (KE) Nru 1215/2012. Dan ir-regolament huwa mingħajr preġudizzju b'mod partikolari għal:

(a) il-protezzjoni obbligatorja għall-ħaddiema, għar-rappreżentanti u għat-trade unions tagħhom, u għal partijiet vulnerabbli oħra, b'mod partikolari skont id-Direttiva 2002/14/KE, id-Direttiva 2009/38/KE kif riveduta bid-Direttiva 2025/2450/UE, kif ukoll id-Direttiva 2001/23/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE;

(b) id-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati kif definit fl-Artikolu 2(k) tad-Direttiva 2001/86/KE; u

(c) il-protezzjoni tal-paga minima kif ukoll il-pagi nnegozjati b'mod kollettiv, b'mod partikolari skont id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea.

3. Dan ir-Regolament ma għandux jikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni diġà mogħti lill-ħaddiema fl-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni, id-dritt nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi. Dan ma għandu bl-ebda mod jaffettwa l-eżerċitar tad-drittijiet

rikonoxxuti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, inkluż id-dritt jew il-libertà tal-istrajkjar jew li jittieħdu azzjonijiet oħra koperti bis-sistemi speċifiċi ta' relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri f'konformità mad-dritt jew mal-prattika nazzjonali. Lanqas ma jaffettwa d-dritt tan-negozjar, il-konklużjoni u l-infurzar ta' ftehimiet kollettivi, jew li tittieħed azzjoni kollettiva f'konformità mad-dritt jew mal-prattika nazzjonali.

4. Materji tad-dritt tal-kumpaniji li mhumiex koperti minn dan ir-Regolament jew mill-istatut ta' assoċjazzjoni ta' EU Inc., meta espressament awtorizzati minn dan ir-Regolament, għandhom ikunu rregolati mid-dritt nazzjonali, inklużi d-dispożizzjonijiet li jittrasponu d-dritt tal-Unjoni, li japplikaw għall-forma ġuridika nazzjonali rilevanti fl-Istat Membru li fih il-kumpanija EU Inc. għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha. Kull Stat Membru għandu jinnomina dik il-forma ġuridika nazzjonali rilevanti u jinforma lill-Kummissjoni dwar id-dežinjazzjoni sa … [3 xhur qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]. Meta Stat Membru jagħmel użu mill-għażla msemmija fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2, huwa jista' jiddeżinja forma ġuridika separata għal kumpaniji bi sjieda ta' stewards bħala l-forma ġuridika nazzjonali rilevanti u jinforma lill-Kummissjoni dwar id-dežinjazzjoni sa … [3 xhur qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

5. EU Inc. ma tistax tiġi stabbilita jekk l-objettiv propost tagħha jkun attività ekonomika elenkata fl-Anness Ia ta' dan ir-Regolament. Dawk l-attivitajiet ekonomiċi jitqiesu li x'aktarx ma jiżviluppawx prodott, servizz jew proċess ġdid jew imtejjeb li jvarja b'mod sinifikanti minn iterazzjonijiet preċedenti u li jkun disponibbli għall-utenti potenzjali. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 106b biex temenda l-Anness Ia billi taġġorna l-lista ta' attivitajiet

ekonomiċi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali.

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) "start-up" hija intrapriża li timpjega anqas minn 100 persuna, li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta tal-bilanċ annwali tagħha, jew it-tnejn, ma jaqbiżx EUR 10 miljun, u li ilha topera għal anqas minn 10 snin wara r-reġistrazzjoni tagħha;

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "statut ta' assoċjazzjoni" tfisser ***kemm*** l-istrument ta' kostituzzjoni ***kif ukoll*** l-istatuti f'dokument wieħed;	(5) "statut ta' assoċjazzjoni" tfisser l-istrument ta' kostituzzjoni ***u*** l-istatuti f'dokument wieħed;

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "fergħa" tfisser stabbiliment fiss, li	(6) "fergħa" ***ta' kumpanija EU Inc.***

ma huwiex persuna ġuridika separata iżda li jista' jkollu ġestjoni separata, li permezz tagħha titwettaq attività ekonomika ta' kumpanija;	tfisser stabbiliment fiss, li ma huwiex persuna ġuridika separata iżda li jista' jkollu ġestjoni separata, li permezz tagħha titwettaq attività ekonomika ta' kumpanija;

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) "sussidjarja" ta' kumpanija EU Inc. tfisser intrapriża li fuqha dik il-kumpanija teżerċita influwenza dominanti kif definita f'konformità mal-Artikolu 3(2) sa (7) tad-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]:
	[1a] Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/38/oj).

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) "għan tal-kumpanija" tfisser l-attività jew l-attivitajiet ewlenin ***tal-***	(11) "għan tal-kumpanija" tfisser l-attività jew l-attivitajiet ewlenin ***ta'***

kumpanija, espressi bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-kodiċi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE, Statistical Classification of Economic Activities in the European Community) u, jekk ikun hemm, attivitajiet u skopijiet aktar speċifiċi;	***kumpanija***, espressi bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-kodiċi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE, Statistical Classification of Economic Activities in the European Community) u, jekk ikun hemm, attivitajiet u skopijiet aktar speċifiċi;

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) "likwidazzjoni" tfisser il-proċedura tal-istralċ tal-affarijiet ***tal-kumpanija*** xolta;	(13) "likwidazzjoni" tfisser il-proċedura tal-istralċ tal-affarijiet ***ta' kumpanija*** xolta;

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) "Ċertifikat tal-Kumpaniji tal-UE" tfisser dokument awtentikat maħruġ minn reġistru kummerċjali ta' Stat Membru li jkun fih informazzjoni ewlenija dwar kumpanija rreġistrata f'dak ir-reġistru kummerċjali, li huwa aċċettat fl-Istati Membri ***tal-UE***, f'konformità mal-Artikolu 16b tad-Direttiva (UE) 2017/1132;	(15) "Ċertifikat tal-Kumpaniji tal-UE" tfisser dokument awtentikat maħruġ minn reġistru kummerċjali ta' Stat Membru li jkun fih informazzjoni ewlenija dwar kumpanija rreġistrata f'dak ir-reġistru kummerċjali, li huwa aċċettat fl-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 16b tad-Direttiva (UE) 2017/1132;

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) "parti relatata" ***għandha l-istess tifsira bħal*** fl-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26];	(19) "parti relatata" ***tfisser parti relatata kif stabbilita*** fl-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26];
[26] Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1–4), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/1606/2008-04-10	[26] Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1–4), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/1606/2008-04-10

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) "trasferiment ta' ishma" tfisser tranżazzjoni li tinvolvi kwalunkwe bidla fis-sjieda tal-ishma, irrispettivament minn jekk it-tranżazzjoni ssirx għal korrispettiv jew bla ħlas;	(22) "trasferiment ta' ishma" tfisser tranżazzjoni li tinvolvi kwalunkwe bidla fis-sjieda tal-ishma, irrispettivament minn jekk it-tranżazzjoni ssirx għal korrispettiv jew bla ħlas;

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) "EU Inc. bi sjieda ta' stewards" jew "EU Inc. SO" tfisser EU Inc. li l-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha jikkonforma mal-Artikoli 8a u 8b u li hija rreġistrata bħala tali fir-reġistru kummerċjali;

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30b) "drittijiet ta' kontroll" tfisser drittijiet tal-vot, drittijiet ta' ħatra, drittijiet ta' tkeċċija, drittijiet ta' struzzjoni jew drittijiet oħra ta' governanza li jippermettu lid-detentur tagħhom, direttament jew indirettament, jiddetermina jew jinfluwenza materjalment deċiżjonijiet riżervati għal-laqgħa ġenerali skont dan ir-Regolament jew l-artikoli ta' assoċjazzjoni;

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30c) "drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika" tfisser drittijiet għal dividendi, distribuzzjonijiet, pagamenti ta' tifdija, rikavati minn likwidazzjoni, rikavati minn bejgħ ta' ishma jew parteċipazzjoni diretta jew indiretta oħra

fil-profitti jew valur residwu tal-kumpanija, iżda ma jinkludux korrispettiv riċevut għat-trasferiment ta' ishma ta' steward sa fejn ikun permess skont l-Artikolu 8a(5);

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30d) "sehem ta' steward" tfisser sehem f'kumpanija EU Inc. SO li jkollu drittijiet ta' kontroll iżda li ma jkollux drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika;

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30e) "sehem ekonomiku" tfisser sehem li jista' jinfeda f'kumpanija EU Inc. SO li jkollu drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika skont l-Artikolu 76(8) sa (10) iżda li ma jkollux drittijiet ta' kontroll, ħlief għal drittijiet ta' informazzjoni jew drittijiet ta' konsultazzjoni jew drittijiet ta' kunsens tal-klassi li huma meħtieġa biex jiġu protetti d-drittijiet marbuta ma' dik il-klassi u li ma jippermettux lid-detentur jiddetermina l-attivitajiet tal-kumpanija;

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30f) "separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika" tfisser dispożizzjonijiet vinkolanti ta' dan ir-Regolament u tal-istatut ta' assoċjazzjoni ta' kumpanija EU Inc. SO li jiżguraw li l-persuni li jeżerċitaw drittijiet ta' kontroll u l-partijiet relatati tagħhom ma jkollhomx drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika u li l-persuni li jkollhom drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika u l-partijiet relatati tagħhom ma jeżerċitawx drittijiet ta' kontroll, u li ma jistgħux jitneħħew, jiġu rrinunzjati jew evitati b'deċiżjoni tal-kumpanija, l-istewards, l-azzjonisti, id-diretturi tagħha jew kwalunkwe korp ieħor;

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 30g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30g) "steward" tfisser detentur ta' ishma ta' steward fdat bil-preżervazzjoni tal-indipendenza u l-iskop fit-tul tal-kumpanija.

Or. en

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***tista'*** tiġi fformata minn persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar;	(c) ***għandha*** tiġi fformata minn persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar;

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kumpanija EU Inc. tista' tkun stabbilita b'mod permanenti bħala, jew tista' ssir b'mod permanenti, kumpanija EU Inc. SO f'konformità mal-Artikoli 8a u 8b. Sakemm dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor, id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli għal kumpanija EU Inc. għandhom japplikaw għal kumpanija EU Inc. SO.

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ir-reġistrazzjoni ta' kumpanija EU Inc. bħala kumpanija EU Inc. SO għandu jkollha effett kostituttiv għall-istatus tagħha bħala kumpanija EU Inc. SO u għall-użu ta' dik id-dežinjazzjoni.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri ma għandhomx jagħmlu l-formazzjoni, ir-reġistrazzjoni, l-operat, il-konverżjoni f'kumpanija EU Inc. SO jew l-eżistenza kontinwa tagħha kundizzjonali fuq l-eżistenza ta' forma ġuridika nazzjonali separata għal kumpaniji bi sjieda ta' stewards.

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 4	***imħassar***
Regoli applikabbli għall-EU Inc.	
1. Il-kumpaniji EU Inc. għandhom ikunu rregolati minn dan ir-Regolament u mill-istatut ta' assoċjazzjoni tagħhom li għandu jikkonforma ma' dan ir-Regolament.	
2. Materji li ma humiex koperti minn dan ir-Regolament jew mill-istatut ta' assoċjazzjoni għandhom ikunu rregolati mid-dritt nazzjonali, inklużi d-dispożizzjonijiet li jittrasponu d-dritt tal-Unjoni, li japplikaw għall-forom ġuridiċi nazzjonali rilevanti fl-Istat Membru li fih l-EU Inc. ikollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha.	
3. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw il-forma ġuridika nazzjonali rilevanti msemmija fil-paragrafu 2, li d-dispożizzjonijiet tagħha japplikaw għall-kumpaniji EU Inc.	

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-isem ***tal-kumpanija*** għandu jikkonforma ma' dan li ġej:	1. L-isem ***ta' kumpanija EU Inc.*** għandu jikkonforma ma' dan li ġej:

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***jiġi segwit bil-fraża*** "EU Inc.";	(a) ***ikun fih il-fraża*** "EU Inc." ***fl-aħħar***;

Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-reġistrazzjoni ta' isem ta' kumpanija ma għandha taffettwa l-ebda pretensjoni li persuna oħra jista' jkollha fir-rigward tal-użu mhux xieraq ta' isem li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali.	2. Ir-reġistrazzjoni ta' isem ta' kumpanija ***EU Inc.*** ma għandha taffettwa l-ebda pretensjoni li persuna oħra jista' jkollha fir-rigward tal-użu mhux xieraq ta' isem li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali.

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kumpanija EU Inc. biss ikun fiha "EU Inc." f'isimha.

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Kumpanija EU Inc. irreġistrata bħala kumpanija EU Inc. SO biss tista' tuża d-dežinjazzjoni "EU Inc." jew "EU Inc. SO" jew kwalunkwe dežinjazzjoni li tista' toħloq l-impressjoni li l-kumpanija hija rreġistrata bħala EU Inc. SO.

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istatut ta' assoċjazzjoni għandu jkopri mill-anqas il-materji stabbiliti f'dan ir-Regolament, kif speċifikat fl-Anness.	2. L-istatut ta' assoċjazzjoni għandu jkopri mill-anqas il-materji stabbiliti f'dan ir-Regolament, kif speċifikat fl-Anness ***I***.

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta kumpanija EU Inc. ***tadotta l-istatut*** ta' assoċjazzjoni standard kif imsemmi fl-Artikolu 8, iż-żewġ verżjonijiet lingwistiċi għandu jkollhom valur legali ugwali.	Meta kumpanija EU Inc. ***tuża l-mudelli tal-UE għall-istatut*** ta' assoċjazzjoni standard kif imsemmi fl-Artikolu 8 ***għall-istatut tagħha***, iż-żewġ verżjonijiet lingwistiċi ***msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu*** għandu jkollhom valur legali ugwali.

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta EU Inc. tadotta statut ta' assoċjazzjoni mhux standard, il-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandhom jipprevalu fil-każ ta' diskrepanza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi.	Meta EU Inc. tadotta statut ta' assoċjazzjoni mhux standard, il-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandhom jipprevalu fil-każ ta' diskrepanza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi ***msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu***.

Or. en

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 106b biex tissupplimenta l-kontenut minimu tal-

	istatut ta' assoċjazzjoni, imsemmi fl-Anness I.

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mudelli tal-UE għal statut ta' assoċjazzjoni standard	Mudelli tal-UE għal statut ta' assoċjazzjoni standard ***u ftehimiet standard tal-azzjonisti***

Or. en

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-mudelli tal-UE għall-istatut ta' assoċjazzjoni standard ("mudelli tal-UE") jistgħu jintużaw bħala parti mill-proċedura ta' formazzjoni permezz tal-interfaċċa ċentrali tal-UE jew mar-reġistru kummerċjali.	1. Il-mudelli tal-UE għall-istatut ta' assoċjazzjoni standard ***ta' kumpanija EU Inc. jew kumpanija EU Inc. SO*** ("mudelli tal-UE") jistgħu jintużaw bħala parti mill-proċedura ta' formazzjoni permezz tal-interfaċċa ċentrali tal-UE jew mar-reġistru kummerċjali.

Or. en

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' ***atti ta' implimentazzjoni***, tistabbilixxi l-	3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' ***att delegat, f'konformità mal-Artikolu***

mudelli multilingwi tal-UE għall-istatut ta' assoċjazzjoni standard.	***106b***, tistabbilixxi l-mudelli multilingwi tal-UE għall-istatut ta' assoċjazzjoni standard ***sa … [l-aħħar jum tas-6 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***.

Or. en

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-mudelli għal kumpanija EU Inc. SO għandhom jinkludu dispożizzjonijiet mudell għall-istatut ta' assoċjazzjoni dwar l-ishma ta' steward, l-ishma ekonomiċi, ir-restrizzjonijiet fuq it-trasferimenti, is-separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika, ir-rapportar, l-assigurazzjoni indipendenti, is-sorveljanza u l-infurzar.

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Għall-istabbiliment tal-mudelli tal-UE, imsemmija fil-paragrafi 3 u 4, il-Kummissjoni għandha taħtar grupp ta' esperti biex jassisti fl-iżvilupp ta' artikoli standard ta' assoċjazzjoni li jikkorrispondu għar-rekwiżiti armonizzati għall-kumpaniji EU Inc. u EU Inc. SO. Il-grupp ta' esperti għandu jinkludi fundaturi, investituri, prattikanti legali, rappreżentanti tal-akkademja u tat-trade unions, kif ukoll partijiet ikkonċernati

oħra affettwati mill-mudelli.

Or. en

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Il-grupp ta' esperti msemmi fil-paragrafu 3b għandu jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' mudelli tal-UE għal mudelli standard ta' ftehimiet tal-azzjonisti. Tali mudelli ta' ftehimiet bejn l-azzjonisti għandhom jilħqu bilanċ ġust bejn l-interessi tal-fundaturi u tal-investituri.

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3d. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att delegat, f'konformità mal-Artikolu 106b, tistabbilixxi l-mudelli multilingwi tal-UE għall-ftehimiet mudell tal-azzjonisti msemmija fil-paragrafu 6, sa … [l-aħħar jum tas-6 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Kumpaniji EU Inc. bi sjieda ta' stewards
	1. Għal kumpanija rreġistrata bħala kumpanija EU Inc. SO f'konformità mal-Artikolu 3(2), l-istewards, li jaġixxu bħala l-laqgħa ġenerali, ma għandu jkollhom l-ebda awtorità li jemendaw l-istatut ta' assoċjazzjoni sal-punt li tali emenda tneħħi, tirrinunzja, tissospendi, tevita jew iddgħajjef materjalment is-separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika meħtieġa minn dan l-Artikolu u mill-Artikolu 8b.
	2. L-istatut ta' assoċjazzjoni ta' EU Inc. SO għandu jiżgura s-separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika. Għal dak il-għan, huma għandhom jipprovdu li:
	(a) il-kumpanija jkollha mill-anqas klassi waħda ta' ishma ta' steward li ma jistgħux jinfdew;
	(b) l-ishma ta' steward biss ikollhom drittijiet ta' kontroll;
	(c) l-ishma ta' steward ma jkollhomx drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika;
	(d) l-ishma ekonomiċi, meta jinħarġu, ma jkollhomx drittijiet ta' kontroll;
	(e) l-ebda steward, u l-ebda parti relatata ta' steward, ma jista' jkollha direttament jew indirettament ishma ekonomiċi jew inkella jkollha drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika;
	(f) l-ebda detentur ta' ishma ekonomiċi, u l-ebda parti relatata ta' detentur ta' ishma ekonomiċi, ma jista' jkollha direttament jew indirettament ishma ta' steward jew teżerċita b'xi mod ieħor drittijiet ta' kontroll;
	(g) l-ebda persuna ma tista' teżerċita

drittijiet ta' kontroll skont kwalunkwe arranġament ġuridiku jew ekonomiku meta dik il-persuna jew il-parti relatata tagħha jkollha direttament jew indirettament drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika.

3. Id-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika marbuta mal-ishma jistgħu jkunu marbuta biss ma' ishma ekonomiċi. L-ishma ekonomiċi għandhom dejjem ikunu ishma li jistgħu jinfdew skont it-tifsira tal-Artikolu 76. Dan il-paragrafu ma għandux iżomm lil EU Inc. milli ġġarrab dejn taħt self, bonds, noti, jew arranġamenti kuntrattwali oħra, dment li tali arranġamenti ma jkunux strutturati jew użati biex tiġi evitata s-separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika.

4. L-istewards jistgħu jirċievu remunerazzjoni jew korrispettiv ieħor mill-kumpanija għal tranżazzjonijiet mal-kumpanija, dment li tali remunerazzjoni jew korrispettiv jingħata fuq termini ta' distakkament, ma jaqbiżx ir-rata tas-suq, u ma jkunx strutturat jew użat biex tiġi evitata s-separazzjoni tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika. L-ishma ta' steward jistgħu jiġu ttrasferiti biss għal korrispettiv li ma jaqbiżx l-ammont tal-korrispettiv ipprovdut lill-kumpanija inkambju għal dawn l-ishma ta' steward. Meta l-korrispettiv ikun ingħata in natura, il-korrispettiv tat-trasferiment permess ma għandux jaqbeż l-anqas mill-valur attribwit għal dak il-korrispettiv fil-mument tal-ħruġ tal-ishma ta' steward u l-valur ta' dak il-korrispettiv fil-mument tat-trasferiment. Il-kumpanija għandha tirrifjuta li tirreġistra kwalunkwe trasferiment ta' ishma ta' steward jew ishma ekonomiċi fir-reġistru diġitali tal-ishma meta t-trasferiment imur kontra dan l-Artikolu.

5. L-istewards għandhom jeżerċitaw id-drittijiet ta' kontroll tagħhom fl-aħjar

interessi tal-kumpanija, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-iskop tal-kumpanija, il-preżervazzjoni tal-indipendenza fit-tul tagħha u l-karattru ta' sjieda ta' stewards tal-kumpanija.

6. Il-kumpanija EU Inc. SO għandha tirreġistra fir-reġistru diġitali tagħha tal-ishma jekk kull sehem huwiex sehem ta' steward jew sehem ekonomiku u għandha tirreġistra d-drittijiet u r-restrizzjonijiet prinċipali marbuta ma' dak is-sehem.

7. Riżoluzzjoni, emenda tal-istatut ta' assoċjazzjoni, ħruġ ta' ishma, trasferiment ta' ishma, konverżjoni, fużjoni, diviżjoni, xoljiment jew tranżazzjoni oħra ma għandhiex tidħol fis-seħħ sal-punt li tnehħi, tirrinunzja, tissospendi, tevita jew iddgħajjef materjalment is-separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika.

8. Ir-reġistru kummerċjali għandu jirrifjuta li jirreġistra kwalunkwe emenda, tranżazzjoni jew materja oħra msemmija fil-paragrafu 8 meta d-dokumenti ppreżentati juru, jew ir-reġistru jkollu raġunijiet raġonevoli biex iqis, li l-emenda, it-tranżazzjoni jew il-materja tmur kontra dan l-Artikolu.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksur ta' dan l-Artikolu jkun soġġett għal rimedji effettivi, proporzjonati u dissważivi, inklużi inġunzjonijiet, sospensjoni tad-drittijiet tal-vot, nullità jew ineffettività ta' riżoluzzjonijiet mhux konformi, restawr tal-assi, responsabbiltà tad-diretturi jew tal-istewards, u korrezzjoni tar-reġistru diġitali tal-ishma.

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8b
	Rapportar, assigurazzjoni u infurzar tas-separazzjoni permanenti
	1. Kumpanija EU Inc. SO għandha tħejji rapport ta' konformità tal-istewardship għal kull sena finanzjarja. Ir-rapport għandu jiddeskrivi jekk il-kumpanija kkonformatx mal-Artikolu 8a u mad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha dwar is-separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika.
	2. Ir-rapport ta' konformità tal-istewardship għandu jinkludi mill-anqas:
	(a) il-klassijiet ta' ishma maħruġa mill-kumpanija u d-drittijiet marbuta ma' kull klassi;
	(b) l-identità tad-detenturi tal-ishma ta' steward;
	(c) id-distribuzzjonijiet, il-pagamenti ta' tifdija, l-akkwiżizzjonijiet ta' ishma proprji, il-pagamenti ta' likwidazzjoni u trasferimenti oħra ta' valur ekonomiku lill-azzjonisti ekonomiċi jew lill-partijiet relatati tagħhom;
	(d) tranżazzjonijiet ma' stewards u partijiet relatati;
	(e) emendi għall-istatut ta' assoċjazzjoni, trasferimenti ta' ishma ta' steward u trasferimenti ta' ishma ekonomiċi;
	(f) kwalunkwe ksur suspettat jew stabbilit tal-Artikolu 8a l-miżuri meħuda biex jiġi rimedjat tali ksur.
	3. Ir-rapport ta' konformità tal-istewardship għandu jiġi approvat mill-bord tad-diretturi u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-istewards u tad-detenturi ta' ishma ekonomiċi mingħajr dewmien żejjed.
	4. Ir-rapport ta' konformità tal-istewardship għandu jkun soġġett għal

assigurazzjoni indipendenti. Meta l-kumpanija tkun soġġetta għal awditu statutorju skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, l-awditur statutorju jew id-ditta tal-awditjar tivverifika jekk ir-rapport huwiex konsistenti mad-dokumenti kontabilistiċi u jekk saritx taf b'xi nuqqas ta' konformità materjali mal-Artikolu 8a. Meta l-kumpanija ma tkunx soġġetta għal awditu statutorju, ir-rapport għandu jiġi rieżaminat minn awditur indipendenti, kontabilist, avukat jew professjonist indipendenti ieħor awtorizzat jew rikonoxxut għal dak l-għan skont id-dritt tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

5. Ir-rapport ta' konformità tal-istewardship u d-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni għandhom jiġu ppreżentati lir-reġistru kummerċjali fi żmien 6 xhur wara t-tmiem tas-sena finanzjarja u għandhom isiru aċċessibbli għall-pubbliku f'konformità mal-Artikoli 25 u 26.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-anqas rotta effettiva waħda ta' infurzar tkun disponibbli biex tipproteġi s-separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika. Il-locus standi biex jitfittxu rimedji quddiem qorti jew awtorità amministrattiva kompetenti għandu jingħata mill-anqas lill-kumpanija, lil kwalunkwe steward, lil kwalunkwe detentur ta' ishma ekonomiċi u lil kwalunkwe persuna jew korp mogħti locus standi skont l-istatut ta' assoċjazzjoni jew id-dritt nazzjonali.

7. L-Istati Membri jistgħu jagħtu locus standi lill-impjegati, lir-rappreżentanti tal-impjegati, lill-kredituri, lill-awtoritajiet pubbliċi, lill-organizzazzjonijiet jew lill-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li l-għan statutorju tagħhom jinkludi l-protezzjoni tas-sjieda ta' stewards, tal-intrapriża responsabbli jew ta' interessi kollettivi komparabbli.

8. Id-drittijiet mogħtija minn dan l-

Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-azzjonisti li jitolbu l-ħatra ta' espert indipendenti skont l-Artikolu 56(6).

Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-pagamenti ***jistgħu*** jsiru online lil kont bankarju ta' bank li jopera fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-prova ta' tali pagamenti ***tista'*** tiġi pprovduta ***wkoll*** online.	2. Il-pagamenti***, imsemmija fil-paragrafu 1, għandu jkun possibbli, li*** jsiru online lil kont bankarju ta' bank li jopera fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-prova ta' tali pagamenti ***għandu jkun possibbli li*** tiġi pprovduta online.

Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. EU Inc. ifformata ex nihilo f'konformità mal-Artikoli 16 sa 19 jew maħluqa permezz ta' konverżjoni, fużjoni jew diviżjoni domestika f'konformità mal-Artikolu 21 għandha tkun soġġetta għar-regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati applikabbli fl-Istat Membru li fih ikollha ***l-uffiċċju rreġistrat tagħha***.	1. EU Inc. ifformata ex nihilo f'konformità mal-Artikoli 16 sa 19 jew maħluqa permezz ta' konverżjoni, fużjoni jew diviżjoni domestika f'konformità mal-Artikolu 21 għandha tkun soġġetta għar-regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati applikabbli fl-Istat Membru ***tal-post tal-impjieg tal-impjegati***. ***Il-post tal-impjieg huwa l-pajjiż*** li fih ***jew, fin-nuqqas ta' dan, li minnu impjegat abitwalment iwettaq xogħlu fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-impjieg***. ***Il-pajjiż li fih ix-xogħol abitwalment jitwettaq ma għandux jitqies li nbidel jekk l-impjegat jiġi***

impjegat temporanjament f'pajjiż ieħor.

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. EU Inc. b'impjegati fi Stat Membru għajr dak tal-uffiċċju rreġistrat tagħha għandha tintroduċi drittijiet ta' rappreżentanza tal-impjegati fil-livell tal-bord, f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli tal-post tal-impjieg, ladarba l-għadd ta' impjegati tal-kumpanija EU Inc., inklużi l-fergħat u s-sussidjarji tagħha f'dak l-Istat Membru jilħaq il-livell limitu li jiskatta tali drittijiet skont id-dritt nazzjonali.* ***Dan l-obbligu ma għandux japplika, meta d-dritt tal-Istat Membru tal-uffiċċju rreġistrat tal-kumpanija EU Inc. diġà jipprevedi mill-anqas livell ekwivalenti ta' parteċipazzjoni tal-impjegati kif meħtieġ skont id-dritt nazzjonali tal-post tal-impjieg. ***Meta l-kumpanija EU Inc. ikollha impjegati f'aktar minn żewġ Stati Membri li l-liġijiet tagħhom jipprevedu rappreżentanza tal-impjegati fil-livell tal-bord, għandhom japplikaw l-arranġamenti li jipprovdu l-ogħla livell ta' parteċipazzjoni tal-impjegati.*** ***Il-livell ta' parteċipazzjoni tal-impjegati jitkejjel b'referenza għall-proporzjon ta' rappreżentanti tal-impjegati fost il-membri tal-korp amministrattiv jew superviżorju.*** ***Meta l-liġi applikabbli dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati tirreferi għal korp superviżorju, li l-kumpanija EU Inc. ma tkunx stabbiliet, il-kumpanija EU Inc.***

hija obbligata tintroduċi tali korp billi temenda l-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha kif xieraq.

Or. en

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Meta d-dritt applikabbli ma jkunx jista' jiġi ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 2, il-proċedura ta' negozjar prevista fl-Artikoli 3 sa 7 tad-Direttiva 2001/86/KE għandha tinbeda ladarba l-għadd ta' impjegati jilħaq f'mill-anqas Stat Membru wieħed livell limitu li jiskatta d-drittijiet ta' rappreżentanza tal-impjegati fil-livell tal-bord u:
	(a) fejn għad ma hemm l-ebda dritt ta' parteċipazzjoni tal-impjegati stabbilit;
	(b) meta l-ilħuq tal-livell limitu skont id-dritt nazzjonali applikabbli jkun jirrikjedi aġġustament tal-arranġamenti eżistenti għall-parteċipazzjoni tal-impjegati; jew
	(c) meta l-ilħuq tal-livell limitu skont id-dritt applikabbli jirriżulta fl-applikazzjoni ta' reġim differenti ta' parteċipazzjoni tal-impjegati.
	Ir-riżultat tal-proċedura ta' negozjar ma jistax ibaxxi l-livell ta' parteċipazzjoni tal-impjegati li ġie stabbilit minn EU Inc. qabel ma bdiet il-proċedura ta' negozjar.

Or. en

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Għall-fini tad-determinazzjoni tal-għadd ta' impjegati skont dan l-Artikolu, l-impjegati kollha tal-kumpanija EU Inc., inklużi l-fergħat u s-sussidjarji kollha tagħha, fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għandhom jitqiesu fil-kalkolu. Jekk kumpanija EU Inc. hija l-kumpanija kontrollanti ta' grupp, għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għall-kumpanija kontrollanti l-impjegati tal-kumpaniji tal-grupp għandhom jitqiesu bħala impjegati tal-kumpanija kontrollanti.

Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. Il-paragrafi 1a u 1b ma għandhomx jintużaw għall-fini ta' ċirkomvenzjoni, tnaqqis jew inkella mminar tad-drittijiet eżistenti ta' parteċipazzjoni tal-impjegati. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli applikabbli għall-ksur ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 106.

Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta EU Inc. tinħoloq permezz ta' konverżjoni, fużjoni jew diviżjoni	2. Meta ***kumpanija*** EU Inc. tinħoloq permezz ta' konverżjoni, fużjoni jew

transfruntiera f'konformità mal-Kapitoli I, II u IV tad-Direttiva (UE) 2017/1132 jew meta EU Inc. twettaq tali konverżjoni, diviżjoni jew fużjoni transfruntiera f'konformità mad-Direttiva (UE) 2017/1132, ir-regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikoli 86l, 133 u 160l ta' dik id-Direttiva.	diviżjoni transfruntiera f'konformità mal-Kapitoli I, II u IV tad-Direttiva (UE) 2017/1132 jew meta ***kumpanija*** EU Inc. twettaq tali konverżjoni, diviżjoni jew fużjoni transfruntiera f'konformità mad-Direttiva (UE) 2017/1132, ir-regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikoli 86l, 133 u 160l ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 3, il-punti (b) sa (d), tkun tista' tiġi pprovduta u trażmessa permezz tal-interfaċċa ċentrali tal-UE.

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dak il-kontroll għandu jivverifika ***li***:	2. Dak il-kontroll għandu jivverifika:

Or. en

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***ir-rekwiżiti*** formali għall-istatut ta' assoċjazzjoni huma ssodisfati u, meta jintużaw il-mudelli tal-UE msemmija fl-Artikolu 8, li jintużaw b'mod korrett;	(a) ***li r-rekwiżiti*** formali għall-istatut ta' assoċjazzjoni huma ssodisfati u, meta jintużaw il-mudelli tal-UE msemmija fl-Artikolu 8, li jintużaw b'mod korrett;

Or. en

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***il-kontenut*** minimu obbligatorju huwa inkluż kif speċifikat fl-Anness;	(b) ***li l-kontenut*** minimu obbligatorju huwa inkluż kif speċifikat fl-Anness ***I***;

Or. en

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-isem u l-objettiv tal-EU Inc. jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;	(c) ***li*** l-isem u l-objettiv tal-EU Inc. jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-applikanti għandhom il-kapaċità ġuridika meħtieġa u ***għandhom*** l-awtorità li jirrappreżentaw il-kumpanija EU Inc.;	(d) ***l-identità tal-applikanti u li*** l-applikanti għandhom il-kapaċità ġuridika meħtieġa u l-awtorità li jirrappreżentaw il-kumpanija EU Inc.;

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe korrispettiv li għandu jiġi kkontribwit għall-kapital ġie pprovdut f'konformità mal-Artikolu 64(4), u, meta applikabbli, li r-rekwiżiti addizzjonali għal korrispettivi in natura ġew issodisfati f'konformità mal-Artikolu 65.	(e) ***li*** kwalunkwe korrispettiv li għandu jiġi kkontribwit għall-kapital ġie pprovdut f'konformità mal-Artikolu 64(4), u, meta applikabbli, li r-rekwiżiti addizzjonali għal korrispettivi in natura ġew issodisfati f'konformità mal-Artikolu 65.

Or. en

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta previst skont id-dritt nazzjonali, fiż-żmien tal-formazzjoni tal-kumpanija EU Inc., l-awtoritajiet ta' kontroll preventiv jistgħu jivverifikaw ukoll il-konformità mar-rekwiżiti relatati mas-sjieda benefiċjarja, l-eliġibbiltà tad-diretturi u l-protezzjoni tal-kredituri, skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Meta*** EU Inc. tiġi fformata permezz tal-interfaċċa ċentrali tal-UE, id-diretturi prospettivi għandhom jippreżentaw il-formola tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 13 flimkien mal-mudelli tal-UE ***msemmija fl-Artikolu 8***.	1. ***Meta kumpanija*** EU Inc. tiġi fformata permezz tal-interfaċċa ċentrali tal-UE ***bl-użu tal-mudelli msemmija fl-Artikolu 8***, id-diretturi prospettivi għandhom jippreżentaw il-formola tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 13 flimkien mal-mudelli tal-UE.

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontroll preventiv imwettaq f'konformità mal-Artikolu 14 u r-reġistrazzjoni tal-EU Inc. titlesta fi żmien ***48 siegħa*** mis-sottomissjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 permezz tal-interfaċċa ċentrali tal-UE u b'kost massimu ta' EUR 100 jew somma ekwivalenti fil-munita applikabbli fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontroll preventiv imwettaq f'konformità mal-Artikolu 14 u r-reġistrazzjoni tal-EU Inc. titlesta fi żmien ***jumejn tax-xogħol*** mis-sottomissjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 permezz tal-interfaċċa ċentrali tal-UE u b'kost massimu ta' EUR 100 jew somma ekwivalenti fil-munita applikabbli fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

Or. en

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Bħala eċċezzjoni, meta jkunu meħtieġa

verifiki addizzjonali skont l-Artikolu 14 minħabba riskju ogħla ta' frodi jew abbuż, b'mod partikolari riskju ta' attivitajiet ta' ħasil tal-flus, il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi estiż biż-żmien strettament meħtieġ biex jitlestew dawk il-verifiki.

Or. en

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Wara r-reġistrazzjoni ta' EU Inc., bir-reġistru kummerċjali, dak ir-reġistru kummerċjali għandu jiskambja minnufih f'forma diġitali l-informazzjoni dwar ***l-EU*** Inc., inkluża l-EUID tiegħu, kif ukoll id-data speċifika għall-finijiet tal-kisba tan-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa (NIT) u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT u għar-reġistru tas-sjieda benefiċjarja riċevut bħala parti mill-formola tal-applikazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi inkarigati mill-ħruġ tan-NIT u tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT u r-reġistru tas-sjieda benefiċjarja fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. Dak ir-reġistru kummerċjali għandu jiskambja wkoll f'forma diġitali l-informazzjoni dwar ***l-EU*** Inc. mal-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali.	1. Wara r-reġistrazzjoni ta' ***kumpanija*** EU Inc., bir-reġistru kummerċjali, dak ir-reġistru kummerċjali għandu jiskambja minnufih f'forma diġitali l-informazzjoni dwar ***il-kumpanija*** EU Inc., inkluża l-EUID tiegħu, kif ukoll id-data speċifika għall-finijiet tal-kisba tan-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa (NIT) u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT u għar-reġistru tas-sjieda benefiċjarja riċevut bħala parti mill-formola tal-applikazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi inkarigati mill-ħruġ tan-NIT u tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT u r-reġistru tas-sjieda benefiċjarja fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. Dak ir-reġistru kummerċjali għandu jiskambja wkoll f'forma diġitali l-informazzjoni dwar ***il-kumpanija*** EU Inc. mal-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali.

Or. en

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-EU*** Inc. ma għandhiex tkun meħtieġa ***tipprovdi*** l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-awtoritajiet u lir-reġistru tas-sjieda benefiċjarja msemmi fil-paragrafu 1.	2. ***Il-kumpanija EU*** Inc. ma għandhiex tkun meħtieġa ***tissottometti mill-ġdid*** l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-awtoritajiet u lir-reġistru tas-sjieda benefiċjarja msemmi fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-EU*** Inc. għandha tikseb in-NIT u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT mill-awtoritajiet pubbliċi inkarigati mill-ħruġ tagħhom b'mod diġitali u mingħajr dewmien. ***L-EU*** Inc. ma għandhiex tkun meħtieġa tippreżenta applikazzjoni separata lil dawk l-awtoritajiet pubbliċi jew lir-reġistru tas-sjieda benefiċjarja; lanqas ma għandha tkun meħtieġa li tipprovdilhom informazzjoni addizzjonali ħlief jekk din ma tkun tista' tinkiseb minn imkien ieħor u tkun strettament meħtieġa għall-finijiet tal-ħruġ tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT.	3. ***Il-kumpanija EU*** Inc. għandha tikseb in-NIT u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT mill-awtoritajiet pubbliċi inkarigati mill-ħruġ tagħhom b'mod diġitali u mingħajr dewmien. ***Il-kumpanija EU*** Inc. ma għandhiex tkun meħtieġa tippreżenta applikazzjoni separata lil dawk l-awtoritajiet pubbliċi jew lir-reġistru tas-sjieda benefiċjarja; lanqas ma għandha tkun meħtieġa li tipprovdilhom informazzjoni addizzjonali ħlief jekk din ma tkun tista' tinkiseb minn imkien ieħor u tkun strettament meħtieġa għall-finijiet tal-ħruġ tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT.

Or. en

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-reġistru kummerċjali għandu	4. Ir-reġistru kummerċjali għandu

jibgħat lill-awtoritajiet pubbliċi msemmija fil-paragrafu 1, b'mod awtomatiku u diġitali, kwalunkwe bidla fl-informazzjoni dwar ***l-EU*** Inc. li dawk l-awtoritajiet pubbliċi jkunu rċevew f'konformità mal-paragrafu 1.	jibgħat lill-awtoritajiet pubbliċi msemmija fil-paragrafu 1, b'mod awtomatiku u diġitali, kwalunkwe bidla fl-informazzjoni dwar ***il-kumpanija EU*** Inc. li dawk l-awtoritajiet pubbliċi jkunu rċevew f'konformità mal-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-ħolqien ta' EU Inc. permezz ta' konverżjoni, diviżjoni jew fużjoni transfruntiera għandu jitwettaq f'konformità mal-Kapitoli I, II u IV tad-Direttiva (UE) 2017/1132.	5. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament,*** il-ħolqien ta' EU Inc. permezz ta' konverżjoni, diviżjoni jew fużjoni transfruntiera għandu jitwettaq f'konformità mal-Kapitoli I, II u IV ***tat-Titolu II*** tad-Direttiva (UE) 2017/1132.

Or. en

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. EU Inc. ***rista'*** tinbidel f'kumpanija nazzjonali b'responsabbiltà limitata fl-Istat Membru fejn tkun irreġistrata, f'konformità mal-metodi stabbiliti fil-paragrafu 1. Fil-każ ta' operazzjoni domestika kif imsemmi f'dak il-paragrafu, ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar tali operazzjoni qabel ma jkunu għaddew sentejn mir-reġistrazzjoni tagħha jew qabel ma jkunu ġew approvati l-ewwel żewġ settijiet tal-kontijiet annwali tagħha.	6. EU Inc. ***tista'*** tinbidel f'kumpanija nazzjonali b'responsabbiltà limitata fl-Istat Membru fejn tkun irreġistrata, f'konformità mal-metodi stabbiliti fil-paragrafu 1. Fil-każ ta' operazzjoni domestika kif imsemmi f'dak il-paragrafu, ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar tali operazzjoni qabel ma jkunu għaddew sentejn mir-reġistrazzjoni tagħha jew qabel ma jkunu ġew approvati l-ewwel żewġ settijiet tal-kontijiet annwali tagħha. ***Meta kumpanija EU Inc. tkun qed topera taħt sistema ta' protezzjoni tal-***

impjegati, hija għandha tkun obbligata tieħu miżuri biex tiżgura li d-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati jkunu protetti fil-każ ta' kwalunkwe bidla f'kumpanija nazzjonali b'responsabbiltà limitata għal perjodu ta' mill-anqas 4 snin wara li l-bidla tkun daħlet fis-seħħ.

Or. en

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Kumpanija EU Inc. tista' ssir kumpanija EU Inc. SO permezz ta' formazzjoni, konverżjoni domestika, fużjoni domestika, diviżjoni domestika, konverżjoni transfruntiera, fużjoni transfruntiera jew diviżjoni transfruntiera.

Or. en

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-aġenti ta' sottomissjoni elettronika għandhom jaġixxu biss bħala intermedjarji tekniċi u ma għandhomx jiċċertifikaw l-identità, il-kapaċità ġuridika, is-setgħat ta' rappreżentanza jew il-konformità mar-rekwiżiti legali. L-użu tagħhom għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kontroll preventiv, inklużi l-verifika tal-identità u l-kontrolli tal-legalità, meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali.

Or. en

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandu jiżgura li d-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin sottomessi ***mill-EU*** Inc. f'konformità mal-Artikolu 27 isiru aċċessibbli għall-pubbliku fir-reġistru kummerċjali:	1. L-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandu jiżgura li d-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin sottomessi ***mill-kumpanija EU*** Inc. f'konformità mal-Artikolu 27 isiru aċċessibbli għall-pubbliku fir-reġistru kummerċjali:

Or. en

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-isem u l-forma ġuridika ***tal-EU*** Inc.;	(a) l-isem u l-forma ġuridika ***tal-kumpanija*** EU Inc.;

Or. en

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-uffiċċju rreġistrat ***tal-EU*** Inc., magħmul mill-isem tat-triq, in-numru tat-triq, il-kodiċi postali u l-Istat Membru fejn huwa rreġistrat;	(b) l-uffiċċju rreġistrat ***tal-kumpanija EU*** Inc., magħmul mill-isem tat-triq, in-numru tat-triq, il-kodiċi postali, ***l-indirizz tal-posta*** u l-Istat Membru fejn huwa rreġistrat;

Or. en

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta disponibbli, id-dettalji tal-preżenza elettronika ***tal-EU*** Inc.;	(c) meta disponibbli, id-dettalji tal-preżenza elettronika ***tal-kumpanija EU*** Inc.;

Or. en

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-objettiv tal-EU Inc., li jiddeskrivi l-attività jew l-attivitajiet ewlenin tagħha, espress bl-użu tal-kodiċi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE, Nomenclature statistique des activités économiques dans la Communauté européenne) rilevanti u, jekk ikun hemm, dettalji ulterjuri dwar l-objettiv jew l-iskop ***tal-EU*** Inc.	(d) l-objettiv tal-EU Inc., li jiddeskrivi l-attività jew l-attivitajiet ewlenin tagħha, espress bl-użu tal-kodiċi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE, Nomenclature statistique des activités économiques dans la Communauté européenne) rilevanti u, jekk ikun hemm, dettalji ulterjuri dwar l-objettiv jew l-iskop ***tal-kumpanija*** EU Inc.

Or. en

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt f – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i. huma awtorizzati li jirrappreżentaw ***l-EU*** Inc. f'negozjati ma' partijiet terzi u fi	i. huma awtorizzati li jirrappreżentaw ***il-kumpanija EU*** Inc. f'negozjati ma'

proċedimenti legali; għandu jkun evidenti mid-divulgazzjoni jekk il-persuni awtorizzati biex jirrappreżentaw ***lill-EU*** Inc. jistgħux jagħmlu dan individwalment jew humiex meħtieġa jaġixxu b'mod konġunt;	partijiet terzi u fi proċedimenti legali; għandu jkun evidenti mid-divulgazzjoni jekk il-persuni awtorizzati biex jirrappreżentaw ***lill-kumpanija EU*** Inc. jistgħux jagħmlu dan individwalment jew humiex meħtieġa jaġixxu b'mod konġunt;

Or. en

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) il-karta tal-bilanċ u t-test tas-solvenza;

Or. en

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta l-kumpanija EU Inc. tkun irreġistrata bħala kumpanija EU Inc. SO, l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandu jiżgura li d-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin ippreżentati mill-kumpanija EU Inc. SO f'konformità mal-Artikolu 27 isiru aċċessibbli għall-pubbliku fir-reġistru kummerċjali:
	(a) l-istatus bħala kumpanija EU Inc. SO u d-data minn meta jibda japplika;
	(b) il-klassijiet ta' ishma ta' steward u ishma ekonomiċi maħruġa mill-kumpanija EU Inc. SO u d-drittijiet u r-restrizzjonijiet prinċipali marbuta ma' dawk il-klassijiet;

(c) ir-rapport ta' konformità tal-istewardship imsemmi fl-Artikolu 8b, il-paragrafu 1;

(d) id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 8b, il-paragrafu 4.

Or. en

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-għadd ta' impjegati tal-kumpanija EU Inc., inklużi dawk impjegati mill-fergħat u s-sussidjarji tagħha, imqassma skont il-pajjiż, l-entità u l-istatus tal-impjieg, inklużi:
	i. l-impjegati full-time u part-time,
	ii. l-impjegati b'kuntratti permanenti u għal terminu fiss jew temporanji, u
	iii. l-impjegati pprovduti permezz ta' aġenziji tax-xogħol temporanju fejn il-kumpanija EU Inc. teżerċita direzzjoni fuq tali ħaddiema b'mod komparabbli ma' impjieg dirett.
	Dik l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata fuq bażi trimestrali fejn iseħħu bidliet.

Or. en

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. EU Inc. SO għandha tippreżenta r-rapport ta' konformità tal-istewardship

	u d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 8b lir-reġistru tan-negozju fi żmien 6 xhur wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja. Kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 25, il-paragrafu 1a, il-punti (b) u (c), għandha tiġi ppreżentata mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara l-istabbiliment tal-interfaċċa ċentrali tal-UE kif imsemmi fl-Artikolu 15, il-Kummissjoni għandha tiżviluppaha ulterjorment lejn reġistru diġitali ċentrali għall-kumpaniji EU Inc. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni ***minn*** [PO: 18-il xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 107 biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi tar-reġistru ċentrali ***u biex tipprevedi formoli u mudelli ggwidati fakultattivi għall-kumpaniji EU Inc.***	Wara l-istabbiliment tal-interfaċċa ċentrali tal-UE kif imsemmi fl-Artikolu 15, il-Kummissjoni għandha tiżviluppaha ulterjorment lejn reġistru diġitali ċentrali għall-kumpaniji EU Inc. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni ***sa*** [PO: 18-il xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 107 biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi tar-reġistru ċentrali.

Or. en

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha***, permezz ta' att ta' implimentazzjoni,*** sa [PO: l-aħħar jum ***tat-9*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tipprevedi	3. Il-Kummissjoni għandha ***tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 106b*** sa [PO: l-aħħar jum ***tas-6*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-

dan li ġej:	Regolament], tipprevedi dan li ġej:
	Or. en

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta l-informazzjoni magħmula disponibbli skont il-paragrafu 1 ma tkunx biżżejjed għall-fini tal-istabbiliment tal-istatus ta' impjegatur jew tal-verifika tal-konformità mal-liġi tas-sigurtà soċjali jew tax-xogħol, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu tali informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa.
	Or. en

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Informazzjoni u dokumenti dwar fergħa rreġistrata minn EU Inc. li hija rregolata mil-liġi ta' Stat Membru ieħor għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru kummerċjali tal-fergħa f'konformità mal-Artikolu 16(3) sa (6) tad-Direttiva (UE) 2017/1132 u permezz tal-BRIS.	1. Informazzjoni u dokumenti dwar fergħa rreġistrata minn ***kumpanija*** EU Inc. li hija rregolata mil-liġi ta' Stat Membru ieħor għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru kummerċjali tal-fergħa f'konformità mal-Artikolu 16(3) sa (6) tad-Direttiva (UE) 2017/1132 u permezz tal-BRIS.
	Or. en

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt a – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iv. il-ħatra u l-informazzjoni dwar il-persuni li huma awtorizzati jirrappreżentaw lill-kumpanija f'negozjati ma' partijiet terzi u fi proċedimenti legali bħala rappreżentanti permanenti tal-kumpanija għall-attivitajiet tal-fergħa, b'indikazzjoni tal-grad tas-setgħat tagħhom;	iv. il-ħatra u l-informazzjoni dwar il-persuni li huma awtorizzati jirrappreżentaw lill-kumpanija f'negozjati ma' partijiet terzi u fi proċedimenti legali bħala rappreżentanti permanenti tal-kumpanija għall-attivitajiet tal-fergħa, b'indikazzjoni tal-grad tas-setgħat tagħhom***, kif ukoll it-terminazzjoni tal-kariga tagħhom, jekk applikabbli***;

Or. en

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt a – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	iva. l-għadd ta' impjegati tal-fergħa, imqassam skont l-istatus tal-impjieg, inklużi:
	i. l-impjegati full-time u part-time,
	ii. l-impjegati b'kuntratti permanenti u għal terminu fiss jew temporanji, u
	iii. l-impjegati pprovduti permezz ta' aġenziji tax-xogħol temporanju fejn il-kumpanija EU Inc. teżerċita direzzjoni fuq tali ħaddiema b'mod komparabbli ma' impjieg dirett;
	Dik l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata fuq bażi trimestrali fejn iseħħu bidliet.

Or. en

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
EU Inc. għandha twettaq konverżjonijiet, diviżjonijiet u fużjonijiet transfruntieri f'konformità mal-Kapitoli I, II u IV tad-Direttiva (UE) 2017/1132.	EU Inc. għandha twettaq konverżjonijiet, diviżjonijiet u fużjonijiet transfruntieri f'konformità mal-Kapitoli ***-I,*** I, II u IV ***tat-Titolu II*** tad-Direttiva (UE) 2017/1132. ***Meta kumpanija EU Inc. tittrasferixxi l-uffiċċju rreġistrat tagħha lejn Stat Membru ieħor, il-Kapitolu -I tat-Titolu II tad-Direttiva (UE) 2017/1132 japplika mutatis mutandis.***

Or. en

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kumpanija EU Inc. SO għandha twettaq konverżjonijiet, fużjonijiet jew diviżjonijiet nazzjonali u transfruntiera biss meta l-entità legali l-ġdida, l-entità legali akkwirenti jew l-entità legali riċeventi toffri separazzjoni komparabbli tad-drittijiet ekonomiċi u ta' kontroll kif imsemmi fl-Artikolu 42(5). Kumpanija EU Inc. SO mhijiex awtorizzata li tikkonverti ruħha f'kumpanija EU Inc. mingħajr sjieda ta' steward. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u żżomm lista ta' forom ġuridiċi nazzjonali u mekkaniżmi meqjusa li jipprovdu tali garanziji ekwivalenti għall-fini ta' rikonoxximent transfruntier. Kumpanija EU Inc. SO tista' tittrasferixxi l-assi tagħha lil kumpanija riċevitriċi mingħajr ma tosserva s-salvagwardji speċifikati fis-sentenza 1, dment li l-ishma kollha fil-kumpanija riċevitriċi jkunu miżmuma

mill-kumpanija EU Inc. SO. Kumpanija EU Inc. SO mhijiex awtorizzata li tikkonverti ruħha f'kumpanija EU Inc. mingħajr sjieda ta' steward.

Or. en

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-bord tad-diretturi jista' jeżerċita s-setgħat kollha tal-kumpanija li ma humiex meħtieġa, bir-regoli applikabbli f'konformità mal-Artikolu ***4***, li jiġu eżerċitati mil-laqgħa ġenerali jew minn korp statutorju ieħor.	3. Il-bord tad-diretturi jista' jeżerċita s-setgħat kollha tal-kumpanija li ma humiex meħtieġa, bir-regoli applikabbli f'konformità mal-Artikolu ***1a***, li jiġu eżerċitati mil-laqgħa ġenerali jew minn korp statutorju ieħor.

Or. en

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. F'kumpanija EU Inc. SO, id-detenturi ta' ishma ta' steward biss għandhom jeżerċitaw is-setgħat tal-laqgħa ġenerali, ħlief fejn dan ir-Regolament jew l-istatut ta' assoċjazzjoni jirrikjedi deċiżjoni, kunsens jew approvazzjoni tad-detenturi ta' ishma ekonomiċi għall-protezzjoni tad-drittijiet marbuta ma' dawk l-ishma ekonomiċi. Tali drittijiet ta' klassi ma għandhomx jippermettu lid-detenturi ta' ishma ekonomiċi jneħħu, jirrinunzjaw, jissospendu jew jevitaw is-separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika.

Or. en

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-laqgħa ġenerali għandu jkollha s-setgħa li taħtar u tneħħi d-diretturi fi kwalunkwe ħin u li tapprova l-kontijiet annwali u li teżerċita materji oħra speċifikati f'dan ir-Regolament u fl-istatut ta' assoċjazzjoni. Il-laqgħa ġenerali tista' tagħti struzzjonijiet lill-bord tad-diretturi. Dawk l-istruzzjonijiet għandhom ikunu vinkolanti fuq il-bord tad-diretturi, sakemm ma jkunux kontra r-regoli applikabbli f'konformità mal-Artikolu ***4***.	4. Il-laqgħa ġenerali għandu jkollha s-setgħa li taħtar u tneħħi d-diretturi fi kwalunkwe ħin u li tapprova l-kontijiet annwali u li teżerċita materji oħra speċifikati f'dan ir-Regolament u fl-istatut ta' assoċjazzjoni. Il-laqgħa ġenerali tista' tagħti struzzjonijiet lill-bord tad-diretturi. Dawk l-istruzzjonijiet għandhom ikunu vinkolanti fuq il-bord tad-diretturi, sakemm ma jkunux kontra r-regoli applikabbli f'konformità mal-Artikolu ***1a jew ir-regoli applikabbli dwar il-parteċipazzjoni***. ***L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet assenjati lil bord superviżorju meta d-dritt nazzjonali applikabbli għall-forma ġuridika nazzjonali rilevanti msemmija fl-Artikolu 1a, il-paragrafu 6, iddeżinjata mill-Istati Membri tipprevedi l-istabbiliment ta' bord superviżorju jew meta l-istatut ta' assoċjazzjoni ta' kumpanija EU Inc. jipprevedi l-istabbiliment ta' bord superviżorju.***

Or. en

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. F'kumpanija EU Inc. SO, id-dmir skont il-paragrafu 1 jinkludi d-dmir li tiġi

	ppreżervata s-separazzjoni permanenti tad-drittijiet ta' kontroll u tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni ekonomika u li tiġi pprevenuta ċ-ċirkomvenzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Direttur għandu jkun responsabbli lejn il-kumpanija għal kwalunkwe att jew ommissjoni bi ksur ta' dmir li jirriżulta minn dan ir-Regolament, mill-istatut ta' assoċjazzjoni jew minn riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali li tikkawża telf jew ħsara lill-kumpanija.	2. Direttur għandu jkun responsabbli lejn il-kumpanija għal kwalunkwe att jew ommissjoni bi ksur ta' dmir li jirriżulta minn dan ir-Regolament, mill-istatut ta' assoċjazzjoni jew minn riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali**,** li tikkawża telf jew ħsara lill-kumpanija.

Or. en

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet assenjati lil bord superviżorju meta d-dritt nazzjonali applikabbli għall-forma ġuridika nazzjonali rilevanti msemmija fl-Artikolu 1a, il-paragrafu 6, iddeżinjata mill-Istati Membri tipprevedi l-istabbiliment ta' bord superviżorju jew meta l-istatut ta' assoċjazzjoni ta' kumpanija EU Inc. jipprevedi l-istabbiliment ta' bord superviżorju.

Or. en

Emenda 148

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ishma tal-EU Inc. għandhom jiġu ddematerjalizzati u rreġistrati f'reġistru diġitali tal-ishma. Ir-reġistrazzjoni tal-ishma fir-reġistru diġitali tal-ishma għandu jkollha effett kostitwenti u evidenza tas-sjieda tal-ishma.	1. L-ishma tal-EU Inc. għandhom jiġu ddematerjalizzati u rreġistrati f'reġistru diġitali tal-ishma. Ir-reġistrazzjoni tal-ishma fir-reġistru diġitali tal-ishma għandu jkollha effett kostitwenti u evidenza tas-sjieda tal-ishma. ***Ir-reġistru diġitali tal-ishma għandu jkun aċċessibbli permezz tar-reġistru kummerċjali u jinżamm aġġornat mingħajr dewmien żejjed.***

Or. en

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istatut ta' assoċjazzjoni jista' jipprevedi li l-ishma jinħarġu, jiġu rreġistrati u ttrasferiti bl-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit jew soluzzjonijiet diġitali oħra.	2. L-istatut ta' assoċjazzjoni jista' jipprevedi li l-ishma jinħarġu, jiġu rreġistrati u ttrasferiti bl-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit jew soluzzjonijiet diġitali oħra. ***L-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit jew soluzzjonijiet diġitali oħra għandu jiżgura livelli ekwivalenti ta' ċertezza legali, traċċabbiltà u aċċess għall-informazzjoni dwar is-sjieda bħar-reġistri tradizzjonali tal-ishma, inkluż għall-azzjonisti impjegati u għall-awtoritajiet kompetenti.***

Or. en

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull EU Inc. għandha toħloq mar-reġistrazzjoni u żżomm reġistru diġitali tal-ishma aġġornat, filwaqt li tiżgura l-integrità u s-sigurtà tar-reġistru, li għandu jkun fih mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:	1. Kull EU Inc. għandha toħloq mar-reġistrazzjoni u żżomm reġistru diġitali tal-ishma aġġornat ***aċċessibbli permezz tar-reġistru kummerċjali***, filwaqt li tiżgura l-integrità u s-sigurtà tar-reġistru, li għandu jkun fih mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

Or. en

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-identità ***u*** l-indirizz tal-azzjonisti kollha;	(a) l-identità***,*** l-indirizz u l-indirizz ***tal-posta elettronika*** tal-azzjonisti kollha;

Or. en

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-reġistru diġitali tal-ishma għandu jkun aċċessibbli għal kwalunkwe azzjonist u għal kwalunkwe parti interessata oħra b'interess leġittimu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.	2. Ir-reġistru diġitali tal-ishma għandu jkun aċċessibbli għal kwalunkwe azzjonist u għal kwalunkwe parti interessata oħra b'interess leġittimu, ***inklużi l-impjegati u r-rappreżentanti tagħhom u t-trade unions,*** f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. F'kumpanija EU Inc. SO l-istatut ta' assoċjazzjoni għandu jipprevedi ishma ta' steward u jista' jipprevedi ishma ekonomiċi f'konformità mal-Artikolu 8a.

Or. en

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 56a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 56a
	Dmir ta' lealtà tal-azzjonisti
	1. L-azzjonisti għandhom jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jwettqu l-obbligi tagħhom bona fide u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-interessi leġittimi ta' EU Inc. u tal-azzjonisti l-oħra.
	2. L-eżerċitar tad-drittijiet tal-azzjonisti ma għandux jikkostitwixxi abbuż ta' pożizzjoni ta' maġġoranza jew ta' minoranza li jirriżulta fi preġudizzju inġust għall-kumpanija jew għal azzjonisti oħra.

Or. en

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda formalità addizzjonali, inkluż rekwiżit għal att notarili, biex it-trasferiment ikun legalment validu.	5. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda formalità addizzjonali, inkluż rekwiżit għal att notarili, biex it-trasferiment ikun legalment validu ***iżda jistgħu jipprevedu l-verifika tal-identità, il-kapaċità ġuridika u l-konformità mar-rekwiżiti kontra l-ħasil tal-flus***.

Or. en

Emenda 156

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***ma għandhomx jipprojbixxu*** kumpanija EU Inc. ***milli tfittex l-ammissjoni għan-negozjar tal-ishma tagħha*** f'faċilità multilaterali tan-negozjar***, dment li l-kumpanija tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli skont il-liġijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali***.	1. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li l-ishma ta'*** kumpanija EU Inc. ***la jkunu negozjabbli*** f'faċilità multilaterali tan-negozjar ***u lanqas f'suq regolat***.

Or. en

Emenda 157

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kumpanija EU Inc. tista' tfittex l-ammissjoni għan-negozjar tal-ishma tagħha f'suq regolat meta l-Istati Membri jipprevedu dik il-possibbiltà fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti applikabbli skont il-liġijiet tal-Unjoni u	***imħassar***

dawk nazzjonali.

Or. en

Emenda 158

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-korrispettivi in natura jistgħu jiġu kkontribwiti għall-kapital***, sakemm ma jiħdux il-forma ta' intrapriża biex twettaq xogħol jew tipprovdi servizzi***.	1. Il-korrispettivi in natura***, inkluż it-twettiq ta' xogħol jew servizzi ta' intrapriża,*** jistgħu jiġu kkontribwiti għall-kapital.

Or. en

Emenda 159

Proposta għal regolament
Artikolu 67 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Sottoskrizzjoni għal ishma ġodda għandha tindika l-abbonat, id-deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' ishma li fuqha tkun ibbażata s-sottoskrizzjoni, l-ishma li qegħdin jiġu sottoskritti, kwalunkwe korrispettiv li għandu jitħallas u jekk kwalunkwe parti mill-korrispettiv għandhiex tiġi kkontribwita għall-kapital.	7. Sottoskrizzjoni għal ishma ġodda għandha tindika l-abbonat, id-deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' ishma li fuqha tkun ibbażata s-sottoskrizzjoni, l-ishma li qegħdin jiġu sottoskritti, kwalunkwe korrispettiv li għandu jitħallas u jekk kwalunkwe parti mill-korrispettiv għandhiex tiġi kkontribwita għall-kapital. ***L-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-verifika tal-identità, il-kapaċità ġuridika u l-konformità mar-rekwiżiti kontra l-ħasil tal-flus.***

Or. en

Emenda 160

Proposta għal regolament
Artikolu 76 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. F'kumpanija EU Inc. l-ishma ekonomiċi jistgħu jinħarġu biss bħala ishma li jistgħu jinfdew. L-istatut ta' assoċjazzjoni u d-deċiżjoni dwar il-ħruġ għandhom jispeċifikaw, għal kull klassi ta' ishma ekonomiċi, il-kundizzjonijiet u l-mod tat-tifdija, il-prezz tat-tifdija jew il-bażi oġġettiva għad-determinazzjoni tal-prezz tat-tifdija, u kwalunkwe ammont aggregat massimu pagabbli fir-rigward ta' dawk l-ishma.

Or. en

Emenda 161

Proposta għal regolament
Artikolu 76 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. Kumpanija EU Inc. SO għandha tkun intitolata li tifdi ishma ekonomiċi fejn il-kundizzjonijiet speċifikati fl-istatut ta' assoċjazzjoni jkunu ġew issodisfati. Tali kundizzjonijiet għandhom jinkludu mill-anqas attivazzjoni oġġettiva waħda ta' tifdija bbażata jew fuq l-iskadenza ta' perjodu speċifikat wara l-ħruġ tal-ishma rilevanti jew il-ħlas, fir-rigward tal-ishma rilevanti, ta' ammont aggregat ugwali għal multiplu speċifikat tal-korrispettiv ipprovdut lill-kumpanija inkambju ta' dawk l-ishma.

Or. en

Emenda 162

Proposta għal regolament
Artikolu 76 – paragrafu 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7c. It-tifdija ta' ishma ekonomiċi għandha tkun soġġetta għas-salvagwardji għad-distribuzzjonijiet. Meta l-ħlas tal-prezz tat-tifdija ma jkunx permess minħabba li dawk is-salvagwardji ma jkunux issodisfati, il-ħlas tal-prezz tat-tifdija għandu jiġi differit sakemm ikun permess il-ħlas, dment li l-istatut ta' assoċjazzjoni ma jipprevedix il-kanċellazzjoni, is-subordinazzjoni jew limitazzjoni oħra tal-ammont mhux imħallas.

Or. en

Emenda 163

Proposta għal regolament
Kapitolu VIII – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
PJAN TAL-UE TA' OPZJONIJIET TA' STOKK GĦALL-IMPJEGATI	PJAN TAL-UE ***TA' SJIEDA U*** TA' OPZJONIJIET TA' STOKK GĦALL-IMPJEGATI

Or. en

Emenda 164

Proposta għal regolament
Artikolu 78 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kumpanija tista' tistabbilixxi pjan tal-UE ta' opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati (EU-ESO) li taħtu toħroġ	1. Il-kumpanija tista' tistabbilixxi pjan tal-UE ta' opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati (EU-ESO) li taħtu toħroġ

warrants lil persuni eliġibbli.	warrants lil persuni eliġibbli. ***Il-parteċipazzjoni f'tali pjan hija volontarja għall-impjegati u għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi rigward il-komponenti kollha tar-remunerazzjoni u l-paga, inklużi l-pensjonijiet u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.***
	Or. en

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 78 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. EU-ESO ma tistax tintuża bħala sostitut għal remunerazzjoni ordinarja, pagi minimi statutorji, jew livelli ta' pagi stabbiliti minn ftehimiet kollettivi. Il-warrants jew l-ishma maħruġa taħt din l-iskema għandhom jiġu ttrattati bħala suppliment għal pagi bbażati fuq flus u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, u mhux sostituzzjoni għalihom. Il-warrants ta' parteċipazzjoni huma mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati.
	Or. en

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 78 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-impjegati involuti f'EU-ESO għandhom jiġu pprovduti informazzjoni ċara u li tinftiehem dwar il-klassi speċifika ta' ishma mogħtija u d-drittijiet marbuta magħhom kif ukoll

informazzjoni ċara u trasparenti dwar ir-riskji finanzjarji.

Or. en

Emenda 167

Proposta għal regolament
Artikolu 78 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ir-riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali ma tistax teskludi d-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma li jakkwista d-detentur ta' warrant.

Or. en

Emenda 168

Proposta għal regolament
Artikolu 78a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 78a
	EU-ESOP
	1. Il-kumpanija EU Inc. tista' tistabbilixxi pjan ta' sjieda ta' stokk għall-impjegati tal-UE (EU-ESOP), li skontu toħroġ ishma lil persuni eliġibbli. Il-parteċipazzjoni f'tali pjan hija volontarja għall-impjegati u għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi rigward il-komponenti kollha tar-remunerazzjoni u l-paga, inklużi l-pensjonijiet u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.
	2. L-eliġibbiltà għal ishma maħruġa skont l-EU-ESOP għandha tkun ristretta għall-membri tal-bord u għall-impjegati tal-kumpanija EU Inc. u għas-sussidjarji tagħha. L-ishma skont l-EU-ESOP ma

għandhomx jinħarġu lil persuni li, direttament jew indirettament, ikollhom ishma fil-kumpanija li jikkorrispondu għal aktar minn 25 fil-mija tad-drittijiet tal-vot jew tad-drittijiet fir-rikavat tal-kumpanija jew li kellhom tali ishma fl-24 xahar ta' qabel il-ħruġ.

3. L-ishma skont l-EU-ESOP jistgħu jinħarġu għal korrispettiv in natura fil-forma ta' xogħol jew servizzi mwettqa, jew li għandhom jitwettqu, minn persuni eliġibbli għall-kumpanija jew għas-sussidjarji tagħha.

4. L-EU-ESPO ma tistax tintuża bħala sostitut għal remunerazzjoni ordinarja, pagi minimi statutorji, jew livelli ta' pagi stabbiliti minn ftehimiet kollettivi. L-ishma maħruġa taħt din l-iskema għandhom jiġu ttrattati bħala suppliment għal pagi bbażati fuq flus u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, u mhux sostituzzjoni għalihom. Il-pussess ta' ishma huwa mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati.

5. L-impjegati involuti f'EU-ESOP għandhom jiġu pprovduti informazzjoni ċara u li tinftiehem dwar il-klassi speċifika ta' ishma moghtija u d-drittijiet marbuta magħhom kif ukoll informazzjoni ċara u trasparenti dwar ir-riskji finanzjarji.

6. Il-laqgħa ġenerali għandha tiddeċiedi dwar l-istabbiliment tal-EU-ESOP. Ir-riżoluzzjoni għandha mill-anqas tistabbilixxi:

(a) il-grupp ta' persuni eliġibbli;

(b) l-għadd massimu ta' ishma li jistgħu jinħarġu skont l-EU-ESOP;

(c) il-firxa tal-korrispettiv in natura meħtieġ għall-allokazzjoni ta' sehem skont l-EU-ESOP;

(d) perjodu obbligatorju ta' vestiment li qablu l-ishma jistgħu jiġu akkwistati skont l-EU-ESOP; il-perjodu tal-

vestiment għandu jibda jiddekorri mill-bidu tal-kontribut tax-xogħol jew tas-servizz rilevanti;

Ir-riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali ma tistax teskludi d-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma maħruġa skont l-EU-ESOP.

7. Il-bord tad-diretturi għandu jkun awtorizzat joħroġ ishma skont l-EU-ESOP u jittrasferixxi ishma proprji miżmuma fit-teżor għall-finijiet tal-EU-ESOP.

8. L-azzjonisti eżistenti ma għandu jkollhom l-ebda jedd ta' prelazzjoni fuq ishma maħruġa skont l-EU-ESOP.

Or. en

Emenda 169

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tassazzjoni tal-warrants skont l-EU-ESO	Tassazzjoni tal-warrants skont l-EU-ESO ***u l-EU-ESOP***

Or. en

Emenda 170

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal warrants maħruġa ***mill-EU*** Inc. skont l-EU-ESO kif iddefinit fl-Artikolu 78.	1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal warrants maħruġa ***mill-kumpanija EU*** Inc. skont l-EU-ESO kif iddefinit fl-Artikolu 78 ***u għal ishma maħruġa mill-EU Inc. skont l-EU-ESOP kif definit fl-Artikolu 78a***.

Or. en

Emenda 171

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-introjtu derivat mill-ishma maħruġa skont l-EU-ESOP għandu jitqies li ma jkunx akkumula fiż-żmien tal-akkwiżizzjoni tal-ishma. Dan għandu jitqies li jinħoloq u għalhekk ikun soġġett għat-tassazzjoni biss fiż-żmien meta jinkisbu l-ishma.

Or. en

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-introjtu deskritt fil-paragrafu 3 għandu jkun soġġett għat-tassazzjoni f'konformità mad-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-warrants maħruġa skont l-EU-ESO u l-ishma sottostanti li jirriżultaw ***ikunu*** soġġetti għal trattament tat-taxxa li ma jkunx anqas favorevoli minn dak applikabbli għal opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati oħra jew għal strumenti simili	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-warrants maħruġa skont l-EU-ESO u l-ishma sottostanti li jirriżultaw ***jew l-ishma maħruġa skont l-EU-ESO jkunu*** soġġetti għal trattament tat-taxxa li ma jkunx anqas favorevoli minn dak applikabbli għal opzjonijiet ta' stokk għall-

skont id-dritt nazzjonali tagħhom, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti legali kollha.	impjegati oħra***, għal skemi ta' parteċipazzjoni*** jew għal strumenti simili skont id-dritt nazzjonali tagħhom, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti legali kollha.

Or. en

Emenda 174

Proposta għal regolament
Artikolu 79 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Għall-finijiet tal-intitolamenti tas-sigurtà soċjali u tal-pensjoni, il-valur tal-warrants jew tal-ishma ma għandux jintuża biex titnaqqas il-bażi li fuqha jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegatur u tal-impjegat.

Or. en

Emenda 175

Proposta għal regolament
Artikolu 81 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
In-nullità ta' kumpanija tal-EU Inc. li tirriżulta fil-likwidazzjoni tagħha għandha tiġi ordnata biss b'deċiżjoni ta' qorti għar-raġunijiet li ġejjin:	In-nullità ta' kumpanija tal-EU Inc. li tirriżulta fil-likwidazzjoni tagħha għandha tiġi ordnata biss b'deċiżjoni ta' qorti ***u*** għar-raġunijiet li ġejjin ***biss***:

Or. en

Emenda 176

Proposta għal regolament
Artikolu 81 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) ir-regoli ta' kontroll preventiv jew il-formalitajiet legali meħtieġa ma ġewx irrispettati.

Or. en

Emenda 177

Proposta għal regolament
Artikolu 81 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. In-nullità fiha nnifisha ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe impenn li tkun daħlet għalih il-kumpanija EU Inc. jew kwalunkwe impenn magħha, li għandu jibqa' infurzabbli minkejja l-likwidazzjoni.	3. In-nullità fiha nnifisha ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe impenn li tkun daħlet għalih il-kumpanija EU Inc. jew kwalunkwe impenn magħha, li għandu jibqa' infurzabbli minkejja l-likwidazzjoni ***li tirriżulta mid-deċiżjoni ta' nullità, f'konformità mad-dritt nazzjonali***.

Or. en

Emenda 178

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-EU Inc. ma jkollha l-ebda obbligazzjoni;	(c) l-EU Inc. ma jkollha l-ebda obbligazzjoni***, inklużi obbligazzjonijiet kontinġenti u raġonevolment prevedibbli***;

Or. en

Emenda 179

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta matul is-sentejn ta' qabel it-talba għal-likwidazzjoni rapida, il-kumpanija EU Inc tkun wettqet trasferimenti sinifikanti ta' assi, inklużi drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew tkun għaddiet minn bidliet fis-sjieda jew fil-kontroll li jiffurmaw parti minn arranġament li għandu l-għan li jevita l-obbligazzjonijiet jew jippreġudika lill-krediturі, il-proċedura rapida ta' likwidazzjoni ma għandhiex tiġi awtorizzata mill-awtorità rilevanti.

Or. en

Emenda 180

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-diretturi għandhom ikunu responsabbli personalment, u meta applikabbli, in solidum, lejn il-krediturі għal kwalunkwe dannu li jirriżulta minn dikjarazzjoni ta' kunsens falza jew frawdolenti skont dan l-Artikolu.	3. Id-diretturi għandhom ikunu responsabbli personalment, u meta applikabbli, in solidum, lejn il-krediturі għal kwalunkwe dannu li jirriżulta minn dikjarazzjoni ta' kunsens falza jew frawdolenti ***tal-krediturі*** skont dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 181

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kotba u r-rekords tal-EU Inc. għandhom jinżammu għal perjodu ta' ***6*** snin mill-persuna maħtura għal dak il-għan mil-laqgħa ġenerali jew mill-qorti.	5. Il-kotba u r-rekords tal-EU Inc. għandhom jinżammu għal perjodu ta' ***10*** snin mill-persuna maħtura għal dak il-għan mil-laqgħa ġenerali jew mill-qorti.

Or. en

Emenda 182

Proposta għal regolament
Artikolu 84 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) id-dikjarazzjoni mill-persuna maħtura msemmija fl-Artikolu 83(5), awtentikata bl-użu ta' firem elettroniċi kkwalifikati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, li timpenja ruħha li żżomm il-kotba u r-rekords għal perjodu ta' ***6*** snin wara t-tneħħija tal-kumpanija mir-reġistru kummerċjali.	(d) id-dikjarazzjoni mill-persuna maħtura msemmija fl-Artikolu 83(5), awtentikata bl-użu ta' firem elettroniċi kkwalifikati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, li timpenja ruħha li żżomm il-kotba u r-rekords għal perjodu ta' ***10*** snin wara t-tneħħija tal-kumpanija mir-reġistru kummerċjali.

Or. en

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-krediturі tal-kumpanija EU Inc. li jkunu għaddejjin mill-proċedura ta' likwidazzjoni rapida jistgħu jopponu għaliha u jirrikjedu l-ftuħ tal-proċedura ta' likwidazzjoni ordinarja fi żmien ***30 jum*** wara d-divulgazzjoni tad-dokumenti u tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 84(4).	Il-krediturі tal-kumpanija EU Inc. li jkunu għaddejjin mill-proċedura ta' likwidazzjoni rapida jistgħu jopponu għaliha u jirrikjedu l-ftuħ tal-proċedura ta' likwidazzjoni ordinarja fi żmien ***3 xhur*** wara d-divulgazzjoni tad-dokumenti u tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 84(4).

Or. en

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'każ li l-pretensjonijiet ikunu fondati sew, ir-reġistru kummerċjali ***għandu jirrifjuta l-ftuħ*** tal-proċedura rapida u ***jinforma*** lill-kumpanija EU Inc. bir-raġunijiet għad-deċiżjoni ***tiegħu***, inkluża l-informazzjoni dwar il-krediturі li jkunu qegħdin jopponu u r-raġunijiet għall-pretensjonijiet tagħhom.	3. F'każ li l-pretensjonijiet ikunu fondati sew, ir-reġistru kummerċjali***, l-awtorità jew qorti kompetenti għandha tirrifjuta l-ftuħ*** tal-proċedura rapida u ***tjinforma*** lill-kumpanija EU Inc. bir-raġunijiet għad-deċiżjoni ***tagħha***, inkluża l-informazzjoni dwar il-krediturі li jkunu qegħdin jopponu u r-raġunijiet għall-pretensjonijiet tagħhom.

Or. en

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-reġistru kummerċjali ***jista' jikkunsidra wkoll*** l-oġġezzjonijiet tal-krediturі li jkunu ġew ippreżentati wara l-iskadenza msemmija fil-paragrafu 1 iżda qabel ma l-kumpanija EU Inc. titneħħa mir-reġistru.	4. Ir-reġistru kummerċjali***, l-awtorità jew il-qorti kompetenti jistgħu jikkunsidraw ukoll*** l-oġġezzjonijiet tal-krediturі li jkunu ġew ippreżentati wara l-iskadenza msemmija fil-paragrafu 1 iżda qabel ma l-kumpanija EU Inc. titneħħa mir-reġistru.

Or. en

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 85 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. It-tneħħija tal-kumpanija EU Inc.	5. ***Kumpanija EU Inc. ma tistax***

mir-reġistru kummerċjali ma għandhiex taffettwa d-drittijiet tal-krediturili l-pretensjonijiet tagħhom ***kienu għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati jew li ma ġewx*** ippreżentati matul il-proċedura rapida. Dawn il-krediturijistgħu:	***titneħħa mir-reġistru kummerċjali sakemm il-pretensjonijiet tal-krediturijkunu għadhom qed jiġu kkunsidrati.*** It-tneħħija tal-kumpanija EU Inc. mir-reġistru kummerċjali ma għandhiex taffettwa d-drittijiet tal-krediturili l-pretensjonijiet tagħhom ***ma kinux ġew*** ippreżentati matul il-proċedura rapida. Dawn il-krediturijistgħu:
	Or. en

Emenda 187

Proposta għal regolament
Artikolu 87 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tkun intbagħtet attestazzjoni tar-regolarità tas-sitwazzjoni fiskali jew dikjarazzjoni li ma hemm l-ebda oġġezzjoni għall-proċedura rapida mingħand l-awtorità nazzjonali tat-taxxa skont l-Artikolu 86.	(b) tkun intbagħtet attestazzjoni tar-regolarità tas-sitwazzjoni fiskali jew dikjarazzjoni li ma hemm l-ebda oġġezzjoni għall-proċedura rapida mingħand l-awtorità nazzjonali tat-taxxa ***jew minn kwalunkwe awtorità tat-taxxa oħra ta' Stat Membru*** skont l-Artikolu 86.
	Or. en

Emenda 188

Proposta għal regolament
Kapitolu X – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
PROĊEDIMENTI TA' INSOLVENZA STRALĊ TA' KUMPANIJI EU INC. INSOLVENTI LI HUMA START-UPS ***INNOVATTIVI***	PROĊEDIMENTI TA' INSOLVENZA STRALĊ TA' KUMPANIJI EU INC. INSOLVENTI LI HUMA START-UPS
	Or. en

Emenda 189

Proposta għal regolament
Artikolu 88 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ambitu ta' applikazzjoni ***tal-istralċ issimplifikat ta' start-ups EU Inc. innovattivi***	***Kamp*** ta' applikazzjoni ***tal-proċedimenti ta' stralċ issimplifikati***

Or. en

Emenda 190

Proposta għal regolament
Artikolu 88 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan il-Kapitolu japplika għall-kumpaniji EU Inc. li huma start-ups innovattivi.	1. Dan il-Kapitolu japplika għall-kumpaniji EU Inc. li huma start-ups innovattivi ***b'anqas minn 20 kreditur fil-mument tat-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati***.

Or. en

Emenda 191

Proposta għal regolament
Artikolu 88 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, start-up ***innovattiva*** tfisser kumpanija EU Inc. ***li tissodisfa l-kriterji stabbiliti f'[PO: referenza għall-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi innovattivi, start-ups u scale-ups li qed jespandu b'rata għolja ta' tkabbir, C (2026) 1800]***.	2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, start-up tfisser kumpanija EU Inc. ***kif definita fl-Artikolu 2(1)***.

Or. en

Emenda 192

Proposta għal regolament
Artikolu 88 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-kumpaniji EU Inc. li nħolqu permezz ta' konverżjoni, fużjoni jew diviżjoni domestika f'konformità mal-Artikolu 21 jew permezz ta' konverżjoni, fużjoni jew diviżjoni transfruntiera f'konformità mal-Kapitoli -I, II u IV tat-Titolu II tad-Direttiva (UE) 2017/1132, ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-proċedimenti ta' stralċ issimplifikati previsti f'dan il-Kapitolu, meta jkunu għaddew anqas minn 6 xhur bejn tali operazzjoni u t-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

Or. en

Emenda 193

Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istart-ups EU Inc. ***innovattivi*** insolventi jistgħu jitolbu l-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati f'konformità ma' dan il-Kapitolu.	1. L-istart-ups EU Inc. insolventi jistgħu jitolbu l-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati f'konformità ma' dan il-Kapitolu, ***jekk ikollhom anqas minn 20 kreditur fil-mument tat-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati***.

Or. en

Emenda 194

Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Start-up EU Inc. ***innovattiva*** għandha titqies insolventi għall-finijiet ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati meta ġeneralment ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha hekk kif jimmaturaw. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kundizzjonijiet ċari, sempliċi u faċilment aċċertabbli li taħthom start-up EU Inc. ***innovattiva*** titqies li ġeneralment ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha hekk kif jimmaturaw.	2. Start-up EU Inc. għandha titqies insolventi għall-finijiet ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati meta ġeneralment ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha hekk kif jimmaturaw ***jew meta d-djun tagħha jaqbżu l-assi tagħha***. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kundizzjonijiet ċari, sempliċi u faċilment aċċertabbli li taħthom start-up EU Inc. titqies li ġeneralment ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha hekk kif jimmaturaw ***u li skonthom id-dejn ta' start-up EU Inc. jitqies li jaqbeż l-assi tagħha***.

Or. en

Emenda 195

Proposta għal regolament
Artikolu 89 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-bidu u t-twettiq ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati ma għandhomx jiġu miċħuda minħabba li d-debitur ma għandu l-ebda assi jew l-assi tiegħu mhumiex biżżejjed biex ikopru l-kostijiet tal-proċedimenti ta' stralċ issimplifikati.

Or. en

Emenda 196

Proposta għal regolament
Artikolu 90 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-paragrafu 1, id-debitur, kreditur jew grupp ta' krediturijistgħu jitolbu li ma jinħatarx prattikant fl-insolvenza ***dment li*** l-istart-up EU Inc. ***innovattiva*** turi li għandha karta tal-bilanċ kurrenti aġġornata ***u li*** tkun ippreżentat l-aktar dikjarazzjoni annwali reċenti meħtieġa tagħha lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.	2. B'deroga mill-paragrafu 1, id-debitur, kreditur jew grupp ta' krediturijistgħu jitolbu li ma jinħatarx prattikant fl-insolvenza***, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:***
	(a) l-istart-up EU Inc. turi li għandha karta tal-bilanċ kurrenti aġġornata***;***
	(b) l-istart-up EU Inc. tkun ippreżentat l-aktar dikjarazzjoni annwali reċenti meħtieġa tagħha lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti***;***
	(c) l-istart-up EU Inc. ikollha sistema kontabilistika aġġornata;
	(d) l-istart-up EU Inc. għandha lista ta' assi;
	(e) l-istart-up EU Inc. għandha lista aġġornata ta' krediturijistgħu;
	(f) l-istart-up EU Inc. issodisfat il-pagamenti fuq it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali;
	(g) l-istart-up EU Inc. ħallset il-pagi pendenti kollha dovuti fiż-żmien tat-talba;
	(h) meta jkun applikabbli, l-istart-up EU Inc. ikkonformat mal-obbligi tagħha relatati mal-informazzjoni u l-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-impjegati skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbli.
	Or. en

Emenda 197

Proposta għal regolament
Artikolu 90 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-qorti jew l-awtorità kompetenti għandha tilqa' t-talba skont il-paragrafu 1, biss meta jiġi stabbilit li l-ħatra ta' prattikant fl-insolvenza ma tkunx meħtieġa għat-twettiq xieraq tal-proċedimenti jew għall-protezzjoni tal-kredituri u tal-impjegati.

Or. en

Emenda 198

Proposta għal regolament
Artikolu 90 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. In-nuqqas ta' finanzjament mill-patrimonju tal-insolvenza jew mill-parti li talbet il-ħatra ma għandux jikkostitwixxi raġuni biex jintalab li prattikant fl-insolvenza ma jinħatarx.

Or. en

Emenda 199

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Start-up EU Inc. ***innovattiva*** insolventi jew kwalunkwe kreditur tal-istart-up EU Inc. ***innovattiva*** insolventi jista' jippreżenta talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati lil qorti jew awtorità kompetenti.	1. Start-up EU Inc. insolventi jew kwalunkwe kreditur tal-istart-up EU Inc. insolventi jista' jippreżenta talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati lil qorti jew awtorità kompetenti.

Or. en

Emenda 200

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta start-up EU Inc. ***innovattiva*** tkun persuna ġuridika, isem id-debitur, in-numru ta' reġistrazzjoni, l-uffiċċju rreġistrat jew, jekk differenti, l-indirizz postali;	(a) meta start-up EU Inc. tkun persuna ġuridika, isem id-debitur, in-numru ta' reġistrazzjoni, l-uffiċċju rreġistrat jew, jekk differenti, l-indirizz postali;

Or. en

Emenda 201

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jekk start-up EU Inc. ***innovattiva*** tkun imprenditur, isem id-debitur, in-numru ta' reġistrazzjoni, jekk jeżisti, u l-indirizz postali jew, meta l-indirizz huwa protett, il-post u d-data tat-twelid tad-debitur;	(b) jekk start-up EU Inc. tkun imprenditur, isem id-debitur, in-numru ta' reġistrazzjoni, jekk jeżisti, u l-indirizz postali jew, meta l-indirizz huwa protett, il-post u d-data tat-twelid tad-debitur;

Or. en

Emenda 202

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) meta t-talba tiġi ppreżentata mill-istart-up EU Inc., spjegazzjoni qasira tal-kawżi prinċipali tal-insolvenza u ta' kwalunkwe ċirkostanza materjali li kkontribwiet għad-diffikultajiet finanzjarji tal-kumpanija;

Or. en

Emenda 203

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) lista tal-assi tal-istart-up EU Inc. ***innovattiva***;	(c) lista tal-assi tal-istart-up EU Inc.;

Or. en

Emenda 204

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-isem, l-indirizz jew dettalji oħra ta' kuntatt tal-krediturі tal-istart-up EU Inc. ***innovattiva***, kif magħrufa fiż-żmien tas-sottomissjoni tat-talba,	(d) l-isem, l-indirizz jew dettalji oħra ta' kuntatt tal-krediturі tal-istart-up EU Inc., kif magħrufa fiż-żmien tas-sottomissjoni tat-talba,

Or. en

Emenda 205

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-lista tal-pretensjonijiet kontra l-istart-up EU Inc. ***innovattiva*** u, għal kull pretensjoni, l-ammont tagħha li jispeċifika l-kapital u, meta applikabbli, l-imgħax u d-data ta' meta bdiet u d-data meta kellha titħallas, jekk tkun differenti;	(e) il-lista tal-pretensjonijiet kontra l-istart-up EU Inc. u, għal kull pretensjoni, l-ammont tagħha li jispeċifika l-kapital u, meta applikabbli, l-imgħax u d-data ta' meta bdiet u d-data meta kellha titħallas, jekk tkun differenti;

Or. en

Emenda 206

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) lista bit-tranżazzjonijiet kummerċjali kollha fil-perjodu ta' 6 xhur qabel it-talba għall-ftuħ ta' proċeduri ta' stralċ issimplifikati;

Or. en

Emenda 207

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) l-għadd ta' impjegati tal-istart-up EU Inc., l-Istat Membru tal-impjieg tagħhom u d-dettalji ta' kwalunkwe pretensjoni pendenti ta' paga, pensjoni jew sigurtà soċjali;

Or. en

Emenda 208

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) dikjarazzjoni li tindika jekk, sa liema punt u b'rabta ma' liema krediturl-istart-up EU Inc. hija inadempjenti b'obbligi li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta' impjieg, impenji tal-pensjoni, obbligazzjonijiet tat-taxxa, kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew

pagamenti dovuti lill-fornituri;

Or. en

Emenda 209

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt ed (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ed) dikjarazzjoni mid-diretturi li l-informazzjoni pprovduta fit-talba hija kompluta u akkurata sa fejn jafu huma u li l-ebda informazzjoni materjali rilevanti għall-proċedimenti ta' stralċ ma tħalliet barra;

Or. en

Emenda 210

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt ee (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ee) dettalji ta' kwalunkwe konverżjoni, fużjoni, diviżjoni jew trasferiment ta' uffiċċju rreġistrat imwettaq matul is-6 xhur ta' qabel it-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati;

Or. en

Emenda 211

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt ef (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ef) meta t-talba tiġi ppreżentata mill-

	istart-up EU Inc., informazzjoni dwar ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u kwalunkwe mezz ieħor li bih il-kostijiet tal-proċedimenti huma mistennija li jiġu koperti;

Or. en

Emenda 212

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt eg (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eg) informazzjoni dwar kwalunkwe proċediment ta' insolvenza, proċediment ta' ristrutturar preventiv jew sospensjoni ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali miftuħa fir-rigward tal-istart-up EU Inc. matul it-3 snin ta' qabel it-talba;

Or. en

Emenda 213

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jekk ***hijiex allegata*** garanzija in rem jew riżerva ta' titolu fir-rigward ta' ċerta pretensjoni u, jekk iva, liema assi huma koperti mill-interess ta' garanzija.	(f) jekk ***teżistix*** garanzija in rem jew riżerva ta' titolu fir-rigward ta' ċerta pretensjoni u, jekk iva, liema assi huma koperti mill-interess ta' garanzija.

Or. en

Emenda 214

Proposta għal regolament
Artikolu 92 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 3 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni ***minn*** [PO: L-aħħar jum ***tat-24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 107(3).	4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 3 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni ***sa*** [PO: l-aħħar jum ***tas-6*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 107(3).

Or. en

Emenda 215

Proposta għal regolament
Artikolu 93 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-qorti jew l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien, tieħu deċiżjoni dwar it-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati, kif ukoll fuq it-talba, li prattikant fl-insolvenza ma jinħatarx kif imsemmi fl-Artikolu 90(2).	Il-qorti jew l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien ***u mhux aktar tard minn ġimagħtejn wara t-talba***, tieħu deċiżjoni dwar it-talba għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati, kif ukoll fuq it-talba, li prattikant fl-insolvenza ma jinħatarx kif imsemmi fl-Artikolu 90(2).

Or. en

Emenda 216

Proposta għal regolament
Artikolu 93 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-qorti jew l-awtorità kompetenti tista' titlob lid-debitur jissupplimenta jew jikkoreġi informazzjoni mhux kompluta jew mhux akkurata ppreżentata skont l-Artikolu 92 qabel ma tieħu deċiżjoni dwar

	il-ftuħ tal-proċedimenti ta' stralċ issimplifikati. Meta d-debitur intenzjonalment jew b'negliġenza jipprovdi informazzjoni materjalment falza jew qarrieqa, il-qorti jew l-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta t-talba jew taħtar prattikant fl-insolvenza minkejja l-Artikolu 90(2).

Or. en

Emenda 217

Proposta għal regolament
Artikolu 94

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 94	Artikolu 94
Sospensjoni ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali	Sospensjoni ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali
Id-debituri għandhom jibbenefikaw minn sospensjoni ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali skont l-operazzjoni tal-liġi jew b'deċiżjoni tal-qorti jew tal-awtorità kompetenti li tmexxi dawk il-proċedimenti.	***1.*** Id-debituri għandhom jibbenefikaw minn sospensjoni ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali skont l-operazzjoni tal-liġi jew b'deċiżjoni tal-qorti jew tal-awtorità kompetenti li tmexxi dawk il-proċedimenti.
	2. Il-benefiċċju minn sospensjoni ta' azzjonijiet ta' infurzar individwali ma għandux japplika għall-pretensjonijiet tal-impjegati. B'deroga mill-ewwel sentenza, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-ewwel paragrafu għall-pretensjonijiet tal-impjegati jekk, u sal-punt li, l-Istati Membri jiżguraw li l-ħlas ta' tali pretensjonijiet ikun garantit f'oqfsa ta' ristrutturar preventiv b'livell ta' protezzjoni li jkun mill-anqas ekwivalenti għal dak ipprovdut fin-nuqqas ta' sospensjoni.

Or. en

Emenda 218

Proposta għal regolament
Artikolu 95 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jinfetħu proċedimenti ssimplifikati ta' insolvenza, il-prattikant fl-insolvenza, jew fin-nuqqas tiegħu, id-debitur, għandu jħejji lista ta' kredituri u pretensjonijiet.	1. Meta jinfetħu proċedimenti ssimplifikati ta' insolvenza, il-prattikant fl-insolvenza, jew fin-nuqqas tiegħu, id-debitur, għandu jħejji lista ta' kredituri u pretensjonijiet***, inklużi l-impjegati kollha u l-pretensjonijiet pendenti tagħhom għall-pagi, is-salarji, il-pensjonijiet kif ukoll it-taxxi u, meta jkun meħtieġ skont id-dritt nazzjonali, il-kontribuzzjonijiet għall-assigurazzjonijiet tas-sigurtà soċjali***.

Or. en

Emenda 219

Proposta għal regolament
Artikolu 95 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-prattikant fl-insolvenza, jew fin-nuqqas tiegħu, il-qorti jew l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-kredituri magħrufa kollha, permezz ta' avviżi individwali, bil-lista msemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li tindika l-perjodu ta' żmien biex titqajjem kwalunkwe oġġezzjoni jew tħassib. Il-pretensjonijiet kontra d-debitur indikati fil-lista għandhom jitqiesu bħala li ġew ippreżentati mingħajr ebda azzjoni ulterjuri mill-kredituri kkonċernati.	2. Il-prattikant fl-insolvenza, jew fin-nuqqas tiegħu, il-qorti jew l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-kredituri magħrufa kollha, ***inklużi l-impjegati u r-rappreżentanti tal-impjegati, meta jkun applikabbli*** permezz ta' avviżi individwali, bil-lista msemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li tindika l-perjodu ta' żmien biex titqajjem kwalunkwe oġġezzjoni jew tħassib. Il-pretensjonijiet kontra d-debitur indikati fil-lista għandhom jitqiesu bħala li ġew ippreżentati mingħajr ebda azzjoni ulterjuri mill-kredituri kkonċernati.

Or. en

Emenda 220

Proposta għal regolament
Artikolu 95 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kwalunkwe kreditur jista' jippreżenta pretensjonijiet li ma jkunux inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 jew iqajjem oġġezzjonijiet jew tħassib dwar pretensjonijiet inklużi fil-lista, fi żmien perjodu stabbilit fid-dritt nazzjonali, li ma għandux jaqbeż ***it-30*** jum li jibdew jgħoddu mir-riċevuta tal-avviż individwali msemmi fil-paragrafu 2 jew mill-pubblikazzjoni tal-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati fir-reġistru ta' insolvenza msemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, skont liema minnhom tkun l-aħħar.	3. Kwalunkwe kreditur jista' jippreżenta pretensjonijiet li ma jkunux inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 jew iqajjem oġġezzjonijiet jew tħassib dwar pretensjonijiet inklużi fil-lista, fi żmien perjodu stabbilit fid-dritt nazzjonali, li ma għandux jaqbeż ***is-60*** jum li jibdew jgħoddu mir-riċevuta tal-avviż individwali msemmi fil-paragrafu 2 jew mill-pubblikazzjoni tal-ftuħ ta' proċedimenti ta' stralċ issimplifikati fir-reġistru ta' insolvenza msemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, skont liema minnhom tkun l-aħħar.

Or. en

Emenda 221

Proposta għal regolament
Artikolu 95 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-pretensjonijiet ikkontestati għandhom jiġu ttrattati fil-pront mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti. Il-qorti jew l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tkompli l-proċedimenti ta' stralċ issimplifikati fir-rigward ta' pretensjonijiet mhux ikkontestati.	5. Il-pretensjonijiet ikkontestati għandhom jiġu ttrattati fil-pront mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti. Il-qorti jew l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tkompli l-proċedimenti ta' stralċ issimplifikati fir-rigward ta' pretensjonijiet mhux ikkontestati. ***Pretensjoni ma għandhiex titqies mhux ikkontestata meta l-kreditur ikkonċernat ma jkunx irċieva n-notifika individwali msemmija fil-paragrafu 2.***

Or. en

Emenda 222

Proposta għal regolament
Artikolu 96 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-assi tal-patrimonju tal-insolvenza jkunu ta' valur tant baxx li ma jkunx jiġġustifika l-kostijiet jew il-piż amministrattiv involut fil-bejgħ tagħhom u fid-distribuzzjoni tar-rikavati;	(b) l-assi tal-patrimonju tal-insolvenza jkunu ta' valur tant baxx, ***jew ikunu mistennija jiġġeneraw valur nett aktar baxx mill-kostijiet tal-preżervazzjoni, l-amministrazzjoni, id-dekontaminazzjoni, id-disponiment jew il-bejgħ tagħhom,*** li ma jkunx jiġġustifika l-kostijiet jew il-piż amministrattiv involut fil-bejgħ tagħhom u fid-distribuzzjoni tar-rikavati;

Or. en

Emenda 223

Proposta għal regolament
Artikolu 96 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-prattikant fl-insolvenza jipproċedi bir-realizzazzjoni tal-assi tad-debitur kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-prattikant fl-insolvenza għandu jispeċifika wkoll il-mezzi ta' realizzazzjoni tal-assi. Għall-bejgħ ta' assi tad-debitur, il-prattikant fl-insolvenza għandu juża s-sistema ta' rkant elettroniku msemmija fl-Artikolu 97, ħlief jekk dan ma jkunx mhux xieraq fid-dawl tan-natura tal-assi jew taċ-ċirkostanzi tal-proċedimenti.	3. Meta l-prattikant fl-insolvenza jipproċedi bir-realizzazzjoni tal-assi tad-debitur kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-prattikant fl-insolvenza għandu jispeċifika wkoll il-mezzi ta' realizzazzjoni tal-assi. Għall-bejgħ ta' assi tad-debitur, il-prattikant fl-insolvenza għandu juża s-sistema ta' rkant elettroniku msemmija fl-Artikolu 97, ħlief jekk dan ma jkunx mhux xieraq fid-dawl tan-natura tal-assi jew taċ-ċirkostanzi tal-proċedimenti. ***Il-prattikant fl-insolvenza għandu jiżgura li l-metodu ta' realizzazzjoni jimmassimizza l-valur tal-patrimonju tal-insolvenza.***

Or. en

Emenda 224

Proposta għal regolament
Artikolu 97 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jiżgura, sa [PO: l-aħħar jum ***tal-24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ*** ta' dan ir-Regolament] li pjattaforma jew pjattaformi tal-irkant elettroniku jiġu stabbiliti u miżmuma fit-territorju tiegħu biex jintużaw għall-finijiet tal-bejgħ tal-assi tal-proprjetà tal-insolvenza tal-istart-up EU Inc. innovattiva fi proċedimenti ta' stralċ issimplifikati.	1. Kull Stat Membru għandu jiżgura, sa [PO: l-aħħar jum ***qabel id-data tal-applikazzjoni*** ta' dan ir-Regolament] li pjattaforma jew pjattaformi tal-irkant elettroniku jiġu stabbiliti u miżmuma fit-territorju tiegħu biex jintużaw għall-finijiet tal-bejgħ tal-assi tal-proprjetà tal-insolvenza tal-istart-up EU Inc. innovattiva fi proċedimenti ta' stralċ issimplifikati. ***L-użu ta' tali pjattaformi ma għandux jipprevjeni l-użu ta' metodi oħra ta' bejgħ meta dawn ikunu aktar xierqa biex jimmassimizzaw il-valur tal-patrimonju tal-insolvenza.***

Or. en

Emenda 225

Proposta għal regolament
Artikolu 98 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema għall-interkonnessjoni tas-sistemi ta' rkant elettroniku nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 97 permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni*** li għandhom jiġu adottati ***minn*** [PO: l-aħħar jum ***tat-36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ*** ta' dan ir-Regolament]. Is-sistema għandha tkun magħmula minn sistemi ta' rkant elettroniku nazzjonali interkonnessi permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, li għandu jservi bħala punt ċentrali ta' aċċess elettroniku fis-sistema. Is-sistema għandha tipprovdi, bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, informazzjoni dwar il-proċessi kollha tal-irkant imħabbra	1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema għall-interkonnessjoni tas-sistemi ta' rkant elettroniku nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 97 permezz ta' atti ***delegati*** li għandhom jiġu adottati ***f'konformità mal-Artikolu 106b sa*** [PO: l-aħħar jum ***qabel id-data tal-applikazzjoni*** ta' dan ir-Regolament]. Is-sistema għandha tkun magħmula minn sistemi ta' rkant elettroniku nazzjonali interkonnessi permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, li għandu jservi bħala punt ċentrali ta' aċċess elettroniku fis-sistema. Is-sistema għandha tipprovdi, bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, informazzjoni dwar il-proċessi kollha tal-irkant imħabbra

fil-pjattaformi tal-irkant elettroniku nazzjonali, tippermetti t-tiftix fost dawn il-proċessi tal-irkant u tipprovdi iperlinks li jwasslu għall-paġni tas-sistemi nazzjonali fejn l-offerti jistgħu jiġu ppreżentati direttament.	fil-pjattaformi tal-irkant elettroniku nazzjonali, tippermetti t-tiftix fost dawn il-proċessi tal-irkant u tipprovdi iperlinks li jwasslu għall-paġni tas-sistemi nazzjonali fejn l-offerti jistgħu jiġu ppreżentati direttament.

Or. en

Emenda 226

Proposta għal regolament
Artikolu 98 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni*** speċifikazzjonijiet u proċeduri tekniċi meħtieġa biex jipprevedu l-interkonnessjoni tas-sistemi ta' rkant elettroniku nazzjonali tal-Istati Membri, li jistabbilixxu:	2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta' atti ***delegati, f'konformità mal-Artikolu 106b***, speċifikazzjonijiet u proċeduri tekniċi meħtieġa biex jipprevedu l-interkonnessjoni tas-sistemi ta' rkant elettroniku nazzjonali tal-Istati Membri, li jistabbilixxu:

Or. en

Emenda 227

Proposta għal regolament
Artikolu 98 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 107.	***imħassar***

Or. en

Emenda 228

Proposta għal regolament
Artikolu 102 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta d-debitur ikun persuna ġuridika, id-deċiżjoni dwar l-għeluq tal-proċedimenti ta' stralċ issimplifikati għandha tagħti bidu għall-miżuri rilevanti skont id-dritt nazzjonali li jwasslu għax-xoljiment tal-personalità ġuridika tal-istart-up EU Inc. ***innovattiva***.	2. Meta d-debitur ikun persuna ġuridika, id-deċiżjoni dwar l-għeluq tal-proċedimenti ta' stralċ issimplifikati għandha tagħti bidu għall-miżuri rilevanti skont id-dritt nazzjonali li jwasslu għax-xoljiment tal-personalità ġuridika tal-istart-up EU Inc.

Or. en

Emenda 229

Proposta għal regolament
Artikolu 103 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sakemm ma jkunx iġġustifikat u proporzjonat b'mod oġġettiv, l-Istati Membri għandhom jittrattaw lill-kumpaniji EU Inc. b'mod mhux anqas favorevoli minn kumpaniji b'responsabbiltà limitata oħra ***ffformati*** f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom fi kwalunkwe aspett tal-attivitajiet u tal-operazzjonijiet tagħhom.	1. Sakemm ma jkunx iġġustifikat u proporzjonat b'mod oġġettiv, l-Istati Membri għandhom jittrattaw lill-kumpaniji EU Inc. b'mod mhux anqas favorevoli minn kumpaniji b'responsabbiltà limitata ***rilevanti*** oħra ***msemmija fl-Artikolu 1a(4), li ġew ifformati*** f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom fi kwalunkwe aspett tal-attivitajiet u tal-operazzjonijiet tagħhom.

Or. en

Emenda 230

Proposta għal regolament
Artikolu 103 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-rekwiżit li jkun hemm	***imħassar***

rappreżentant lokali jew preżenza fiżika f'dak l-Istat Membru sabiex titlesta proċedura meħtieġa biex tinbeda jew tiġi eżerċitata attività ekonomika jew biex tinkiseb awtorizzazzjoni;

Or. en

Emenda 231

Proposta għal regolament
Kapitolu XIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kapitolu XIa
	SOLUZZJONI TAT-TILWIM
	Artikolu 103a
	Soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti
	1. Fi kwistjonijiet relatati ma' kumpanija EU Inc., kumpaniji oħra li għandhom relazzjoni kummerċjali ma' kumpanija EU Inc. u l-kumpanija EU Inc. għandu jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti għal tilwim bejn sħab kummerċjali bl-eċċezzjoni ta' tilwim relatat mal-parteċipazzjoni tal-impjegati.
	2. Iż-żewġ partijiet għandhom jiddjalogaw, bona fide, mal-korp ċertifikat magħżul għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti bil-għan li tissolva t-tilwima. Il-parteċipazzjoni fis-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti ma żżommx lill-partijiet milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-sistema ġudizzjarja.
	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpaniji EU Inc. u kumpaniji oħra li għandhom relazzjoni kummerċjali ma' kumpanija EU Inc. ikollhom aċċess għal mekkaniżmi effettivi, imparzjali u rapidi għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti mwettqa minn korp iċċertifikat għas-soluzzjoni barra mill-qorti.

4. L-Istati Membri għandhom, għal perjodu massimu ta' 5 snin, li jista' jiġġedded, jiċċertifikaw il-korp, fuq talba tiegħu, meta l-korp ikun wera li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun imparzjali u indipendenti, inkluż finanzjarjament indipendenti;

(b) ikollu l-għarfien espert meħtieġ fir-rigward tal-kwistjonijiet li jinqalgħu fid-dritt korporattiv, li jippermetti lill-korp jikkontribwixxi b'mod effettiv għas-soluzzjoni ta' tilwima;

(c) il-membri tiegħu jitħallsu b'mod li ma jkunx marbut mal-eżitu tal-proċedura;

(d) is-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti li joffri hija faċilment aċċessibbli permezz tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni elettronika, tipprevedi l-possibbiltà li tinbeda s-soluzzjoni tat-tilwim u li jiġu ppreżentati d-dokumenti ta' sostenn meħtieġa online, u tipprevedi l-possibbiltà li l-proċedimenti jitwettqu b'mod diġitali;

(e) il-korp jaċċetta u jkun kapaċi jimmaniġġja tilwim kemm domestiku kif ukoll transfruntier;

(f) ikun kapaċi jsolvi t-tilwim b'mod rapidu, meta jkun xieraq, filwaqt li jipprevedi proċeduri aċċellerati, b'mod effiċjenti u kosteffettiv u bl-Ingliż flimkien ma' mill-anqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

(g) is-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti ssir f'konformità ma' regoli ta' proċedura ċari u ġusti li jkunu aċċessibbli faċilment u pubblikament, u li jikkonformaw mad-dritt applikabbli.

Il-korpi ċċertifikati għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti għandhom jagħmlu d-deċiżjonijiet tagħhom għad-dispożizzjoni tal-partijiet f'perjodu raġonevoli u mhux aktar tard minn 90 jum tal-kalendarju wara l-wasla tal-ilment. Fil-każ ta' tilwimiet kumplessi ħafna, il-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti ċċertifikat jista', fid-

diskrezzjoni tiegħu, jestendi l-perjodu ta' 90 jum tal-kalendarju, għal perjodu addizzjonali li ma għandux jaqbeż id-90 jum, li jirriżulta f'tul totali massimu ta' 180 jum. Il-korpi ċċertifikati għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti jikkomunikaw id-deċiżjoni u l-informazzjoni rilevanti kollha lill-pjattaforma diġitali ċentrali tal-UE fejn issir disponibbli għall-pubbliku.

5. L-awtorità tal-Istat Membru li tkun iċċertifikat il-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti għandha tirrevoka dik iċ-ċertifikazzjoni jekk, wara investigazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess jew abbażi ta' informazzjoni mingħand partijiet terzi, tiddetermina li l-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4. Qabel tirrevoka dik iċ-ċertifikazzjoni, l-awtorità tal-Istat Membru għandha tagħti l-opportunità lil dak il-korp li jirreaġixxi għall-konklużjonijiet tal-investigazzjoni tiegħu u l-intenzjoni tiegħu li jirrevoka ċ-ċertifikazzjoni tal-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti.

6. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni ċara dwar it-tariffi, il-kostijiet, u, meta jkun possibbli, l-assistenza finanzjarja fir-rigward ta' mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti.

7. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2013/11/UE u l-proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim u l-entitajiet għall-konsumaturi stabbiliti skont dik id-Direttiva.

Artikolu 103b

Soluzzjoni tat-tilwim ġudizzjarju

1. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jaħtru qrati, kmamar jew bordijiet kompetenti għal tilwim dwar kwistjonijiet relatati ma' kumpanija EU Inc. bl-eċċezzjoni ta' tilwim relatat mal-

parteċipazzjoni tal-impjegati.

2. Sa … [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha toħroġ gwida indirizzata lill-Istati Membri dwar is-soluzzjoni ġudizzjarja ta' tilwim dwar materji relatati ma' kumpaniji EU Inc. Il-gwida tista', b'mod partikolari, tistieden lill-Istati Membri jipprovdu arranġamenti proċedurali speċifiċi jew skadenzi qosra għal proċedimenti ġudizzjarji li jinvolvu kumpaniji EU Inc., inklużi proċedimenti relatati mal-ġestjoni diġitali tal-każijiet, li jippermettu l-preżentazzjoni elettronika, it-traċċar tal-każijiet, u s-seduti virtwali, u t-trattament tal-każijiet bil-lingwa Ingliża.

3. Il-gwida msemmija fil-paragrafu 2 tista' tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jirċievu taħriġ speċjalizzat u kontinwu dwar id-dritt tal-kumpaniji tal-Unjoni u dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll taħriġ dwar it-titjib tal-ħiliet lingwistiċi. Din tista' tħeġġeġ, taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, l-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari bejn l-imħallfin sabiex jiġu diskussi l-iżviluppi fid-dritt tal-kumpaniji fir-rigward ta' dan ir-Regolament, biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-applikazzjoni tiegħu u jitrawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki.

4. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jinfurmaw regolarment lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda b'rispons għall-gwida, imsemmija fil-paragrafu 2.

5. Il-gwida msemmija fil-paragrafu 2 għandha tirrispetta l-indipendenza tal-ġudikatura u l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri.

Artikolu 103c

Bażi tad-data pubblika dwar il-ġurisprudenza tal-Unjoni u dik nazzjonali relatata ma' kumpaniji EU Inc.

1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw, f'format faċilment aċċessibbli u elettroniku, kwalunkwe

sentenza finali mogħtija mill-qrati nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-proċedimenti mnedija skont dan ir-Regolament. Il-pubblikazzjoni ta' tali sentenza għandha ssir f'konformità mad-dritt nazzjonali.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data faċilment aċċessibbli u disponibbli għall-pubbliku li jkun fiha s-sentenzi msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll referenzi għal sentenzi rilevanti mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-bażi tad-data pubblika għandha tkun aċċessibbli permezz tal-pjattaforma diġitali ċentrali stabbilita mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 103d.

Or. en

Emenda 232

Proposta għal regolament
Kapitolu XIb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kapitolu XIb
	PJATTAFORMA DIĠITALI EU INC.
	Artikolu 103d
	Pjattaforma diġitali EU Inc.
	1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm pjattaforma diġitali EU Inc. b'aċċess miftuħ u b'informazzjoni faċilment aċċessibbli u disponibbli għall-pubbliku għall-kumpaniji, l-investituri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra inklużi t-trade unions, l-akkademja u l-prattikanti legali. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sa … [PO: l-aħħar jum tas-6 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], f'konformità mal-proċedura ta' eżami

msemmija fl-Artikolu 107 biex jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-pjattaforma diġitali EU Inc.

2. Il-pjattaforma diġitali EU Inc. għandha tkun interoperabbli mal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja, mal-BRIS u mal-interfaċċa ċentrali tal-UE, imsemmija fl-Artikolu 15, u konnessa magħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli b'mod elettroniku bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni informazzjoni u gwida prattika dwar ir-regoli applikabbli għall-kumpaniji EU Inc., inkluż id-dritt nazzjonali rilevanti għal kull forma ġuridika nazzjonali msemmija fl-Artikolu 1a(4) f'kull Stat Membru, akkumpanjata minn:

(a) tutorials tar-reġistrazzjoni pass pass;

(b) informazzjoni dwar il-mekkaniżmi disponibbli għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti u l-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim ġudizzjarji;

(c) informazzjoni dwar opportunitajiet ta' finanzjament u ta' investiment.

4. Il-pjattaforma diġitali għandha tkun interoperabbli mal-bażi tad-data pubblika dwar il-ġurisprudenza tal-Unjoni u dik nazzjonali relatata mal-kumpaniji EU Inc., imsemmija fl-Artikolu 103a, u tinkludiha. Il-Kummissjoni għandha tiżgura d-disponibbiltà ta' għodod tat-traduzzjoni awtomatika ta' kwalità għolja u tiżviluppa għodda ta' tiftix u analiżi li taħdem bl-IA kif ukoll sistema ta' notifika għall-aġġornamenti tal-liġijiet nazzjonali li jaffettwaw lill-kumpaniji EU Inc.

Or. en

Emenda 233

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-abbuż tal-forma ġuridika tal-EU Inc. għall-fini tal-evażjoni tal-obbligi skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali relatati mal-pagi statutorji jew miftiehma b'mod kollettiv, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, it-tassazzjoni jew elementi ta' protezzjoni obbligatorji oħra tal-impjiegi;

Or. en

Emenda 234

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) l-arranġament artifiċjali ta' strutturi korporattivi, inklużi l-ħolqien ta' kumpaniji fantażma jew il-frammentazzjoni ta' entitajiet fi ktajjen, relazzjonijiet ta' impjieg, allokazzjoni tal-forza tax-xogħol jew il-post tal-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju għall-fini li jiġu evitati l-parteċipazzjoni, ir-rappreżentanza, jew id-drittijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-impjegati fil-livell tal-bord skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali;

Or. en

Emenda 235

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dc) l-għoti ta' informazzjoni falza,

mhux kompluta jew qarrieqa dwar l-għadd, il-post jew l-istatus tal-impjegati meta tali informazzjoni tkun rilevanti biex jiġu ddeterminati d-drittijiet jew l-obbligi ta' parteċipazzjoni tal-impjegati skont il-liġi tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali tal-Unjoni jew nazzjonali;

Or. en

Emenda 236

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt dd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dd) nuqqas ta' stabbiliment, żamma, aġġornament jew konformità mal-arranġamenti ta' parteċipazzjoni tal-impjegati meħtieġa skont dan ir-Regolament jew skont il-liġi nazzjonali applikabbli indikata minn dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 237

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt de (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(de) l-użu ta' programmi EU-ESO jew EU-ESOP jew kwalunkwe arranġament ieħor ta' remunerazzjoni, għall-fini tas-sostituzzjoni tar-remunerazzjoni ordinarja, l-evażjoni tal-obbligi relatati mal-pagi, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew it-tassazzjoni, l-ixprunar tar-remunerazzjoni taħt il-livelli statutorji jew miftiehma b'mod kollettiv, jew inkella l-evitar tal-obbligi relatati mal-protezzjoni tal-impjegati skont id-dritt tal-Unjoni jew

dak nazzjonali;

Or. en

Emenda 238

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja finali tkun stabbiliet ksur serju jew ripetut ta' kwalunkwe wieħed mill-obbligi msemmija f'dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpanija EU Inc., il-fundaturi tagħha, id-diretturi u, meta jkun applikabbli, il-persuni ġuridiċi li jeżerċitaw kontroll fuq il-kumpanija EU Inc. ikunu ineliġibbli biex jistabbilixxu kumpanija EU Inc. ġdida skont dan ir-Regolament. F'każijiet ta' ksur serju jew ripetut, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jirtiraw l-istatus ta' EU Inc. u jirrikjedu li l-kumpanija tikkonverti ruħha f'forma ġuridika nazzjonali jew tgħaddi minn proċedimenti ta' stralċ ordinarji.

Or. en

Emenda 239

Proposta għal regolament
Artikolu 106 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***2b. Meta jkun strettament meħtieġ biex tiġi pprevenuta ħsara mill-attivitajiet elenkati taħt il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u l-qrati jkunu jistgħu jordnaw miżuri interim,**

inġunzjonijiet u, meta jkun xieraq, miżuri ta' rimedju.

Or. en

Emenda 240

Proposta għal regolament
Artikolu 106a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 106a
	Prevenzjoni ta' abbuż u ċirkomvenzjoni
	1. Kumpanija EU Inc. ma għandhiex tintuża għal finijiet abbużivi jew frodulenti jew għaċ-ċirkomvenzjoni tad-drittijiet, l-obbligi jew is-salvagwardji stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali.
	B'mod partikolari, kumpanija EU Inc. ma għandhiex tintuża b'mod li jimmina d-drittijiet u l-interessi tal-impjegati, tal-kredituri u tal-azzjonisti minoritarji protetti skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali.
	2. EU Inc. ma għandhiex tintuża bil-għan li ċċaħħad lill-impjegati mid-drittijiet tal-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-livell tal-bord jew iċċaħħadhom minnhom.
	L-użu pprojbit mill-ewwel subparagrafu għandu jitqies li jeżisti meta l-għadd ta' impjegati fi Stat Membru jaqbeż livell limitu nazzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-livell limitu tal-bord u livell ekwivalenti ta' parteċipazzjoni ma jkunx previst fl-EU Inc. Meta d-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati jkunu ġew evitati bi ksur ta' dan l-Artikolu, ir-regoli nazzjonali dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati tal-Istat Membru li l-limitu nazzjonali tiegħu jkun inqabeż għandhom japplikaw mutatis mutandis.
	3. Meta l-livelli limitu nazzjonali ta' aktar

minn Stat Membru wieħed ikunu nqabżu, għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali li jipprevedu l-ogħla proporzjon ta' rappreżentanti tal-impjegati.

Or. en

Emenda 241

Proposta għal regolament
Artikolu 106b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 106b
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija f'dan l-Artikolu għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 7, 8, 34, 35 u 98 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att

delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont dan l-Artikolu għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' 3 xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 242

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, sa [PO: id-data ***5*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-rapport.	Il-Kummissjoni għandha, sa [PO: id-data ***3*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-rapport.

Emenda 243

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu b'mod partikolari jevalwa l-adozzjoni ***tal-forma ġuridika l-ġdida tal-EU*** Inc., kif ġew ifformati ***l-kumpaniji EU Inc. u kemm inħolqu permezz tal-interfaċċa ċentrali tal-UE u b'mudelli*** armonizzati.	Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu b'mod partikolari jevalwa***:***
	(a) l-adozzjoni ***tal-forom ġuridiċi l-ġodda EU*** Inc. ***u EU Inc. SO***, ***inkluż l-għadd ta' kumpaniji EU Inc. u EU Inc. SO li nħolqu,*** kif ġew ifformati ***u sa liema punt intużaw il-mudelli*** armonizzati ***għall-artikoli standard ta' assoċjazzjoni***;
	(b) il-punt sa fejn il-forma ġuridika EU Inc. iffaċilitat l-istabbiliment, l-iskalar transfruntier u l-operat ta' kumpaniji innovattivi u orjentati lejn it-tkabbir fis-suq intern;
	(c) jekk il-lista ta' attivitajiet ekonomiċi stabbilita fl-Anness II tibqax xierqa biex jiġi żgurat li l-forma ġuridika ta' EU Inc. tibqa' mmirata lejn kumpaniji innovattivi u orjentati lejn it-tkabbir u fl-istess ħin tipprevjeni l-użu ħażin tal-forma korporattiva;
	(d) l-applikazzjoni u l-effettività tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati fil-livell tal-bord, b'mod partikolari:
	i. l-interazzjoni bejn ir-reġim ta' involviment tal-impjegati stabbilit b'dan ir-Regolament u s-sistemi nazzjonali tar-regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati;
	ii. jekk ir-Regolament wassalx għal arbitraġġ regolatorju, ċirkomvenzjoni tar-regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-

impjegati, jew frammentazzjoni artifiċjali ta' intrapriżi jew gruppi għall-fini li jiġu evitati obbligi relatati mal-parteċipazzjoni tal-impjegati;

(e) il-punt sa fejn ir-Regolament tejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-kumpaniji EU Inc., inkluż permezz ta' kapital ta' riskju, investituri istituzzjonali u sorsi oħra ta' finanzjament;

(f) jekk ir-Regolament naqqasx il-kostijiet legali, amministrattivi u ta' konformità għall-kumpaniji li joperaw bejn il-fruntieri;

(g) l-applikazzjoni tal-Artikolu 103c dwar il-bażi tad-data pubblika dwar il-ġurisprudenza tal-Unjoni u dik nazzjonali relatata mal-kumpaniji EU Inc., b'mod partikolari:

i. il-funzjonament tal-bażi tad-data;

ii. l-għadd ta' sentenzi ppubblikati minn kull Stat Membru, kif ukoll l-għadd ta' sentenzi relatati ma' kumpaniji EU Inc. mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, magħmula disponibbli permezz tal-bażi tad-data;

iii. jekk il-bażi tad-data tistax tiġi estiża biex tkopri d-dritt Ewropew tal-kumpaniji b'mod aktar sistematiku;

iv. il-punt sa fejn il-bażi tad-data tikkontribwixxi għat-trasparenza, l-aċċessibbiltà u l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament fl-Unjoni kollha.

(h) il-funzjonalità u l-kontenut tal-pjattaforma diġitali EU Inc..

Meta jkun xieraq, ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva waħda jew aktar. Dawn il-proposti jistgħu, b'mod partikolari, jipprevedu:

- l-istabbiliment ta' Osservatorju Ewropew tad-Dritt tal-Kumpaniji, biex jipprovdi aċċess miftuħ u informazzjoni komparabbli dwar ir-regolamentazzjoni

tan-negozju fl-Istati Membri, bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni;

- qafas armonizzat għal strumenti ta' dejn simili għal ekwità li jippermetti lill-investituri jipprovdu kapital fit-tul lil kumpaniji mingħajr ma jakkwistaw drittijiet ta' sjieda jew kontroll, inklużi regoli ta' insolvenza marbuta ma' dawk l-istrumenti.

Or. en

Emenda 244

Proposta għal regolament
Artikolu 108 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull ***5*** snin minn [PO: id-data ***5*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-ammont imsemmi fl-Artikolu 16(2) f'konformità mal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP, Harmonised Index of Consumer Prices) stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2016/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	2. Kull ***sentejn*** minn [PO: id-data ***3*** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-ammont imsemmi fl-Artikolu 16(2) f'konformità mal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP, Harmonised Index of Consumer Prices) stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2016/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 245

Proposta għal regolament
Anness I – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ANNESS	ANNESS ***I***

Or. en

Emenda 246

Proposta għal regolament
Anness Ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS Ia
	Lista ta' attivitajiet ekonomiċi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament
	Lista ta' attivitajiet ekonomiċi li jitqiesu li x'aktarx ma jiżviluppawx prodott, servizz jew proċess ġdid jew imtejjeb li jvarja b'mod sinifikanti minn iterazzjonijiet preċedenti u li jsir disponibbli għall-utenti potenzjali, espressa bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE):
	1. Kostruzzjoni
	2. Attivitajiet tat-tindif
	3. Servizzi ta' ospitalità
	4. Trasport tal-merkanzija bit-triq
	5. Attivitajiet tal-kura residenzjali
	6. Ipproċessar u preżervazzjoni tal-laħam u produzzjoni tal-prodotti tal-laħam
	7. Attivitajiet tal-investigazzjoni u tas-sigurtà

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-kompetittività tal-Ewropa tistrieħ fuq il-kapaċità tagħha li tkun innovattiva. Dan jibda bl-investiment pubbliku permezz ta' programm Orizzont b'saħħtu u awtonomu, iżda t-triq mir-riċerka dwar l-ideat sal-kummerċjabbiltà ta' dawk l-ideat tiddependi bl-istess mod mill-kundizzjonijiet strutturali li l-Ewropa s'issa naqset milli tipprovdi bis-sħiħ kif ukoll il-kapaċità tagħha li tattira l-investiment privat. L-Unjoni teħtieġ ambjent miftuħ u ta' appoġġ għall-istart-ups u kapital ta' riskju suffiċjenti għall-iscale-ups. Dan jeħtieġ protezzjoni minn kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi terzi, u jeħtieġ li jiġi protett mit-trasferiment involontarju tal-innovazzjoni ffinanzjata mill-flus pubbliċi Ewropej lejn pajjiżi terzi. Għalhekk, l-isfruttar tal-potenzjal tas-suq intern għall-istart-ups u għall-iscale-ups huwa kruċjali. Il-ħolqien ta' forma korporattiva pan-Ewropea għall-istart-ups u għall-iscale-ups jagħti lill-Ewropa l-opportunità li toħloq siġill ta' kwalità għall-innovaturi, għall-ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet u għall-investituri. EU Inc. għandha ssir dan is-siġill ta' kwalità. Dan jirrikjedi ċertezza legali għall-forma ta' kumpanija maħluqa ġdida, jirrikjedi rikonoxximent awtomatiku u standards unifikati, jirrikjedi proċeduri diġitali, u jirrikjedi l-bilanċ it-tajjeb bejn il-liberalizzazzjoni u s-salvagwardji għall-interessi pubbliċi – speċjalment għad-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali.

Għażla tal-Bażi Legali

Il-bażi legali għall-proposta magħżula mill-Kummissjoni tittestja l-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni. Hemm dubju dwar jekk il-ħolqien ta' forma korporattiva huwiex l-okkażjoni t-tajba biex isir dan peress li l-għażla tal-bażi legali tqajjem kwistjonijiet importanti ta' ċertezza legali għall-kumpaniji li jagħżlu li jipparteċipaw fil-forma ġuridika. Filwaqt li l-ambizzjoni tal-proposta għandha tintlaqa' tajjeb, id-disinn legali tagħha jistħoqqlu skrutinju bir-reqqa. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li r-rapport leġiżlattiv fuq inizjattiva proprja tal-Parlament kien ippropona preċedentement direttiva ta' armonizzazzjoni sħiħa bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 50 tat-TFUE, li tippermetti votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u tirrifletti l-prattika stabbilita fl-armonizzazzjoni tad-dritt Ewropew tal-kumpaniji. L-Artikolu 50 tat-TFUE, bħala *lex specialis*, jipprevedi l-użu ta' direttivi. Minnaħa l-oħra, il-Kummissjoni għażlet l-Artikolu 114 tat-TFUE bħala l-unika bażi legali, sabiex tevita kemm l-unanimità skont l-Artikolu 352 tat-TFUE kif ukoll sabiex tippermetti l-adozzjoni ta' regolament. Dan jirrappreżenta tbegħid sinifikanti minn approċċi preċedenti għall-armonizzazzjoni tad-dritt Ewropew tal-kumpaniji. Il-Kummissjoni tonqos milli tispjega kif tibbaża proposta dwar id-dritt tal-kumpaniji esklużivament fuq l-Artikolu 114(1) tat-TFUE għalkemm din il-bażi legali hija espliċitament subordinata għal kwalunkwe bażi legali aktar speċifika fit-Trattati bħall-Artikolu 50 tat-TFUE. Fid-dawl tal-limiti ta' żmien stabbiliti mill-istituzzjonijiet tal-UE, ir-rapporteur ma pproponiex bidliet fil-bażi legali f'dan l-istadju iżda jixtieq iqajjem it-tħassib tiegħu.

Kamp ta' applikazzjoni

L-abbozz ta' rapport tar-rapporteur jibni fuq il-konvinzjoni li l-kompetittività Ewropea u d-dimensjoni soċjali Ewropea jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Għalhekk, l-objettiv ta' dan l-abbozz ta' rapport huwa li jinħoloq qafas korporattiv li jgħaqqad il-formazzjoni diġitali u rapida tal-kumpaniji, u l-investiment simplifikat mal-fiduċja, il-governanza korporattiva responsabbli, salvagwardji soċjali b'saħħithom u effettivi.

Inħoloq artikolu ġdid dwar il-kamp ta' applikazzjoni, li jissostitwixxi l-Artikolu 4 preċedenti tal-proposta. Dan l-artikolu mhux biss jiċċara r-relazzjoni bejn ir-regolament, l-istatut ta' assoċjazzjoni tal-kumpanija u d-dritt nazzjonali obbligatorju, iżda jindika wkoll il-liġi applikabbli għall-kuntratti ta' impjieg individwali u jiċċara li r-regolament ma jistax inaqqas id-drittijiet jew l-elementi ta' protezzjoni tal-ħaddiema, inklużi d-drittijiet tal-istrajkjar, tan-negozjar kollettiv u tal-azzjoni kollettiva f'konformità mad-dritt jew mal-prattika nazzjonali. F'konformità mal-għan tar-regolament li jinħoloq qafas legali għal kumpaniji innovattivi mingħajr ma jwassal għal kunċetti legalment ambigwi bħal "innovattivi", l-artikolu l-ġdid jipprevedi li kumpanija EU Inc. ma tistax tiġi stabbilita meta l-għan tagħha jkun attività ekonomika elenkata f'Anness II ġdid tar-Regolament. Dan l-anness jelenka l-attivitajiet li jitqiesu li x'aktarx ma jiżviluppawx prodott, servizz jew proċess ġdid jew imtejjeb li jvarja b'mod sinifikanti minn iterazzjonijiet preċedenti, magħmula disponibbli għal utenti potenzjali.

It-Tisħiħ tal-Kontroll Preventiv

Ir-rapport iżomm l-ambizzjoni li tiġi appoġġjata l-inkorporazzjoni kompletament diġitali permezz ta' interfaċċa Ewropea ċentrali u formoli ta' applikazzjoni armonizzati, reġistrazzjoni fi żmien jumejn ta' xogħol u tariffa massima għar-reġistrazzjoni ta' EUR 100. Sabiex tiżdied il-fiduċja tal-pubbliku fil-forma korporattiva, ir-rapport jagħmel enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-kontroll preventiv tal-legalità. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw l-identità u l-kapaċità ġuridika tal-applikanti, l-awtentiċità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni sottomessa u, meta jkun xieraq, il-konformità mar-rekwiżiti kontra l-ħasil tal-flus qabel ir-reġistrazzjoni. Billi tgħaqqad id-diġitalizzazzjoni ma' salvagwardji preventivi robusti, l-EU Inc. se ssir eżempju għall-ħolqien rapidu u mhux burokratiku ta' kumpanija, iżda wkoll tikketta korporattiva Ewropea affidabbli li tipprovdi ċertezza legali għall-fundaturi, l-investituri, l-impjegati u l-awtoritajiet pubbliċi.

Il-Prinċipju u s-Salvagwardji tal-Pajjiż ta' Oriġini

Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi prinċipju estensiv tal-pajjiż ta' oriġini, li skontu l-materji kollha mhux irregolati minn dan ir-Regolament jew mill-istatut ta' assoċjazzjoni ta' EU Inc. huma soġġetti għad-dritt nazzjonali tal-post tar-reġistrazzjoni. Din il-proposta tmur lil hinn mill-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar il-libertà tal-istabbiliment, li tippermetti limitazzjonijiet tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini, jekk ikun meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħqu r-rekwiżiti obbligatorji ta' interess ġenerali. Prinċipju ta' pajjiż ta' oriġini mingħajr limitu jistieden l-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni u b'hekk joħloq ir-riskju għall-kumpanija EU Inc. li tattira ċ-ċirkomvenzjoni tal-istandards nazzjonali ta' protezzjoni. Jekk fl-ewwel xhur tal-eżistenza tagħha, l-EU Inc. issir magħrufa bħala mezz għaċ-ċirkomvenzjoni aktar milli innovazzjoni ta' kwalità għolja, din tonqos milli twettaq il-wegħda tagħha li ssir siġill ta' kwalità tal-UE. Sabiex jiġu limitati l-effetti negattivi tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini mingħajr ma tiġi mminata l-effettività tiegħu għall-istart-ups u għall-iscale-ups innovattivi, l-abbozz ta' rapport jissuġġerixxi li l-prinċipju jiġi limitat għal kwistjonijiet tad-dritt tal-kumpaniji u li jiġi introdott ftuħ selettiv definit b'mod ċar lejn fattur ta' konnessjoni differenti għal kwistjonijiet relatati mad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati. Ir-regoli applikabbli għad-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-impjegati fil-livell tal-bord għandhom isegwu l-post tal-impjieg tal-impjegati. Meta kumpanija EU Inc. timpjega ħaddiema f'diversi Stati Membri, għandu japplika l-ogħla livell ta' protezzjoni. Meta ma jkunx possibbli li jiġi

ddeterminat liema reġim nazzjonali ta' parteċipazzjoni tal-impjegati japplika, ir-rapport jipprevedi proċedura ta' negozjar modifikata, immudellata skont il-qafas applikabbli għall-Kumpanija Ewropea (SE), biex jiġu stabbiliti arranġamenti xierqa ta' parteċipazzjoni.

Parteċipazzjoni Finanzjarja tal-Impjegati u Sjieda Azzjonarja Volontarja

Filwaqt li jibni fuq dan l-approċċ, ir-rapport isaħħaħ ukoll il-qafas għas-sjieda tal-impjegati bħala mutur importanti tal-innovazzjoni, l-intraprenditorija u l-ħolqien tal-valur fit-tul. L-Opzjonijiet ta' Stokk għall-Impjegati (ESOs) proposti huma kkomplementati minn Pjanijiet ta' Sjieda ta' Stokk għall-Impjegati (ESOPs). Dawn l-istrumenti saru għodod ewlenin għall-istart-ups u għall-iscale-ups biex jattiraw, iżommu u jimmotivaw it-talent, filwaqt li jippermettu lill-impjegati jipparteċipaw fil-valur li jgħinu joħolqu. Ir-rapport jagħmilha ċara li dawn il-pjanijiet jikkomplementaw u ma jissostitwux (lanqas parzjalment) il-pagi ġusti, il-pensjonijiet jew il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Sabiex il-fundaturi jingħataw varjetà ta' għażliet dwar kif jorganizzaw il-kumpanija tagħhom, l-abbozz ta' rapport jintroduċi EU Inc. bi sjieda ta' stewards volontarja - "EU Inc. SO". Is-sjieda ta' stewards hija mudell ta' governanza innovattiv li jirrifletti fehim usa' tal-kompetittività, ibbażat fuq ir-reżiljenza, l-investiment fit-tul u l-ħolqien ta' valur sostenibbli. Dan jippermetti lill-fundaturi jippreżervaw l-iskop u l-indipendenza tal-kumpaniji tagħhom filwaqt li jipproteġihom minn pressjonijiet fuq terminu qasir u akkwiżizzjonijiet ostili. Billi jespandi l-firxa ta' għażliet ta' governanza fl-ambitu tal-qafas korporattiv il-ġdid, ir-rapport jgħammar lill-kumpaniji innovattivi b'għodod addizzjonali għat-tkabbir sostenibbli u jsaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa li żżomm it-talent, it-teknoloġija u d-ditti innovattivi fl-Unjoni.

Reġim ta' Insolvenza Simplifikat għall-Istart-ups

Ir-rapporteur jirrikonoxxi l-valur miżjud ta' proċeduri ta' insolvenza simplifikati u rapidi għall-istart-ups sabiex titlesta l-unjoni tas-swieq kapitali u għalhekk jittejjeb l-aċċess ta' EU Inc. għall-kapital ta' riskju. Il-kamp ta' applikazzjoni mbagħad ma jridx ikun legalment ambigwu. Għalhekk, l-abbozz ta' rapport iħassar ir-referenza ta' "innovattivi", filwaqt li jżomm il-limitazzjoni għall-istart-ups u jżid il-kriterju ta' għadd massimu ta' krediturі. L-aċċess għal dawk il-proċeduri ma jistax isir dipendenti mill-kapaċità tal-kumpanija li tkopri l-kostijiet ta' tali proċedimenti. Protezzjoni xierqa tal-krediturі tibqa' essenzjali matul il-proċess kollu, li għandha tiġi żgurata bil-ħatra obbligatorja ta' prattikant fl-insolvenza, bħala regola ġenerali.

Soluzzjoni tat-Tilwim

Riżoluzzjoni rapida u ta' kwalità għolja tal-kunflitti hija essenzjali għas-suċċess tal-qafas korporattiv il-ġdid, kif jista' jiġi osservat fil-mudell ta' Delaware Inc. Sabiex ikun possibbli effett simili għall-kumpaniji EU Inc., ir-rapport jintroduċi mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni tat-tilwim barra l-qorti għal kunflitti bejn negozji li jinvolvu kumpanija EU Inc. Barra minn hekk, ir-rapport iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaħtru kmamar ġudizzjarji jew qrati speċjalizzati li jkollhom kompetenza f'materji relatati ma' kumpaniji EU Inc. Dawn il-miżuri huma kkomplementati mill-ħolqien ta' bażi ta-data aċċessibbli għall-pubbliku ta' sentenzi relatati ma' EU Inc. u pjattaforma ta' informazzjoni Ewropea li tipprovdi gwida prattika dwar l-operat tal-kumpaniji EU Inc.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Accountancy Europe – Transparency Register: 4713568401-18
Allied For Startups asbl – Transparency Register: 490631396665634665118544-37
Arise Innovations – Transparency Register: 5150166104319-45
Association Europe Finances Régulations – Transparency Register: 030862195184-34
Association Europe-Finances-Régulations (AEFR) – Transparency Register: 030862195184-34
Association pour l'Unification du Droit des affaires en Europe – Transparency Register: 490631396665-19
Bertelsmann Stiftung – Transparency Register: 13571025706-27
Bitkom e.V. – Transparency Register: 5351830264-31
Bpifrance – Transparency Register: 950921712127-74
Bundesanzeiger Verlag GmbH
Bundesarbeitskammer Österreich – Transparency Register: 23869471911-54
Bundesnotarkammer – Transparency Register: 74591581960-65
Bundesrechtsanwaltskammer – Transparency Register: 25412265365-88
Bundesverband der Deutschen Industrie e.V. – Transparency Register: 1771817758-48
Bundesverband der Deutschen Volksbanken und Raiffeisenbanken – Transparency Register: 22330076571-75
Bundesverband der Freien Berufe e.V. (BFB) – **Transparency Register:** 8116814461-28
Bundesverband der Unternehmen der Künstlichen Intelligenz in Deutschland e.V. – Transparency Register: 133804793067-58
Bundesverband deutscher Banken e.V. – Transparency Register: 0764199368-97
Bundesvereinigung der Deutschen Arbeitgeberverbände e.V. – **Transparency Register:** 7749519702-29
Business Angels Deutschland (BAND) e.V.
BusinessEurope – Transparency Register: 3978240953-79
CCI France – Transparency Register: 569014231604-54
Center for European Policy Analysis (CEPA) – Transparency Register: 265813852170-91
CENTR - Council of European Top Level Domain Registries – Transparency Register: 980834014781-65
Colegio de Registradores de España – Transparency Register: 405772926495-36
COMPASS NGO Croatia
CONFCOMMERCIO - IMPRESE PER L'ITALIA – Transparency Register: 04877777421-88
Confédération des Petites et Moyennes Entreprises (CPME) – Transparency Register: 74081206759-11
Confederation of European Security Services – Transparency Register: 61991787780-18
Conference of European Schools for Advanced Engineering Education and Research – Transparency Register: 484959115993-15
Conseil des Notariats de l'Union Européenne (CNUE) – Transparency Register: 98885666486-72
CONSEIL NATIONAL DES GREFFIERS DES TRIBUNAUX DE COMMERCE – Transparency Register: 124979252649-28
Consejo General del Notariado (Spanish General Council of Notaries)
Corporate & Recovery.Legal
Council of Bars and Law Societies of Europe – Transparency Register: 4760969620-65
Critical Software

Danish Trade Union Confederation – Transparency Register: 805838518601-52
Délégation des Barreaux de France – Transparency Register: 0118191795-12
Deutsche Börse AG – Transparency Register: 20884001341-42
Deutsche Industrie- und Handelskammer (DIHK) – Transparency Register: 22400601191-42
Deutsche Sozialversicherung Europavertretung (DSV) – Transparency Register: 917393784-31
Deutscher Anwaltverein (German Bar Association) – Transparency Register: 87980341522-66
Deutscher Gewerkschaftsbund (DGB) – Transparency Register: 07595112423-87
Deutscher Steuerberaterverband e.V. – Transparency Register: 845551111047-04
Deutsches Aktieninstitut – Transparency Register: 38064081304-25
Die Deutsche Kreditwirtschaft – Transparency Register: 52646912360-95
DIGITALEUROPE – Transparency Register: 64270747023-20
EQT Group – Transparency Register: 372830552142-82
EU Inc Petition – Transparency Register: 848536795849-82
Eumedion – Transparency Register: 65641341034-11
EUROCHAMBRES Association of European Chambers of Commerce and Industry – Transparency Register: 0014082722-83
Euronext – Transparency Register: 17804464809-28
European Banking Federation – Transparency Register: 4722660838-23
European Business Register Association (EBRA)
European Central Bank
European Commission
European Committee of the Regions
European Confederation of Directors' Associations (ecoDa) – Transparency Register: 37854527418-86
European DIGITAL SME Alliance – Transparency Register: 082698126468-52
European Economic and Social Committee
EUROPEAN FEDERATION OF BUILDING AND WOODWORKERS – Transparency Register: 57745478360-42
European Federation of Food, Agriculture and Tourism Trade Unions (EFFAT) – Transparency Register: 33130841043-14
European Fund and Asset Management Association (EFAMA) – Transparency Register: 3373670692-24
European Law Institute (ELI) – Transparency Register: 455458212010-50
European Savings and Retail Banking Group – Transparency Register: 8765978796-80
European Startup Network ivzw (ESN) – Transparency Register: 568027349084-26
European Trade Union Confederation (ETUC) – Transparency Register: 06698681039-26
European Trade Union Institute (ETUI) – Transparency Register: 521878025223-22
EuropeanIssuers – Transparency Register: 20935778703-23
Fagbevægelsens Hovedorganisation – Transparency Register: 18082924076-29
Federation of European Business Information Services – Transparency Register: 825169522150-13
France Digitale – Transparency Register: 479234015862-06
FRANCE FINTECH – Transparency Register: 324920598018-04
Global Legal Entity Identifier Foundation – Transparency Register: 660337819709-62
H/Advisors – Transparency Register: 217097995171-59
Hans-Böckler-Stiftung – Transparency Register: 957887652130-79
Industrie- und Handelskammer für München und Oberbayern – Transparency Register: 974367836943-09
Industriegewerkschaft Metall – Transparency Register: 757195013270-80
International Corporate Governance Network (ICGN) – Transparency Register: 058512095859-77
Invest Europe – Transparency Register: 60975211600-74
Jacques Delors Friends of Europe Foundation – Transparency Register: 9950955102015-11

Kamer van Koophandel Nederland – Transparency Register: 254902496827-41
Kreditschutzverband von 1870 – Transparency Register: 680714550341-40
Ministerium der Justiz und für Migration Baden-Württemberg
Ministerium für Wirtschaft, Handwerk und Tourismus Baden-Württemberg
Nordic Financial Unions – Transparency Register: 4129929362-47
Notarrechtliches Zentrum Familienunternehmen
Österreichische Notariatskammer – Transparency Register: 6475183729-37
Österreichischer Rechtsanwaltskammertag – Transparency Register: 29642463540-93
Quantum Scouts ApS
Radically Open Security
Regulatory Communication – Transparency Register: 785976617848-15
Sage Group – Transparency Register: 086894649381-50
Second Economic Transformation (2ET)
SME United – Transparency Register: 55820581197-35
Social Entrepreneurship Netzwerk Deutschland e.V. – Transparency Register: 292766292395-61
Start-Up Linity
Startup Portugal (Magellan Circle) – Transparency Register: 2939128100578-29
Stiftung Verantwortungseigentum e.V. – Transparency Register: 202064594750-82
Stripe, Inc. – Transparency Register: 389356530261-76
Sustainable Finance Lab (FINEXUS) – Transparency Register: 118453295368-28
Svaz průmyslu a dopravy ČR (Confederation of Industry of the Czech Republic) – Transparency Register: 785320514128-81
Unioncamere Europa asb – Transparency Register: l11122676364-50
VDMA e.V. – Transparency Register: 9765362691-45
Verband Insolvenzverwalter und Sachwalter Deutschlands e.V. – Transparency Register: 962426013632-68
Vereinte Dienstleistungsgewerkschaft (ver.di) – Transparency Register: 16178359495-57
Vereniging VNO-NCW – Transparency Register: 13255254129-80
Vertretung des Landes Nordrhein-Westfalen bei der Europäischen Union
Vertretung des Saarlandes bei der Europäischen Union
Zentralverband des Deutschen Handwerks e.V. (ZDH) – Transparency Register: 5189667783-94
Prof. Dr. Anne Sanders, Universität Bielefeld
Prof. Dr. Björn Laukemann, Universität Tübingen
Prof. Dr. Christoph Teichmann, Universität Würzburg
Professor Dr. Dr. h.c. mult. Peter Hommelhoff, Universität Heidelberg, Institut für deutsches und europäisches Gesellschafts- und Wirtschaftsrecht
Mag. iur. Alexander P. Stern, Universität Heidelberg, Institut für deutsches und europäisches Gesellschafts- und Wirtschaftsrecht
Mag. iur. Victoria Goll, Universität Heidelberg, Institut für deutsches und europäisches Gesellschafts- und Wirtschaftsrecht
Prof. mr. dr.Matthijs de Jongh, Erasmus University

Il-lista ta’ hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur.
Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b’isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma’ dak l-ipproċessar.

Ir-rapporteur inkluda fl-impronta leġiżlattiva kemm il-kontribut li rċieva bil-miktub kif ukoll

il-laqgħat li kellu jew li kellu t-tim tiegħu. Il-laqgħat mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess jiġu ppubblikati f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew u jistgħu jinstabu fl-osservatorju leġiżlattiv.